# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Mejju 2009 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA * Nru. 908





LGY-455
SAINT JOSEPH
CAR RENTALS
St. Joseph Street, Qala GSM 103, Gozo, Malta.
Tel: 2155 1631, 9942 6821, 9949 6821 Fax: 2156 2986
e-mail: saintjoseph@mol.net.mt
website: www.mol.net.mt/saintjoseph
ELF-938

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 908*
*Mejju 2009*
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

*e-mail:* gozopress@onvol.net

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Picture Story (5) • 18
Kummentarju (2) • 19
Osservazzjonijiet • 20
Speċjali Sena Pawlina (11) • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (23) • 28
Snajja Qodma (20) • 30
L-Intervista • 32
Letteratura - Profili (2) • 34
Kummentarju (3) • 37
Passiġġata Biblika (46) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (15) • 40
Għawdex 300 sena ilu • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (9) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (9) • 44
Apprezzament • 46
Irqaqat mill-Imgħoddi • 47
Mix-Xena Sportiva • 49

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Lynda Caton Roseblade, Santwarju Ta'Pinu, Hotel Calypso, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Ġorġ Pisani, mitt sena minn twelidu. Ħajr lil ibnu, n-Nutar P. Ġ. Pisani (ara p. 32-36).*




# *Il-Plus u l-Minus Ekoloġiċi*

*Il-karatteristika agrikola u rurali ta' Għawdex, f'paragun ma' Malta, tidher ukoll mill-istatistika. Il-kontribuzzjoni tal-biedja u s-sajd f'Għawdex hija ta' 7.7 fil-mija tal-GVA kollu tal-gżira, filwaqt li għal Malta l-kontribuzzjoni ta' dan is-settur hi ta' 2.3 fil-mija.*

*Numri oħra bħal dawn fl-istatistika jixhdu li Għawdex tabilħaqq għad għandu potenzjal fejn tista' sseħħ il-wegħda ta' gżira-ekoloġika. U la darba l-wegħda saret u l-poplu Għawdxi (u Malti) laqagħha, l-miżuri kollha li jittieħdu għandhom jitqiegħdu f'dan l-isfond. L-istrateġija trid tkun imfassla fit-tul u bir-reqqa. Iżda sadattant, ma jistax ikun li waqt li id waħda tfassal l-Eko-Għawdex fuq il-karta, l-id l-oħra titħeddel fl-indifferenza jew taħdem fil-prattika anti-Eko-Għawdex.*

*Tassew, tassew, li mill-fondi tal-UE qed jingħataw għajnuniet lill-bdiewa, raħħala u sajjieda. F'dawn l-aħħar għaxar snin kien hawn qawmien tal-kultura tal-għeneb u ż-żebbuġ – storja ta' suċċess ta' ftit li għadha ma ssarfitx f'eżempju li jkaxkar lill-oħrajn. L-'Environmental Landscapes Consortium' b'għaxar 'green fingers', ta laqta ta' lwien lil xi toroq tagħna – fejn almenu mess m'Għawdex bis-saba' ż-żgħir biss. Inbnew ukoll xi ħitan tas-sejjieħ – għalkemm mhux dejjem skont ir-regoli klassiċi. Ingħalqu l-miżbla tax-Xagħra u l-inċeneratur ta' l-isptar. Il-pajsaġġ qed jitnaddaf mill-karrakki mitluqa fih. Qed jaħdem ukoll l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ. Veru wkoll li qed jitfassal pjan integrat. Dan kollu, ftit jew wisq, huwa favur il-viżjoni eko-Għawdex. Għall-inqas bdejna!*

*Iżda fl-istess waqt, għandna firxiet sħaħ ta' raba' mitluq u mimli bil-ferli u l-ħafur; max-xitwa li għaddiet, ħitan tas-sejjieħ, minn dawk li baqa' ma' l-isdra ta' l-għoljiet, komplew jiġġarrfu, bil-ħamrija tinġarr mal-widien, wara kull ħalba xita qawwija, sal-ħamla fix-xtajtiet. Jekk f'Malta fl-aħħar tliet snin tnaddfu tmintax-il wied (PQ 2757), f'Għawdex kemm-il wied tnaddaf fl-istess żmien? L-1859 spiera ( kif rreġistrati sa Ġunju 2008) - u jekk baqa' magħhom spieri llegali - għadhom jerdgħu aktar milli suppost l-ilma minn taħt l-art. Binjiet għoljin u klawstrofobiċi għadhom telgħin. Il-karozzi, ġodda u antikalji, idennsu u jniġġsu l-arja għadhom joktru u jiżdiedu u jimlew l-art. Dawn kollha huma fl-oppost tal-viżjoni eko-Għawdex.*

*Lanqas nistgħu ma niddisappuntawx ruħna meta l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni f'nifs wieħed iħassar dak li tħabbar fil-Baġit ftit tax-xhur ilu, li f'Għawdex se jiġu introdotti karozzi tal-linja mħaddma bl-elettriku. In-nefqa ta' 1.9 miljun Ewro kienet issa meqjusa eżorbitanti. Jekk kien proġett pilota, l-inqas li nistgħu ngħidu hu, li l-pilota ħa falza stikka. Servizz nadif tal-karozzi tal-linja kien xi ftit jagħmel tajjeb fil-prevenzjoni dak, li f'paragun ma' Malta, jonqos fil-kura fis-servizz ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex!*

*L-Għawdxin jitmeżmżu mill-proġetti mkarkra u mill-wegħdi miksurin. Il-fiduċja jeħtieġ tkun ikkultivata. Il-plus u l-minus fil-fiduċja wkoll jistgħu jagħmlu d-differenza għas-suċċess jew il-kaġun tal-viżjoni eko-Għawdex.*

**Joseph W. Psaila**






*Fr Wylde waqt il-laqgħa f'*Dar Ġużeppa Debono, *Għajnsielem.*

### *Kelliem tal-*Priests for Life *jiltaqa' mal-voluntiera ta'* Dar Ġużeppa Debono

Fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu 2009 żar Malta Fr Dennis Wylde OSA, wieħed mill-esponenti prinċipali tal-Moviment *Priests for Life*, organizzazzjoni kattolika ta' saċerdoti u lajċi mwaqqfa fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-1991 bl-għan waħdieni li tippromovi l-ħajja fil-milja tagħha.

Fost l-oħrajn, Fr Wylde għamel żjara lill-isqfijiet Maltin u kien mistieden ukoll ikellem lill-istudenti f'bosta skejjel. Waqt żjara f'Għawdex, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu, hu ltaqa' u tkellem fit-tul mal-voluntiera tad-*Dar Ġużeppa Debono* f'Għajnsielem, organizzazzjoni li taħdem l-iżjed fil-qasam ta' għajnuna u sapport lill-ommijiet mhux miżżewġa. F'introduzzjoni qasira, Maria Attard, fundatriċi u direttriċi, fissret lil Fr Wylde x'inhi l-ħidma tad-Dar u kif din qed twettaq il-missjoni tagħha li tippromovi bil-qawwa l-valuri tal-ħajja f'pajjiżna, b'tagħlim imma wkoll b'għajnuna konkreta lil dawk li jsibu ruħhom f'diffikultà.

Fit-taħdita interessanti li ta, Fr Wylde tkellem fuq il-ħtieġa urġenti li f'pajjiżna tissokta titqajjem kuxjenza favur il-ħajja, li ma tħalli l-ebda lok għall-kontemplazzjoni ta' l-abort u l-ewtanasja. Qabel ħalla xtutna, Fr Wylde kellu wkoll laqgħa mas-saċerdoti Għawdxin, nhar is-Sibt 28 ta' Marzu.

### *Is-Siegħa tal-Omm f'Ta' Pinu*

Nhar is-Sibt 11 t'April, il-Knisja ngħaqdet ma' Marija fi stennija tal-qawmien ta' Kristu. L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, f'din il-ġurnata, filgħodu, mexxa ċelebrazzjoni Marjana, *Is-Siegħa tal-Omm*, fis-Santwarju Nazzjonali tal-



*In-nisa li marru biex jidilku bil-fwejjaħ l-artal.*

Madonna Ta' Pinu. It-talb kien ispirat mit-tradizzjoni tal-Liturġija Latina u dik Biżantina.

Il-qari tal-Vanġelu meħud minn ta' San Mattew, inqara mid-Djaknu Richard Farrugia, mill-Parroċċa tax-Xagħra. Waqt li s-Superjur ta' Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ, Fr Mark Demanuele M.S.S.P. qara parti mid-diskorsi ta' Gregorju ta' Nikomedja, Isqof.

F'kelmtejn Mons. Isqof Grech qal illi Sibt il-Għid huwa s-"siegħa" tal-Omm, siegħa li fiha il-Mara, Bint Sijon, l-Għarusa u l-Omm tal-Knisja, għexet l-akbar prova tal-fidi u tar-rabta tagħha m'Alla.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni, xi nisa, bħalma għamlu n-nisa li marru biex jidilku l-ġisem ta' Ġesù fil-qabar, bdew jidilku bil-fwejjaħ l-Artal, simbolu ta' Kristu.

Ċelebrazzjoni simili tiġi ċċelebrata ukoll fil-Bażilika Marjana ta' Santa Maria Maggiore ġewwa Ruma.

Il-kant, b'Fr Michael Galea fuq l-orgni, tmexxa minn Dorienne Portelli.

### *Ex-parruċċani tal-Fontana ġewwa l-Awstralja*

Nhar il-Ġimgħa 17 t'April, l-ewwel Ġimgħa bi tħejjija għal festa tal-Qalb ta' Ġesù, kien jum speċjali għal diversi ex-parruċċani tal-Fontana li llum huma emigranti ġewwa Melbourne fl-Awstralja. Dan għaliex l-istatwa li huma ħadmu u ħallsu għaliha, replika tal-istatwa titulari li tinsab fil-knisja parrokkjali, xogħol l-istatwarju Alfred Camilleri



Cauchi, waslet fl-istess knisja tal-Fontana. Fis-7.00pm l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebazzjoni sollenni, flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa, fejn kienu preżenti wkoll diversi emigranti mill-Fontana. Wara l-quddiesa l-Isqof Cauchi bierek din l-istatwa li

mbagħad nħarġet f'pellegrinaġġ *aux flambaux* mat-toroq tal-parroċċa, li fih ingħad talb lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Ta' min jgħid li l-komunità ta' emigranti Fontanin fl-Awstralja kienet qed issegwi kull ma' ġara permezz ta' *Radju Sacro Cuor* li kien qed jinstema' fuq l-internet.



### *"Ikun li trid int"*

Nistgħu ngħidu li jum l-Għid fil-parroċċa tax-Xagħra sar marbut mal-*pageant* li jittella' mill-parroċċa tax-Xagħra fit-toroq tar-raħal. Din is-sena ttella' l-*musical* "Ikun li trid int", mużika u kliem ta' awturi Maltin, li sar nhar il-Ħadd 19 ta' April, Ħadd fuq l-Għid, minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li ħabtu fuq il-gżejjer Maltin nhar l-Għid. Dan il-*musical* jittratta dwar l-






istazzjonijiet tal-*via sagra*, u ma' kull stazzjon insibu marbuta biċċa mużika bil-kliem kantat magħha. L-iskop tiegħu huwa li jiġu addattati sitwazzjonijiet tal-*via sagra* għal sitwazzjonijiet partikulari tal-ħajja ta' llum. Il-mużika ġiet orkestrata minn Antoine Theuma, li wkoll mexxa l-orkestra *live* fil-pjazza tax-Xagħra. Kantaw diversi solisti mix-Xagħra, flimkien mal-kor *Voci Angeliche*. Bejn is-siltiet tal-mużika inkiteb kummentarju apposta minn John Agius, filwaqt li l-*acting* kien f'idejn Doris Grech. Xi biċċiet mill-mużika kienu wkoll akkumpanjati minn korjografiji ta' żfin li ħadu ħsiebhom Jennifer Attard u Yanica Camilleri. Hija biċċa xogħol sabiħa ħafna li tinvolvi fiha għadd kbir ta' nies minn din il-parroċċa.

### *Tibda' r-raba' fażi tal-Missjoni Djoċesana*

Kif kien maħsub meta ġiet imnedija l-Missjoni Djoċesana għal din is-sena, matul il-ħamsin jum tal-Għid bdiet ir-raba' fażi tal-Missjoni Djoċesana, żmien ta' ringrazzjament lil Alla għad-doni li għoġbu jagħni bihom lill-Knisja f'Għawdex, kif ukoll żmien ta' proposti ġodda għall-istess Knisja. Parti ewlenija minn din il-fażi hija magħmula mit-tberik fil-familji mill-kappillani tal-parroċċi, li għalih id-Djoċesi qed tħeġġeġ li l-familja kollha tkun preżenti. It-tberik għandu jkompli jwettaq il-preżenza ta' Ġesù fil-familji, mibdija mill-missjunarji fix-xahar ta' Jannar, u msaħħa bil-predikazzjoni matul ir-Randan. Il-kappillan, min-naħa tiegħu, jipproponi lill-familji okkażjonijiet konkreti ta' katekeżi fil-parroċċa, fejn il-membri tal-familja jistgħu komplu jikbru fil-mixja tal-fidi. Dan għandu jwassal ukoll sabiex id-Djoċesi t'Għawdex tiffoka fuq il-frott li tixtieq li jibqa' minn din il-Missjoni, b'mod speċjali li aktar nies fil-parroċċi Għawdxin iħossu l-bżonn li jieħdu sehem attiv fl-Ewkaristija tal-Ħadd u fil-laqgħat tal-formazzjoni. Dan għandu jwassalhom sabiex jagħrfu aħjar il-karizmi tagħhom fil-ministeru fil-Knisja u jieħdu sehem iktar attiv fil-ħajja tagħha.



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Il-Kmandamenti huma patrimonju tal-bnedmin kollha



*Diskors ta' Mons. Isqof, Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, Parroċċa Sannat - Il-Ħadd, 26 ta' April 2009*

**Il-bniedem li jgħix il-ħajja fil-milja tagħha, huwa ġieħ kbir lil Alla. Hija kerha ħafna dawgħa kontra Alla; imma hija kerha wkoll dawgħa kontra l-ħajja umana. Jiżbalja gravament min ma jagħrafx lil Alla, min ma jirrispettax lil Alla, u min ma jħobbx lil Alla; imma daqstant ieħor jonqos serjament min ma jħobbx lilu nnifsu u lill-proxxmu tiegħu, u min ma jħobbx il-ħajja umana. L-antiki kienu jgħidu: irrispetta l-ordni u l-ordni tgħinek biex tgħix il-ħajja tiegħek sewwa – irrispetta l-ordni u l-ordni tgħinek tgħix. L-oppost ta' ħajja ordinata hija l-anarkija. Ikun hemm l-anarkija mhux biss meta n-nies joħorġu fit-toroq u jirribellaw; imma din tista' tkun moħbija, meta fuq barra kollox jidher normali, imma fil-qalba tal-istrutturi jkunu qed isiru prattiċi li jmorru kontra l-ordni etiku, almenu naturali! Ikun hemm id-diżordni u l-anarkija meta l-bniedem ifettillu li jista' jgħaddi mingħajr regola fil-ħajja.**

Issa kemm fil-ħajja tas-soċjetà tagħna lokalment kif ukoll min isegwi l-aħbarijiet fuq livell internazzjonali dejjem nisimgħu li jinħolqu leġiżlazzjonijiet, trattati u kostituzzjonijiet ġodda li juru li l-bniedem għadu jemmen ftit f'dak li kienu jgħidu l-antiki: "Osserva l-ordni u l-ordni żżomm lilek". Imma **filwaqt li qed ngħixu f'kultura fejn nagħtu ħafna importanza lir-regoli u l-liġijiet, jidhrilna wkoll li nistgħu ngħaddu mingħajr il-liġi ta' Alla?!** Hemm id-dikjarazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u jekk xi ħadd iħoss id-dritt tiegħu mirfus jista' jfittex rimedju quddiem l-istituzzjonijiet kemm lokali u kemm barra minn pajjiżna.

Huwa sew li dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem jiġu mħarsa. Imma jekk dan iċ-*Charter* tad-drittijiet tal-bniedem huwa xi ħaġa relattivament riċenti, hemm *charter* ieħor tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huwa antik ħafna, li kien jeżisti qabel Kristu u li kien jeżisti barra mill-organizzazzjoni tal-poplu ta' Alla. Qed nirreferi għal dak il-kodiċi, il-liġijiet u l-ordni li komunement insejħulhom "l-Għaxar Kmandamenti". Dawn il-kmandamenti ma humiex xi patrimonju esklussivament tal-Lhud; f'dak iż-żmien ċiviltajiet oħra kellhom liġijiet jixxiebhu ħafna. Għax qabel ma kienu miktuba fuq "it-twavel tal-patt", il-Kmandamenti nkitbu mill-ħallieq fil-qalb ta' kull bniedem, hu x'inhu t-twemmin tiegħu. **Id-Dekalogu huwa kodiċi jew ordni antik daqs kemm huwa antik il-bniedem. Il-Kmandamenti jiffurmaw liġi morali universali li tgħodd għal kull żmien u kull post.**

**Illum il-ġurnata, però, hawn min jidhirlu li jista' jgħaddi mingħajr ma jagħmel riferenza jew isegwi dawn il-liġijiet fundamentali li Alla ta lill-bniedem jew aħjar dawk il-valuri mħarsa mill-Kmandamenti.** Nimmeravilja ruħi kif bil-progress kollu li qegħdin nagħmlu, illum jidhrilna li nistgħu nagħmlu leġiżlazzjonijiet, regoli u ordni soċjali li jikkuntrastaw ma' dawn il-Kmandamenti! **Il-liġijiet li jagħmel il-bniedem ma jistgħux jittraskuraw il-valuri mħarsa mill-"Kmandamenti".** Meta l-bniedem jixtieq joħloq qafas legali dwar xi aspett tal-ħajja umana, bħalma huma l-inġinerija ġenetika, sperimentazzjoni xjentifika, iż-żwieġ u l-familja, l-ekonomija, ir-relazzjonijiet industrijali, huwa għandu l-"għaxar kmandamenti" bħala l-unika bażi awtentika biex tiġi mħarsa l-ħajja tal-individwi, tas-soċjetà u tan-nazzjonijiet. Dawn huma l-għaxar kmandamenti għal futur ċert, mhux biss tagħna bħala individwi u bħala nazzjon, imma wkoll tal-familja internazzjonali. **L-għaxar kmandamenti huma l-futur ta' kull wieħed u waħda minna – huma l-futur tal-familja tagħna u tal-ħajja tagħna flimkien, tal-familja umana kollha.**

Jekk aħna rridu nagħtu ġieħ lill-Isem Imqaddes ta' Alla u jekk tassew irridu nagħtu glorja lil Alla, ma nistgħux ma nimpenjawx lilna nfusna l-ewwelnett ħalli kull wieħed u waħda minna nosservaw dawn il-kmandamenti; mbagħad biex nagħtu l-kontribut tagħna biex is-soċjetà tagħna, hija u tiżvolġi ruħha, tagħraf timxi fuq il-binarju offrut mill-Kmandamenti li jwassal tassew għar-rispett lejn kull persuna mit-tnissil sal-mewt naturali tagħha.

Santu Wistin ixebbaħ l-għaxar kmandamenti mal-arpa tal-għaxar kordi. Jekk naqtgħu anke korda waħda biss, jekk aħna ma nirrispettawx kmandament wieħed biss, tintilef l-armonija li toffri l-arpa. Min jagħraf idoqq dawn il-kordi flimkien bl-imħabba, ikun jista' jkanta "għanja ġdida". **Għalhekk nappella biex nerġgħu npoġġu f'posthom l-għaxar kmandamenti li tana Alla u li huma miktuba fil-qalb ta' kull wieħed. Kontra kif jallegaw xi wħud, "il-kmandamenti", la huma parti mit-twemmin Nisrani biss u anqas ma huma xi espressjoni purament konfessjonali!** Huwa l-bniedem imdawwal bl-intelliġenza li ntebaħ x'inhuma dawk il-valuri l-aktar importanti biex ikun fidil lejn Alla u lejn in-natura umana awtentika. Qed nitkellmu wkoll dwar dak li hu patrimonju tal-umanità, jiġifieri minn dak li jagħmel lill-bniedem u lill-bniedem sħiħ. **F'soċjetà lajka wieħed ma jistenniex li dak kollu li huwa mmorali għandu jkun imħares bil-liġi; imma wieħed jistenna li kull liġi umana tkun moralment tajba billi tirrifletti l-ordni morali naturali.**

*Kummentarju (1)*

# *Meta Titheżheż l-Art, Titriegħed il-Fidi?... Jew jinfetħu għajnejna għall-Misteru ta' Alla f'ħajjitna?*



*kitba ta'* **Dun RENATO BORG**

**Propju fil-ġimgħa li fiha aħna konna qegħdin inħejju biex niċċelebraw il-Misteru tal-Għid, fil-belt ta' Aquila u fl-inħawi tal-qrib, ġewwa ir-reġjun ta' Abruzzo fl-Italja seħħ terremot qawwi. Wara ftit minuti bdejna nassistu għax-xeni li bdew iwassluIna l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, kemm tat-televiżjoni u kemm dawk ta' l-internet. Tifrik, djar imġarrfa, imwiet, nies tas-salvataġġ ifittxu n-nies mirduma taħt it-tifrik li ħalla warajh it-terremot, u uċuħ imbeżża'. Imbagħad wara ftit sigħat bdejna nisimgħu n-numru ta' nies mejta, ta' nies li spiċċaw bla djar. Il-moħħ tagħna ma setax ma jieqafx fuq din il-ġrajja li seħħet fin-naħa ta' nofs l-Italja. Moħħna tqil b'dawk ix-xeni ta' niket, ta' għajnejn iħarsu fil-baħħ, ifittxu d-dar li ma għadhiex u l-għeżież li ħallewhom mingħajr mank biss selmulhom, telqu hekk ħesrem.** Għalhekk kien diffiċli li f'mumenti bħal dawn il-moħħ jilmaħ xaqq ta' dawl biex ikun jista' jagħti tifsira ta' dan kollu. F'mumenti bħal dawn il-moħħ idur għall-qalb, għaliex il-qalb għandha dawk ir-raġunijiet li l-istess moħħ ma jafx bihom. U qalbna dak inhar daret lejn il-Kurċifiss li minn mument għall-ieħor kien ser jiġi merfugħ fil-knejjes u mxandar bħala s-Salvatur tad-dinja. **Quddiem ġrajja bħal din u oħrajn simili, huma ħafna il-mistoqsijiet li jimirħu f'moħħna. Għaliex dan id-diżastru? Għaliex l-imwiet ta' vittmi innoċenti? Fejn hi l-imħabba u l-qawwa ta' Alla li jsalva?**



### *Il-bidu tat-tifrik*

Il-bidu tat-tifrik beda meta Alla wara li qiegħed lill-bniedem fil-ġnien tal-Eden u poġġieh fuq il-ħlejjaq kollha l-oħra; f'għaqda miegħu u f'armonija miegħu nnifsu, ma' ħutu l-bnedmin, u ma' l-ambjent li bih kien imdawwar, ma kienx kuntent u xtaq li jkun bħal Alla, xtaq li jsir Alla. Kisser il-patt ma' Alla billi naqas mill-kelma li kien ta. Il-konsegwenzi ta' din il-waqgħa ma kienux biss fuq livell spiritwali iżda wkoll fuq id-dinja materjali; daħlet it-tbatija u l-iebes fil-ħajja. **L-armonija bejn il-bniedem u l-ambjent inkisret. Il-bniedem bl-aġir tiegħu seta' jkun ta' theddida għall-ambjent ta' madwaru filwaqt li n-natura u l-elementi tagħha bdew anke joħolqu perikli u ħsarat lill-bniedem.**

### *Il-bniedem mit-tajn magħmul u mhux mill-konkrit*

Din il-ġrajja tat-terremot u ġrajjiet oħra simili qisu **jqajmuna mir-raqda ta' bla ħsieb u mill-illużjonijiet li nkunu qegħdin ngħixu fihom. Kos il-bniedem mhux daqshekk b'saħħtu daqskemm jidher jew daqskemm jagħti l-impressjoni li hu!** Veru l-bniedem għamel progress kbir fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija, iżda minkejja dan kollu l-bniedem jibqa' fraġli, jibqa' limitat u l-esperjenza tad-dgħufija hija wara kull kantuniera ta' l-eżistenza tagħna. Mhux ta' b'xejn li t-traduzzjoni Lhudija tikkontempla din il-fraġilità tal-bniedem meta tara li Alla ħalaq lill-bniedem mit-tajn ta' l-art. Nafu kemm hu fraġli t-tajn, kif ikun f'idejk u imbagħad jaqa' fl-art u jsir frak. Iżda propju għaliex huwa magħmul mit-tajn il-bniedem kapaċijħalli lill-Ħallieq isawru skond ix-xbieha tiegħu u għalhekk, **anke jekk huwa fraġli, però huwa kapaċi jagħti tifsira u skop lill-eżistenza tiegħu fuq din l-art, anke wiċċ imb'wiċċ mat-tbatija tal-ħajja.**

### *Radam l-innoċenti biex kixef dnub il-bniedem*

Wara ftit ġranet bdew joħorġu l-abbużi u l-korruzzjonijiet li kien hemm wara ħafna bini li waqa' qisu kastell tal-karti. Nies li wettqu tibdil strutturali fi flats mingħajr il-permessi meħtieġa. **Dehret ukoll il-korruzzjoni ta' ħafna**, fosthom il-mafia li ħaxxnet butha billi spekulat fil-bini, fosthom l-isptar ta' Aquila li nbena fis-sena 2000 u li parti minnu waqgħet mingħajr ebda reżistenza ta' xejn, b'riżultat li x-xogħol li sar kien wieħed ta' livell baxx. **Tabilħaqq, it-terremot radam in-nies innoċenti izda kixef dan kollu,**



**kixef dnub il-bniedem u l-inġustizzji soċjali tiegħu. Forsi radam kollox biex juri fiċ-ċar ir-responsabiltà ta' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, b'għemilhom jew inkella bl-omissjonijiet tagħhom ħallew li dawn it-traġedji setgħu jkunu possibbli. Wara kull inġustizzja li jwettaq il-bniedem, żgħira jew kbira, il-bniedem stess jew l-ambjent ikollhom iħallsu b'munita qarsa u għolja dan id-dnub.** Saħansitra lanqas il-ħasra u l-istat tal-biki li fih sabu ruħhom it-terremotati ma żamm li xi xakalli milli jipprovaw japprofittaw billi jisirqu lil min ta' fuqu kien senduqu.

*Fjur jew ġawhar qalb it-tifrik*

**Forsi tista' tidher paradossali kif wieħed jiġbor il-fjuri qalb dik il-ħerba jew li jsib il-ġawhar qalb dak it-tifrik tal-ġebel li ħasad ħajjiet in-nies u qered ħafna mill-ħolm tal-ħajja.** Imma dan hu verament possibbli meta wieħed jibda jisma' b'dawk ir-rakkonti ta' nies li quddiem it-terremot ma ħasbux għalihom infushom iżda taw ħajjithom għall-oħrajn għaliex il-bniedem jakkwista ħajtu meta jitlifha. Smajna b'żagħżugħ li meta kien għad hemm xi theżhiża żgħira talab lill-missieru biex imur jorqod ma' nanntu għaliex kien jaf li dik anzjana tibża' torqod weħidha u l-preżenza tiegħu setgħet kienet tkun ta' serħan għaliha. **L-għada sabu liż-żagħżugħ u lil nanntu mejtin flimkien f'tgħanniqa ta' mħabba. Kwadru hekk sabiħ li ħareġ mit-tifrik ta' dan it-terremot.** Imbagħad żgħażagħ oħra, forsi wliedna li ma jonqoshom xejn, ħafna drabi huma hekk egoisti, jaħsbu għalihom biss, ma jimpurtahomx mis-sentimenti ta' l-oħrajn, jekk mhux ukoll, minħabba nuqqas ta' responsabiltà u traskuraġni, ipoġġu lil ħajjithom u ħajjet ħaddieħor fil-periklu. Kwadru ieħor sabiħ ta' mħabba rajnieh meta fit-tfittxija **nstabu diversi koppji miżżewġa mgħannqin flimkien, jipproteġu lil uliedhom mill-ġebel li kien niżel fuqhom.** Tassew dawn offrew ġisimhom bħala offerta ħajja biex ikunu jistgħu jsalvaw lil uliedhom u biex uliedhom ma jiġrilhom ebda ħsara. X'differenza mill-koppji miżżewġa li għax iridu jinfirdu, jużaw lil uliedhom biex iweġġgħu lil xulxin. **Ma nafx liema terremot ifarrak l-iktar, hux tak tan-natura jew dak maħluq b'kapriċċ mill-bniedem.**

Tabilħaqq Alla tagħna jħoss, mhux imbiegħed. Alla bagħtilna lill-Ibnu mhux biex jibki magħna, mhux biex iħoss magħna l-firda, il-fraġilità u x-xejn tagħna imma biex huwa sar għalina mewt, sar dgħufija, sar dnub għalina. Hu ħa fuqu l-kundanna li kienet tistħoqq lilna sabiex ebda terremot fil-ħajja ma jkun jista jhedded lill-eżistenza tagħna hekk li jħalliha mingħajr tifsira fil-mixja tal-ħajja. **It-tentazzjoni, tiegħi u tiegħek li qiegħed taqra, hija li f'mumenti bħal dawn induru lejn l-Imsallab u ngħidulu "jekk int Alla inżel minn fuq is-salib". Iżda għal darba oħra t-tweġiba li tinstema' tidwi qawwija fis-skiet hija l-istess tweġiba li Kristu ta lil dawk li stennew minnu li juri d-divinità tiegħu fil-qawwa ta' għemilu:"Fis-salib hemm il-glorja, il-qawwa u l-ħajja." Anke terremot huwa misteru ta' fidi!**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# X'għadda minn għalina



**Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri**

## *Il-President ġdid ta' Malta jagħmel l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex*

Il-President ta' Malta, l-E.T. Dr. Ġorġ Abela, f'Ħadd il-Palm wara nofsinhar, kellu l-ewwel impenn tiegħu f'Għawdex, meta żar għall-ewwel darba uffiċjalment Dar Arka. Milqugħ miċ-*Chairman* Mons. Emanuel Curmi, iltaqa' u tkellem mal-ħaddiema, voluntieri u persuni residenti kif ukoll ma' dawk kollha li kienu qed jagħtu l-ħin tagħhom biex jagħtu divertiment lill-pubbliku għall-ġbir ta' fondi b'risq l-ARKA, u għal xi ħin irrisponda wkoll diversi telefonati waqt Maratona li kienet trażmessa *live* fuq Net TV. F'kelmtejn qosra, l-E.T. kellu kliem ta' tifħir għal dak li qed tagħmel l-Arka flimkien mal-voluntieri kif ukoll lil dawk kollha li qed jagħtu mill-ġenerożità tagħhom biex jgħinu lil dawk il-persuni b'xi forma ta' diżabbiltà. Il-President ta' Malta żied jgħid illi l-qasam tal-volontarjat jixraqlu kull rikonoxximent. U li fl-ewwel laqgħa li ser issir tal-*Community Chest Fund*, iħoss illi għandu jressaq emendi ħalli l-qasam tal-volontarjat ikollu wkoll ir-rappreżentanza tiegħu Għawdxija. L-Arka jixirqilha kull għajnuna mhux fi flus biss imma anke f'servizzi, tenna l-President.



*L-E.T. il-President ta' Malta jiġi milqugħ minn Mons. Emanuel Curmi.*

Dar Arka, li tagħti servizzi lil dawk bi bżonnijiet speċjali u lill-familji tagħhom, trid elf ewro kuljum fi ħlasijiet. U dan barra s-servizzi li jagħtu bla ebda ħlas numru tajjeb ta' voluntieri.

## *Manifestazzjoni Reliġjuża fl-Oratorju Don Bosco*

L-Oratorju Don Bosco fakkar għeluq il-75 sena mit-twaqqif tiegħu u għeluq il-75 sena wkoll mill-bidu ta' l-ewwel Oratorju f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni saret Manifestazzjoni Reliġjuża għat-tfal fl-istess ħin li fih kienet saret il-Kanonizzazzjoni ta' Don Bosco f'April ta' l-1934.



*Il-Manifestazzjoni tat-tfal fi Triq it-Tiġrija fi triqtha lejn l-Oratorju Don Bosco*

L-istatwa ta' Don Bosco ttieħdet mingħand is-Sorijiet Sależjani fi Triq it-Tiġrija għall-Oratorju Don Bosco fejn il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci mexxa quddiesa għat-tfal. Wara, dawn intwerew *film* dwar Don Bosco. Filgħaxija mbagħad Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, mexxa quddiesa Sollenni ta' Radd il-Ħajr. Ħa sehem il-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. John Galea.



*Mument waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-okkażjoni fil-kappella tal-Oratorju Don Bosco*

## *"The Seven Words of Christ" mill-Chorus Urbanus*



*Il-Chorus Urbanus waqt din il-*cantata *fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat, Għawdex*

Nhar Ħadd il-Palm, 5 t'April , il-*Chorus Urbanus* ippreżenta *The Seven Words of Christ* tal-kompożitur Theodore Dubois, fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Vittoria. Din il-*cantata* miktuba għal solisti, kor u *ensemble* kienet miktuba fl-1867 u ġiet ippreżentata għall-ewwel darba f'Malta propju f'dan il-kunċert. Is-solisti li ħadu sehem kienu Yvonne Galea (sopran), Joseph Aquilina (tenur) u Alfred Camilleri (baritonu). Is-solisti flimkiem mal-*Chorus Urbanus* u l-*ensemble* kienu taħt id-direzzjoni mużikali ta' Dr. John Galea, id-direttur ta' l-istess kor.

Din il-*cantata* hi maqsuma fi tmien movimenti: tiftaħ b'introduzzjoni għas-sopran segwita minn moviment għal kull kelma ta' Kristu. Qabel kull moviment inqara ħsieb bil-Malti u bl-Ingliż biex jintroduċi l-kelma rispettiva minn Carm Cachia u Tony Prescott. L-*ensemble* li akkumpanjat lill-kor u lis-solisti kienet iffurmata minn Ian Peter Bugeja (organ), Anne-Marie Camilleri Podestà (arpa) u Frans Azzopardi (timpani).

Il-kunċert fetaħ bi tliet biċċiet *solos*: *Quia Respexit - Magnificat* ta' J.S. Bach, interpretata minn Cara Waring (sopran), *Pro Peccatis - Stabat Mater* ta' G. Rossini interpretata minn Noel Galea (baxx) u *The Holy City* ta' S. Adams, interpretata minn Mario Portelli (tenur), din ta' l-aħħar bis-sehem tal-Chorus Urbanus. Wara dawn, il-*cantata* ta' Dubois ġabet fit-tmiem dan il-kunċert għall-Ġimgħa Mqaddsa 2009. Il-*compere* tas-serata kien il-Kav. Joe. M Attard.

Ta' min isemmi li dan il-kunċert hu t-tieni wieħed f'temp ta' erba' xhur li l-*Chorus Urbanus* ippreżenta fil-Bażilika San Ġorġ. Il-kunċert preċedenti kien *Il-Kunċert tal-Milied* li nżamm nhar l-20 ta' Diċembru 2008 u li fih il-*Chorus Urbanus* interpreta l-*Pastoralmesse* tal-kompożitur Karl Kempter. F'dik l-okkażjoni, l-kor kien akkumpanjat mill-orkestra ta' l-Università Kore d'Enna li nġabet apposta propju għal dan il-kunċert.

Ripetizzjoni ta' dan il-kunċert ġiet ippreżentata nhar it-Tlieta 7 ta' April 2009 fl-Aula Magna, fil-bini ta' l-Università l-Qadima, fil-Belt Valletta. Apparti r-ripertorju li ġie ppreżentat fl-ewwel kunċert, f'dan il-kunċert ġew esegwiti wkoll *Study for Strings* ta' P. Haas u *String Quartet in C Major op.1, No.6* ta' J. Haydn mill-*University String Ensemble*, kif ukoll *Fac ut Portem - Stabat Mater* ta' G.B. Pergolesi interpretata mill-mezzo-sopran Graziella Debattista.

## *Jum il-Bizzilla ta' Għawdex*



*Jodie Azzopardi ta' sitt snin mix-Xagħra taħdem il-puntina*

L-attività annwali ta' Jum il-Bizzilla li ġiet organizzata għat-13-il sena konsekuttiva nhar il-Ħadd 19 ta' April fiċ-Ċentru ta' l-Università ġewwa Għawdex, kienet tikkonsisti f'numru ta' esebizzjonijiet ta' xogħol tal-bizzilla, kif ukoll numru ta' diskorsi dwar materji relatati max-xogħol tal-bizzilla. Preżenti kien hemm Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, Anton Tabone, ex *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, kif ukoll Consiglia Azzopardi, il-koordinatriċi tal-*Lace Making Programme*.

Giovanna Debono spjegat kif il-Ministeru għal Għawdex isostni inizjattivi taċ-Ċentru ta' l-Università ġewwa Għawdex bħala parti mill-ħidma tiegħu biex jippromwovi u jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim għal matul il-ħajja. Il-programm tat-tagħlim tal-bizzilla li jittella' minn ġewwa ċ-ċentru, għandu sinifikat importanti mhux biss għax iżomm din is-sengħa tradizzjonali u prestiġjuża ħajja, iżda wkoll għax permezz tiegħu l-istudenti jiġu esposti għal tagħlim relatat, bħal ma huma l-istorja ta' l-Arti u d-disinn. Il-Ministru ħeġġet lill-parteċipanti biex jikkunsidraw li jibdew il-kors li jwassal għal Diploma fl-Istudju tal-Bizzilla li jiġi offrut fiċ-Ċentru ta' l-Università f'Għawdex. Hija ssuġġeriet ukoll li permezz ta' ko-ordinazzjoni mal-*Gozo College*, jista' jingħata aktar tagħrif u jsiru lezzjonijiet prattiċi lill-istudenti ta' l-iskejjel f'Għawdex.

Fid-diskors tiegħu, Anton Tabone faħħar il-ħidma tal-Professur Lino Briguglio u l-amministrazzjoni taċ-Ċentru, u b'mod partikolari lil Consiglia Azzopardi, għax-xogħol li qed jagħmlu. Hu awgura li din is-sena jkun hemm biżżejjed applikanti biex il-kors li jwassal għal Diploma fl-istudji tal-bizzilla jkun jista' jiftaħ. Hu nkoraġġixxa lill-Ministeru għal Għawdex biex ikompli bl-għajnuna siewja li qed jagħti liċ-Ċentru ta' l-Università ġewwa Għawdex.

Fid-diskors tagħha, Consiglia Azzopardi tkellmet dwar il-ħidma li saret u l-korsijiet tal-bizzilla li kienu offruti mil-*Lace-Making Programme* matul l-aħħar sena. Hi qalet li għall-ewwel darba kien offrut kors bażiku fuq il-bizzilla lil numru ta' tfal.



*Parteċipanti fil-Wirja tal-Bizzilla*

Hi qalet ukoll li huwa ppjanat li matul is-sajf ta' din is-sena, ser jerġa' jiġi offrut kors fuq il-bizzilla lill-parteċipanti internazzjonali.

L-attività mbagħad kompliet bil-preżentazzjoni ta' ċertifikati mill-Ministru Giovanna Debono, kif ukoll minn taħdita interessanti minn John Vella dwar it-tipi ta' ħjut li hawn disponibbli fis-suq lokali għall-ħjata tal-bizzilla. Iris Galea Lowell għamlet preżentazzjoni interessanti dwar *Il-Bizzilla matul iż-żminijiet tal-Preistorja.*

Wara, dawk preżenti kienu mistiedna biex iżuru u jipparteċipaw fin-numru ta' esebizzjonijiet imwaqqfa mil-*Lace Making Programme*, mill-*International Organisation of Needle and Bobbin Lace* (OIDFA) u mill-*Malta Lace Guild.* Numru ta' *stands* oħra kienu mtellgħa mill-Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u l-Artiġanat.

## *Il-"Gran Ballet" fl-Aurora*



Il-Festival tal-Mużika: "Gawlitana" kompla bil-preżentazzjoni tal-*Gran Ballet* li ttella' fit-Teatru Awrora nhar is-Sibt 18 t'April fit-8.00pm. Il-kumpanija tal-*Ballet* ta' Moska ppreżentat programm ta' siltiet ta' żfin tal-*ballet* meħud mill-aqwa *ballet* tad-dinja bħal ma huma *"Sleeping Beauty"*, *"Nutcracker"* u tlett siltiet minn *"Swan Lake"*, kollha kompożizzjonijiet ta' Tchaikovsky. Esegwew ukoll *Pas de quatre ta' Puni*, *Pas de Deux* mill-*ballet "Giselle"* t'Adam, id-danza Ukraina *"Gopak"* ta' Sedoy, il- *"Festival of Flowers in Genzano"* ta' Helstedt, l-Adagio minn *"Spartacus"* ta' Khachaturyan, *"The Swan"* ta' Saint-Saëns, l-Adagio mill- *"Carmen"* ta' Bizet, il-*Pas de Deux* mill- *"Le Corsaire"* t'Adam, l-*Adagio* mill-*ballet Cinderella* ta' Prokofiev, u l-*Grand Pas* minn Don Quixote ta' Minkus. Is-solisti ta' dan il-*ballet* kienu: Natalia Kolosova, Daniil Kuryinov, Natalia Kleymenova, Anatoly Emelianov, Daria Makarova, Natalia Kolosova, Valeria Guseva, Sergey Zolotarev, Anastasiya Kachaeva, Svetlana Lobanova, Artem Horoshilov, Lidia Krivonosova, Daria Makarova, Galina Ahmetova, Zinaida Chugunova, u Galina Govanova.

## *Fiera Festa tal-Għadira*

Mijiet ta' familji Għawdxin u Maltin u anke barranin li bħalissa jinsabu fostna, il-Ħadd, 19 t'April ħadu sehem fl-attivitajiet organizzati mill-Kumitat tal-Festa ta' Kerċem fl-okkażjoni tal-25 edizzjoni tal-FIERA FESTA TAL-GĦADIRA. Din il-fiera għal dawn l-aħħar 25 sena żammet it-tradizzjoni li ssir Ħadd fuq l-Għid il-Kbir f'wieħed mill-isbaħ postijiet li wieħed isib f'Għawdex - l-Għadira ta' San Raflu.



*Waqt il-fiera festa tal-Għadira f'Kerċem*

L-edizzjoni ta' din is-sena reġgħet offriet sigħat ta' divertiment għal dawk kollha li żaru l-inħawi tal-Għadira ta' San Raflu. Għadd kbir ta' *stands* ta' lotteriji, logħob, pjanti, ikel u xorb, flimkien ma' kompetizzjoni kbira tal-isparar fuq il-plattini u l-*area* tat-tfal kienu l-qofol tal-attivitajiet kollha organizzati.



Sa minn kmieni wara nofsinhar sriebet ta' karozzi mimlija bin-nies erħewlha lejn l-Għadira u ħadu sehem fil-kompetizzjonijiet u rebħu diversi rigali. It-tfal iddevertew bil-kbir fl-*area* ddedikata għalihom li kienet mimlija logħob u attrazzjonijiet. Ħadu l-opportunità unika b'dawra fuq il-*pony* madwar l-Għadira.

L-irġiel u ż-żgħażagħ ipparteċipaw bi ħġarhom f'kompetizzjoni ta' sparar fuq il-plattini, b'mijiet oħra jsegwu din il-kompetizzjoni mit-toroq tal-madwar. Insomma kienet festa sħiħa għall-familja kollha, bil-qiegħ li jibqa' jmur b'risq il-festa tal-Madonna tas-Sokkors.

*Dawra fuq il-pony fil-fiera tal-Għadira*

## Swor Lydia tagħlaq 100 sena



Swor Lydia Formosa, Soru tal-Karità minn Għawdex għalqet 100 sena. Swor Lydia twieldet ir-Rabat Għawdex u hija t-tielet waħda minn 8 ulied. Irċeviet il-magħmudija fil-Bażilika ta' San Ġorġ ir-Rabat, fejn tawha l-isem ta' Ġużeppa.

Ta' 22 sena daħlet soru tal-Karità fejn diġà kellha oħta ta' qabilha, Swor Angela Maria, li llum ma għadiex magħna. Swor Lydia ħadmet bħala *nurse* f'diversi sptarijiet. L-iktar żmien li qattgħet kien ma' l-anzjani fl-isptar San Vinċenz de Paul. Fil-gwerra nsibuha taħdem qalb il-feruti fl-isptar Ċentrali tal-Furjana. Hija dejjem qdiet dmirha sewwa b'imħabba u b'karità ma' min kien qiegħed ibati. Meta rtirat mix-xogħol hija marret fid-dar tal-anzjani Villa Maria SSma Annunzjata f'Ħal Balzan fejn għadha sallum. Hawnhekk ukoll tat sehemha ma' ħuta s-sorijiet li kienu iktar batuti minnha.

Nhar l-14 ta' Marzu il-komunità tas-sorijiet għamlulha festa sabiħa. Fis-6 ta' filgħaxija ġol-knisja ta' l-istess sorijiet, ġiet ikkonċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr. Ikkonċelebra Mons. Lawrence Gatt flimkien ma' Mons. Carmelo Cefai, ħabib tal-familja, u 2 qassisin oħra. In-neputijiet tagħha li ġew minn Għawdex mal-familji tagħhom kif ukoll żewġ neputijiet li ġew minn Ruma, Ġino u Anna, lkoll ipparteċipaw fil-quddiesa. Wara sar riċeviment fl-istess kunvent.



Għal din l-okkażjoni attendew ukoll is-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi, is-Sindku ta' Ħal Balzan John Zammit Montebello u s-sinjura Rose Galea mart is-segretarju parlamentari Mario Galea li ma setax jattendi. Il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi ma setax jattendi iżda xorta waħda bagħtilha l-awgurji tiegħu flimkien ma' rigal sabiħ bħala tifkira. L-Arċipriet ta' San Ġorġ Mons. Pawl Cardona u wkoll l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Mario Grech ma setgħux jattendu iżda lkoll bagħtu messaġġ ta' awguri għal din l-okkażjoni unika. *Ad multos annos,* Swor Lydia Formosa!

## Żjara ta' Korteżija

Nhar it-Tlieta, 28 ta' April, l-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta għamel żjara ta' korteżija lill-Isqof ta' Għawdex, Mons Mario Grech fil-Kurja Djoċesana. Fl-istess żjara, il-President iltaqa' wkoll mal-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons Giovanni B. Gauci, mal-Isqof Emeritus Mons Nikol Cauchi, u ma' diversi kollaboraturi tal-Isqof Grech li jaħdmu l-Kurja.



*L-E.T. il-President ta' Malta flimkien mal-Isqfijiet Mons. Mario Grech u Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi u mal-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons Giovanni Bosco Gauci, f'ritratt tal-okkażjoni, fil-Kurja Djoċesana*

F'kelmtejn qosra l-President ta' Malta qal illi; "il-kontribut ta' kull wieħed u waħda minna fis-soċjetà għandu jkun li jkompli jikber il-ġid komuni anke jekk ikun hemm differenzi fit-twemmin reliġjuż tagħna. Irridu nkunu tolleranti għal dawk il-persuni bi twemmin differenti kif ukoll għal dawk li ma jemmnux. Irridu naħdmu id f'id lejn din id-direzzjoni kemm jekk aħna nokkupaw karigi ċivili kif ukoll jekk nokkupaw karigi ekkleżjastiċi u dan għax ilkoll naħdmu bi skop wieħed: il-ġid komuni għas-soċjetà tagħna."

Fi tweġiba Monsinjur Isqof Grech tkellem dwar il-ħtiġijiet spiritwali, anki ta' dawk li jgħidu li ma jemmnux, u enfasizza li kemm il-Knisja kif ukoll l-Istat, iridu jaħdmu id f'id f'kollaborazzjoni sħiħa ma' xulxin għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi.

## *Ftuħ Uffiċjali tal-ħanut rinnovat ta' GO fil-Belt Victoria*

GO – l-aqwa kumpanija tat-telekomunikazzjoni li tipprovdi servizzi *quad-play* f'Malta, nhar l-Erbgħa 29 t'April, inawgurat uffiċjalment il-ħanut tagħha fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex, fejn klijenti jistgħu jiksbu s-servizzi kollha li għandhom bżonn għall-mowbajl, telefon, internet u televiżjoni diġitali, l-erba' servizzi kollha taħt saqaf wieħed. Dan il-ħanut ġie rinnovat u modernizzat b'mod estensiv u issa jikkonforma mad-dehra tal-*brand quad-play* ta' GO.

Sabiex jiġi mfakkar il-ftuħ ta' dan il-ħanut il-ġdid, klijenti li jixtru xi servizz jew prodott mill-ħanut il-ġdid ta' GO fir-Rabat, Għawdex ikollhom iċ-ċans jirbħu premjijiet li jinkludu televiżjoni *flat screen* 42", DVD u wkoll settijiet tal-mowbajl.

Il-ħanut il-ġdid ġie nawgurat mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Kap Eżekuttiv ta' GO, David Kay u l-Uffiċjal Ewlieni tal-Operat ta' GO, Norbert Prihoda. F'kelmtejn tal-okkażjoni s-Sur Kay qal illi dan il-ħanut, bħal l-oħrajn li l-Kumpanija fetħet is-sena l-oħra, jirrifletti l-identità ġdida ta' GO iffukata fuq il-klijent. "...Huwa l-pjaċir tagħna li kull min iżurna, kemm residenti kif ukoll membri tal-komunità kummerċjali t'Għawdex, issa jistgħu minn hemmhekk, igawdu l-esperjenza tal-klijent imtejba. L-identità l-ġdida tagħna tassew tirrifletti l-mira tagħna li nikkonverġu n-negozju fid-diversi taqsimiet kemm mil-lat ta' operat kif ukoll mill-aspett tal-klijent."

"Dan huwa l-aħħar addizzjoni mal-lista dejjem tiżdied ta' ħwienet ta' GO mfasslin fuq id-disinn esklussiv ta' GO li jgħin biex jiżdied is-sens ta' ħbiberija u ta' ospitalità, kwalitajiet pożittivi li jingħaqdu mas-servizzi ta' teknoloġija mill-aktar avanzata u ħarsien tal-klijent tal-ogħla livell biex dejjem titjieb l-esperjenza tal-klijent mifruxa fuq l-erba' servizzi – linja fissa, *broadband internet*, mowbajl u televiżjoni," huwa qal.

Sar xogħol konsiderevoli f'dan il-bini sabiex jiġi pprovdut l-aħjar livell ta' servizz lill-klijenti f'ambjent komdu u rilassanti, skont il-*brand guidelines* ta' GO. Fl-istess ħin il-Kumpanija rrispettat il-valur storiku ta' dan il-bini u żammet bilanċ bejn id-disinn tradizzjonali u dak modern. Il-ftuħ tal-ħanut rinnovat f'Għawdex ikompli jsaħħaħ l-impenn ta' GO biex toffri lill-klijenti tagħha f'Għawdex varjetà ta' servizzi ta' l-ogħla livell bl-aktar prezzijiet konvenjenti fis-suq. Ftit ta' ġimgħat ilu, sar appgrejd importanti fis-sistema tat-trażmissjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri (DTTV) li tinstab fit-torri tat-telekomunikazzjoni multi-funzjonali fin-Nadur, Għawdex. B'riżultat ta' dan l-appgrejd, GO estendiet is-servizz tat-televiżjoni diġitali għal prattikament il-partijiet kollha ta' Għawdex.

Il-mistednin ġew indirizzati wkoll mill-Uffiċjal Ewlieni tal-Operat ta' GO, Norbert Prihoda, li qal li kienu jinsabu sodisfatti li bil-pożizzjoni li ħadu li jaqdu lill-klijenti mill-aħjar li jistgħu, jipprovduhom bl-ogħla livell ta' servizz u jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha tagħhom permezz ta' tim iddedikat u professjonali tal-ħarsien tal-klijent li l-membri tiegħu huma dinamiċi, jafu jmorru mal-klijenti u li huma mħarrġa biex jidentifikaw u jaqdu l-bżonnijiet tat-telekomunikazzjoni speċifiċi tal-klijent.

Ir-rinnovar tal-ħanut ta' GO f'Għawdex, hija inizjattiva li tkompli ssaħħaħ l-esperjenza tal-klijent ta' GO. Il-ħanut innifsu jitfa' dawl qawwi fuq l-impenn ta' GO biex twassal servizz ta' l-ogħla livell lill-klijenti appoġġjat minn servizz tal-klijent eċċellenti, kredibbiltà u *coverage* tan-netwerk mill-aqwa," qal is-sur Prihoda.

Il-ħanut hu maħsub biex jagħti aċċess mingħajr problemi għad-diversi *counters* minn fejn qed jinqdew il-klijenti għas-servizzi li jridu u hemm ukoll sezzjoni ddedikata għall-ħlas ta' kontijiet. Fil-ħanut, il-klijenti qed jingħataw l-opportunità jiksbu esperjenza mill-qrib tad-diversi servizzi offruti minn GO inkluż *Home Pack*, settijiet tal-mowbajl ta' teknoloġija



*Ħaddiema żgħażagħ ġewwa l-ħanut ta' GO fir-Rabat Għawdex, f'ritratt tal-okkażjoni mal-ogħla uffiċjali ta' GO u mal-Ministru għal Għawdex.*

mill-aktar avanzata ta' 3G/3.5G, *Blackberry*, *wireless data cards* barra varjetà estensiva ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni diġitali. Il-ħanut joffri wkoll is-servizz tal-mowbajl mill-aktar modern li tnieda minn GO – l-*MTV Mobile*.

Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono faħħret lil GO li mplimentat b'suċċess appgrejd kontinwu tal-ħwienet tagħha waqt li nnutat li l-ħanut fir-Rabat, Għawdex diġà kien qed ikun ta' benefiċċju lill-komunità Għawdxija.

Il-Ministru Debono qalet li l-ħanut il-ġdid tar-Rabat juri biċ-ċar kif GO qed tiżviluppa l-istrateġija kummerċjali tagħha fl-aħjar interess tal-klijenti tagħha. Barra d-dehra attraenti li għandu dan il-ħanut, l-aktar aspett importanti huwa l-mod kif jiġi milqugħ fih u moqdi bis-servizz il-klijent.

Il-ħanut fir-Rabat, Għawdex huwa miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9:00am sas-7:00pm bla waqfien u s-Sibt mid-9:00am sas-1:00pm.

## *Jum Sannat*

Nhar it-Tlieta 28 ta' April, il-Kunsill Lokali Sannat iċċelebra Jum Sannat. Saret serata folkloristika, fi Triq 28 ta' April 1688, li fiha ħadu sehem il-Gruppi Folkloristiċi *Sinnet* u *Ta' Seguna*. F'din l-okkażjoni ingħata l-Premju Ġieħ Sannat lil żewġ persuni magħżula minn fost sitta li ġew nominati minn fost ir-residenti Sannatin.

Dawk innominati kienu Francis Cassar, l-eks Superjur tal-M.U.S.E.U.M John Xerri, George Azzopardi, Kelinu Azzopardi (mejjet), Paul Vella u Mons. Lawrence Sciberras. Ir-Rebbieħa tal-Premju Ġieħ Sannat 2009 ġie mogħti lil żewġ nominati, John Xerri u Kelinu Azzopardi.

John Xerri eks Superju tal-fergħa tal-M.U.S.E.U.M tas-Subien ta' Sannat li ta kontribut kbir liż-żgħażagħ tal-lokalità u li b'sagrifiċċju personali bena M.U.S.E.U.M., monument ħaj imwaqqaf għat-tagħlim nisrani. Kelinu Azzopardi li għolla l-isem tar-raħal ta' Sannat fejn jidħol xogħol pirotekniku u wirjiet tan-nar.



*Is-Superjur Emanuel Attard jirċievi mingħand is-Sindku Mercieca l-Premju Ġieh Sannat f'isem John Xerri*

Il-Preżentazzjoni tal-Premju Ġieħ Sannat ġew ippreżentati mis-Sindku Anthony Mercieca, lis-Superjur Emanuel Attard fl-assenza tal-eks Superjur Ġanni Xerri li illum hu rikoverat fl-Isptar u lil Salvina Azzopardi, l-armla ta' Kelinu Azzopardi.



*L-armla ta' Kelinu Azzopardi, Salvina tirċievi l-Premju Ġieħ Sannat għan-nom ta' żewġha Kelinu*

Peter's Butcher Shop

For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...

St. Joseph Square, Qala Gozo

Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57, St. Joseph Square

Qala, Gozo

Tel: 2156 6236

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# Fissazzjoni jew Konvinzjoni?

Mhux is-soltu noqgħod ħafna quddiem is-sett tat-televiżjoni iżda l-aħħar edizzjoni ta' Xarabank żammitni naraha għax kienet qed tiftaħ tieqa beraħ fuq l-ex President ta' Malta Dr Eddie Fenech Adami. L-iktar li laqatni kien il-waqt meta il-preżentatur donnu deher skantat għal fatt li Fenech Adami ma kienx jitlef il-quddiesa ta' kuljum għalkemm kien bniedem imħabbat sew; staqsih kinitx 'fissazzjoni' dik tiegħu li jisma' l-quddies kuljum. Iżda Dr Fenech Adami ma qagħadx jomgħodha u kien pront wiegħbu li dik kienet 'konvinzjoni'. Kliem b'tagħlima qawwija! Mank li l-ġenerazzjoni li tiela' tieħu bis-serjetà l-messaġġ li għaddielna l-ex-President ta' Malta f'dak il-programm! Malta tista' tiftaħar li dejjem kellha Presidenti tal-affari tagħhom li dejjem taw eżempju u wrew l-ikbar integrità kemm damu l-Palazz u jiena ċert li l-President frisk u attwali se jkompli miexi fl-istess triq. Il-ġurnata minn fil-għodu turik, jgħid il-qawl Malti, u l-fatt li Dr George Abela wera x-xewqa li jibda l-Presidenza tiegħu b'quddiesa, tkompli tikkonferma dan il-fatt. Kemm għandna bżonn rġiel bħall-Presidenti ta' Malta! Kieku l-affarijiet huma ferm differenti f'Malta u Għawdex tagħna!

Jien nagħmel ħilti li ma nitlifx il-quddiesa ta' kuljum, iżjed issa li ninsab irtirat u allura għandi iktar ħin liberu. Ninnota iżda li l-attendenza għall-quddies naqset. Veru li fir-Rabat fejn ngħix jien għandna diversi knejjes u kappelli u allura bla ma trid, in-nies tinfirex u titqassam, iżda jien ma niffrekwentax dejjem l-istess knisja u ninnota li tassew in-nies naqset għax iġġib elf skuża għad li jien nemmen li min irid, isib ħin għal kollox. Min jaf kemm ngħaddu ħin quddiem il-kompjuter jew it-*television*! Quddiesa ma teħux iktar minn tletin minuta, iżda din ħafna drabi narawha żejda. Kieku nagħrfu nagħmlu użu tajjeb mit-*'time management'*, żgur li l-quddiesa nsibu fejn ninfilsawha matul l-erbgħa u għoxrin siegħa tal-ġurnata.

Ħafna drabi jiddispjaċini ngħid, qed naqilbu l-valuri ta' taħt fuq u nqiegħdu l-karettun qabel iż-żiemel. Kemm hu importanti t-talb! Lanqas ma naqbel li nattendu għal quddiesa tas-Sibt fil-għaxija biex il-Ħadd nibqgħu reqdin kemm irridu u niddevertu bla rażan u fil-knisja ma nirfsux. Il-Ħadd huwa jum il-Mulej u Alla ħalqu biex il-familja iktar tingħaqad flimkien u ssib ħin titlob flimkien. Jum il-Ħadd jiġi biex nistriħu mix-xogħol u r-rutina ta' kuljum u nsibu iktar ħin biex nitkellmu ma' Alla u nisimgħu l-Kelma Tiegħu. Xi ftit tal-jiem ilu kelli għalfejn inqum kmieni l-Ħadd fil-għodu billi kont se nsiefer u allura mort nisma' l-quddiesa tas-sitta. Skantajt mhux ftit meta ltqajt ma' nofs tużżana żgħażagħ (nofshom reqdin) għal din il-quddiesa! Iżda skantajt iktar meta qaluli li wara lejl barra, kienu ddeċidew li jibqgħu sejrin il-quddiesa biex imbagħad jidħlu jorqdu min jaf sa xħin! Hekk se nħarsuh jum il-Mulej! Dawn huma xi wħud miż-żgħażagħ tas-seklu 21! Fejn aħna sejrin!

Il-quddiesa m'hemmx prezzha. Min jaf kemm hawn nies li jixtiequ jmorru għal quddiesa u ma jistgħux għax forsi morda jew għax ma jarawx qassis kif ġieb u laħaq! U aħna għandna dan il-lussu kollu u ma nużawhx! Mur għidilhom lill-anzjani tagħna biex ifallu quddiesa bla bżonn! Kemm għandu poeżija sabiħa l-poeta mill-Qala, Anton Buttiġieġ, (ex-President ta' Malta) dwar wieħed xiħ u n-niket li kien iġarrab għax ma kienx jista' joħroġ minn daru biex imur għal quddiesa!



Araw x'jidhrilkom:

*Iskot, qanpiena ċkejkna*
*li tnaqqar għall-quddies,*
*fis-skiet u l-frisk tal-għodwa*
*tinfed widnejn in-nies.*

*Ġo sodda ġewwa għorfa*
*hemm xwejjaħ wisq marid,*
*u biex jiġi sal-knisja*
*itir mis-sodda jrid.*

*'Mma siequ m'għadhiex triegi,*
*u n-nifs mifluġ qasir,*
*u mingħajr dawn il-ġwienaħ*
*l-għasfur kif jista' jtir?*

*U qed jiftakar meta*
*kellu saħħa ta' ljun*
*u malli jisma' leħnek*
*jaqbeż mill-marqad sħun,*

*U jiġi għall-quddiesa*
*bil-ħobż misrur f'maktur*
*taħt idu, u malli jisbaħ*
*qajl qajl għax-xogħol imur....*

*Iskot, qanpiena ċkejkna,*
*waqqaf dak it-tinwiħ!*
*Ma tafx li bħal pinzetta*
*qed tinfed qalb ix-xiħ?*

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Pass, pass***

"Wara li fil-ġimgħat li għaddew inħarġu s-sejħat għall-offerti għas-servizz tal-immaniġġjar tal-kostruzzjoni ta' parti mit-Triq tax-Xlendi u dik li tagħti għas-Santwarju ta' Pinu, f'dawn l-aħħar jiem inħarġet sejħa għall-offerta għall-bini mill-ġdid tat-Triq ta' Pinu. Dan ix-xogħol infrastrutturali qawwi fuq dawn it-toroq se jkun ifisser aktar titjib fl-aċċessibbiltà u fis-sigurtà fit-toroq."

**Nathaniel Attard**, *Il-Mument, 19 ta' April 2009*

***Insebbħu dak li tatna n-natura... u ma jirrikjedix flejjes kbar***

*"Here (Dwejra) is an area selected as a possibility for the new seven world wonders, which doesn't stand a snowball's hope in hell due to the state of the surrounding area. What message will that failure send us?"*

**James A. Tyrrell**, *The Times, 20th April 2009*

***Aktar proġetti***

*"However", the minister (for Gozo) continued, "we also have in mind other projects, some of which are in the planning stages. These include that of a new building to house the law courts which are presently located within the Citadel. The new building, planned on a site within the development zone, would have underground parking and be surrounded by landscaped areas. Another project is that of a childcare centre, which services are currently lacking in Gozo. The building of a new swimming pool next to the Gozo Sports Complex, is also in an advanced preparatory stage. If approved, this project would result in making the present complex a true sports hub on the island."*

**Bernard Busuttil**, *The Malta Independent, 20th April 2009*

***Prosit u Awguri!***

"L-aktar Kunsilli Lokali li ħadu fondi mill-UE kienu dawk tal-Għarb li ħa aktar minn 660,000 Ewro, ta' Bormla li ħa aktar minn 300,000Ewro, tan-Nadur li ħa aktar minn 94,000 Ewro, tal-Belt aktar minn 24,000 Ewro, u dak ta' San Lawrenz li ħa aktar minn 8,000 Ewro. Bħala numru ta' proġetti biex jiġu megħjuna mill-UE l-aktar li ssottomettew kienu l-Kunsill ta' San Lawrenz b'20 proġett u dak ta' Bormla b'7 proġetti."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *24 ta' April 2009*

***Malta 'il fuq u Għawdex...?***

*"Gozo in the EU continues to fall behind, said Labour Party spokesperson for Gozo, Anton Refalo... Following EU accession, employment in the agricultural, fishing, construction, financial services, property, commercial activity and other sectors in Gozo went down. While the average national employment rate increased by 7.8 per cent from 155, 217 job in 2003 to 167,307 in 2007, the average employment rate in Gozo increased by 4.9 percent from 9,986 to 10,478 in the same period."*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *24th April 2009*




***Trasport Ekoloġiku għoli wisq!***

*"Alternattiva Demokratika yesterday criticized the government's decision to scrap Gozo's eco pilot project for public transport...Transport Minister Austin Gatt said on Tuesday the proposed pilot project for transport reform in Gozo had been dropped because it was unsustainable. He said introducing new buses that were less than 15 years old, while increasing frequency and improving services would incur a 1.9 million Euro loss."*

**Juan Ameen**, *The Times, 23rd April 2009*

***IL-kewkba t'Għawdex : meta tiddi?... u meta tikfes ?***

*"During every election period Gozo becomes a star – it rises and shines above the horizon like the sun. After each election is over Gozo's sun declines and life returns to normal. Gozo residents continue to suffer inequalities in health."*

**Frank Portelli**, *MaltaToday, 26th April 2009*

***MCESD jiddiskuti***

*In the seven months since its inception in September 2008, the MCESD's Gozo Committee has discussed seven major topics. These included regional statistics for Gozo, a reform in public transport, proposals for the 2009 Budget, EU funds, prospects for the touristic sector, Gozo's double insularity and updating of the waste management strategy."*

*Rapport,* **The Times**, *22nd April 2009*

***Il-Ħondoq u x-Xlendi***

*"'Hondoq ir-Rummien should not be turned into a Xlendi – its image identity should be retained and protected,' a third year architecture student emphasized. The student was outlining a planning brief through which the abandoned desalinization plant at Hondoq ir-Rummien could be turned into a youth hostel, hosting both local and foreign students carrying out research in Gozo."*

**Nestor Laiviera**, *maltastat.com, 20th April 2009*

***Periklu ħdejn l-iskejjel: L-iskola ta' Sannat hi biss eżempju wieħed!***

"Il-ġenituri xħin imorru biex iġibu lit-tfal, qegħdin jipparkjaw il-vetturi tagħhom fuq barra fit-triq prinċipali. Minħabba f'hekk qiegħda tinħoloq konġestjoni kbira tat-traffiku. Hemm bżonn ta' malajr issir *zebra crossing* oħra fuq barra fi Triq Sannat..."

*Inżommu l-Ordni,* **L-Orizzont**, *28 ta' April 2009*

## MILL-PARLAMENT

***Għawdex - turiżmu intern u barrani***

**6222. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Peress li l-potenzjal kulturali tal-Gżira Għawdxija qed joħloq niċċa oħra li tattira turiżmu intern u barrani partikolarment fix-xhur tal-Ħarifa, x-Xitwa u r-Rebbiegħa, tista' l-Ministru tgħid kif il-Gvern qed jgħin biex ikompli jsaħħaħ dan il-potenzjal? *16/02/2009*

**Tweġiba:** Bħalma diġà kelli l-okkażjoni nelenka f' iktar dettall f' mistoqsijiet proċedenti mill-Onor. interpellant, il-Ministeru għal Għawdex permezz ta' l-Uffiċċju u l-Kunsill tal-Kultura matul dawn l-aħħar snin, ħadem fuq programm ta' attivitajiet kulturali li jservu minnhom innifishom bħala attrazzjoni għal turiżmu intern u barrani.

L-għan tat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, f' kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali Għawdxin u ma' entitajiet volontarji oħra huwa li sa minn xhur qabel, Għawdex ikollu kalendarju annwali ta' attivitajiet kulturali li jkun jista' jintuża għal skopijiet ta' promozzjoni turistika. Kif semma l-Onor. Interpellant, l-emfasi tal-Ministeru għal Għawdex hija fuq it-tliet staġuni tas-sena indikati peress li s-sajf huwa diġà kulturalment mimli b' attivitajiet konnessi mal-festi fil-lokalitajiet rispettivi tal-gżira. *03/03/2009*

***Pazjenti dijabetiċi - servizzi offruti***

7552. **L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'servizzi jiġu offruti mill-Istat lill-pazjenti dijabetiċi tfal? *26/03/2009*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li t-tfal dijabetiċi f'Għawdex huma offruti s-servizzi dijanjostiċi u terapewtiċi kollha neċessarji mis-Sala tat-Tfal fl-Isptar Ġenerali ta'Għawdex u mid-Dipartiment tal-*Outpatients*. Huma jiddaħħlu l-isptar skont il-bżonn waqt l-ewwel episodju fejn tiġi stabbilizzata l-kundizzjoni medika tagħhom u tinbeda l-kura bl-insulina. Hawn tittieħed l-okkażjoni biex isir tagħlim intensiv dwar id-dijabete fit-tfal, kif għandhom jieklu, l-kura bl-insulina, kif isiru l-injezzjonijiet, kif jiċċekkjaw il-livell ta' zokkor fid-demm u x'għandu jsir meta t-tfal ma jħossuhomx sewwa. Jekk ikunu jridu, l-familji jiġu mlaqqgħin ma' oħrajn li wkoll għandhom tfal bid-dijabete u li huma lesti li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' dawk li qed jiffaċċjaw id-dijabete għall-ewwel darba. Ġaladarba joħorġu mill-isptar, it-tfal dijabetiċi jinżammu taħt osservazzjoni mill-qrib. Fil-bidu dan isir billi jattendu fis-sala tat-tfal u wara xi żmien ikomplu jattendu l-*outpatients*. Il-kura tat-tfal bid-dijabete hija primarjament ikkordinata mill-pedjatri li jikkonsultaw ma' speċjalisti tal-għajnejn, tal-ENT, dentisti, *dieticians*, speċjalisti tal-endokrinoloġija fit-tfal u nefroloġisti skont il-bżonn. L-Isptar joffri wkoll ċertu mediċini, siringi u *monitoring strips* b'xejn lil tfal li għandhom id-Dijabete. *20/04/2009*

***Ċirkewwa - Bini ta' passenger terminal***

**6756. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** B'rifernza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 6067, jista' l-Prim Ministru jgħid meta ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida lill-Unjoni Ewropea għall-fondi għal dan il-proġett? Meta kienet saret l-applikazzjoni oriġinali? Jista' jekk jogħġbu jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn l-applikazzjonijiet? *04/03/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li l-applikazzjoni oriġinali għall-fondi mill-Unjoni Ewropea, bil-pjanti preċedenti, kienet ġiet sottomessa f'Jannar 2008. Wara li l-pjanti tat-*terminal* taċ-Ċirkewwa nbidlu, din l-istess applikazzjoni ġiet riveduta, u se tkun sottomessa fil-ġimgħat li ġejjin, taħt is-sejħa ristretta għall-*Cohesion Funds* li nfetħet għall-perjodu bejn id-9 ta' Marzu u s-17 t'April 2009. L-applikazzjoni tkun tista' titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra wara li tkun approvata. *20/04/2009*

***Għawdex - produzzjoni tal-films - open air studios***

**7310. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li tiġi żviluppata faċilità ta' *open air studio* għall-produzzjoni tal-*films* f'Għawdex? Jekk fl-affermattiv, x'sar s'issa fuq dan il-proġett? *20/03/2009*

**Tweġiba:** L-informazzjoni għadha qiegħda tinġabar. Għaldaqstant ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra. *25/03/2009*

***Fondi Soċjali Ewropew - ċentri li benefikaw minn dawn il-fondi***

**7495. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 6622 li fir-risposta ngħatat fis-Seduta 95 ġejt mitlub nispeċifika l-perijodu tal-programm li qiegħed nirreferi għalih, tista' l-Ministru tgħid, f'dawn l-aħħar tlett snin, liema proġetti b'risq ir-riżorsi umani f'Għawdex ġew ko-finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew taħt il-Fondi Strutturali għal Malta? Tista' tgħid ukoll liema kienu ċ-ċentri li bbenefikaw minn dawn il-fondi? Kemm kien in-numru ta' individwi li bbenefikaw minnhom? *25/03/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li f'dawn l-aħħar tlett snin erba' proġetti b'risq ir-riżorsi umani ġew ko-finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew taħt il-Fondi strutturali għal Malta (2004-2006). Dawn huma ESF 27 - *ETC Courses and schemes*, ESF 28 - *Crafts Courses for sustainable Careers in Gozo*, ESF 29 - *University of Malta Gozo Centre Courses* u ESF 35 - *Training Courses to Enhance the Employability of the Workforce in Gozo*. Iċ-Ċentru tal-Impjiegi u t-Taħriġ, iċ-Ċentru tal-Università f'Għawdex u dak tal-Arti u Artiġanat kollha bbenifikaw bl-akkwist ta' tagħmir ġdid li għen biex ikunu jistgħu jsiru dawn il-korsijiet.

In-numru ta' individwi li bbenefikaw minn dawn il-korsijiet huwa ta' 797. *01/04/2009*

*"Picture Story".... "No Comments!" - 5*

*minn* **SEQER**

# Ħondoq ir-Rummien lest għas-Sajf?!















*Kummentarju (2)*

# Il-President il-Ġdid ta' Malta... għal Għawdex ukoll!



*kitba ta'* FRANCO MASINI

**Għadu kif ġie maħtur it-tmien President ta' Malta. Nhar is-Sibt 4 ta' April Dr George Abela ġie elett b'akklamazzjoni mill-Kamra tad-Deputati bħala l-President ġdid ta' Malta u Għawdex. Wara ħamsa u tletin sena ġiet magħżula persuna li għad li għandha esperjenza politika qatt ma okkupat post fil-Kabinet jew fl-istess Kamra tad-Deputati. L-għażla sabet l-appoġġ tal-pajjiż kollu. Ġie nnutat illi l-ewwel funzjoni li attenda għaliha l-President il-ġdid hekk kif assuma l-kariga saret propju f'Għawdex u dan awgura relazzjoni tajba ma' gżiritna. Il-presidenti ta' qabel kellhom ħafna kuntatti u relazzjonijiet ma' Għawdex. Kollha kienu jżuruna ta' spiss.**

Żewġ presidenti (Buttigieg u Tabone) kienu Għawdxin awtentiċi, imwielda hawn u ftaħru b'dan; tnejn (Barbara u De Marco) b'dar f'Għawdex; wieħed (Mifsud Bonnici) fi tfulitu għadda diversi snin joqgħod Għawdex; wieħed (Fenech Adami) kien responsabbli għat-twaqqif tal-Ministeru ta' Għawdex u tnejn minnhom (De Marco u Fenech Adami) ħadu l-ġurament tal-ħatra tagħhom minn idejn li *Speaker* Għawdxi Anton Tabone.

**Din in-nisġa tal-presidenza ma' Għawdex turi kif waqt il-ħamsa u tletin sena tar-Repubblika, Għawdex kellu ċerta prominenza. Il-President tar-Repubblika jirrappreżenta lil Malta u Għawdex f'daqqa.** Sa mill-bidu nett tal-ħatra tiegħu l-President Abela għamilha ċara li ried ikun ta' kulħadd. Kellu raġun l-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Mario Grech jgħid lill-President meta mar jagħmillu ż-żjara ta' korteżija li huwa kien qed jippresiedi għal dawn il-ħames snin "fuq id-dar komuni tagħna l-Maltin u l-Għawdxin". Għaliex il-poplu kollu li jgħix f'dawn il-gżejjer iħoss li huma lkoll jappartjenu għal pajjiż wieħed bi President wieħed. U hawn tidħol il-parti tal-Għawdxin. Għalhekk jien insejjaħ lil President Abela l-President ta' Malta u Għawdex. Gżiritna għandha ħafna x'tagħti lill-pajjiż. Dan dejjem stqarrejnih. **Għawdex flimkien ma' Malta huwa pajjiż wieħed u bniedem bħal ma hu l-President Abela jista' jkompli jkattar l-għaqda fil-pajjiż, fil-każ tagħna r-reġjun ta' Għawdex mal-kumplament tal-pajjiż. Dan s'intendi mingħajr ma titnaqqas l-identità ta' gżiritna.** Għaliex kif dejjem intambru, Għawdex għandu l-identità partikolari tiegħu li żżejjen lin-nazzjon u tarrikkih mingħajr ma tnaqqaslu minn dik l-unità li tagħmlu pajjiż sovran. **Jolqotna ħafna f'dan ir-rigward il-ħsieb li jesprimi diversi drabi l-President Abela li huwa jrid jippromwovi l-għaqda fid-diversità. Għax aħna ma aħniex pajjiż tar-*robots* jew *clones*.** Kulħadd għandu l-karattru, l-personalità, il-ħsieb, il-partit u l-post tat-twelid tiegħu li lkoll flimkien jinsġu arazz fin u kkulurit li jifforma l-karattru nazzjonali tagħna.

Madankollu waqt li Għawdex għandu ħafna x'jagħti huwa veru wkoll li l-Għawdxin iridu jħossuhom parti min-Nazzjon Malti. Għalhekk dejjem inħambqu li **Għawdex għandu jkollu preżenza ċara u identifikabbli fl-organi ta' pajjiżna.** Meta għidna kemm il-darba li Għawdex jistħoqqlu siġġu fil-Parlament Ewropew mill-ħamsa jew iktar tard is-sitta li se jkollha Malta, kellna dan ukoll f'moħħna. Il-preżenza tal-President f'okkażjonijiet uffiċjali f'Għawdex tagħti dak l-għarfien għall-inklussività ta' gżiritna fil-qafas nazzjonali. **L-Għawdxin bi ħġarhom ferħu ħafna biż-żjara li għamel il-President Abela propju fl-ewwel jum wara l-ħatra tiegħu, iktar u iktar billi kienet l-ewwel ċerimonja li attenda għaliha.** Il-fatt li kienet okkażjoni filantropika ukoll għenet biex din iż-żjara jkollha tifsira importanti.

Xi ħadd qalli li tkun **ħaġa sabiħa jekk jinstagħab xi post f'Għawdex li jiġi attrezzat bħala sede Presidenzjali. Hekk li l-President ikun jista' jqatta' xi ġranet f'Għawdex matul is-sena mhux biss biex jistrieħ u jgawdi l-ġmiel li jaf joffri Għawdex iżda wkoll biex jaqdi xi doveri uffiċjali meta jkun hawn.** Din l-idea tista' sseħħ hekk kif il-Qorti ta' Għawdex jivvaka l-post li qed tokkupa llum. Dan ikun post ideali, naturalment wara li jsiru xogħlijiet meħtieġa biex il-post ikun denjament attrezzat. Fi żmien il-Kavallieri, dan il-post kien il-palazz tal-Gvernatur ta' Għawdex, ġeneralment Kavallier Gran Kruċ ta' l-Ordni. Illum jista' jservi ta' wieħed mir-residenzi tal-President, ċittadin ta' dan il-pajjiż u mhux rappreżentant ta' xi ħakkiem barrani. **Ikun pass tassew għaqli li jgħin biex tikber l-inklussività u fl-istess ħin biex jinfirex anke f'Għawdex dak is-"*sense of belonging*" li kultant aħna l-Għawdxin inħossu li mhux dejjem daqshekk qawwi.**

*francomasini@gmail.com*

OSSERVAZZJONIJIET

# Id-Dikjarazzjoni fuq Għawdex

*Jikkummenta*
ANTON
TABONE



**Kwistjoni li qamet matul is-snin li pajjiżna ilu Membru ta' l-Unjoni Ewropea, tirrigwarda d-Dikjarazzjoni fuq Għawdex li l-Gvern Malti b'mod unilaterali, u mhux permezz ta' Protokol, rabat bħala addenda mat-trattat ta' adeżjoni ta' Malta fl-Unjoni. Il-kwistjoni li qamet għandha x'taqsam ma' l-interpretazzjoni tas-sustanza tad-Dikjarazzjoni. Inħoss li l-punti mqajma fid-diskussjoni huma kumplimentari u mhux konfliġġenti u punt ma jeliminax lill-ieħor. Imma naħseb li qabel xejn ikun aħjar jekk din id-Dikjarazzjoni tidher in toto hawn taħt.**

*"Il-Gvern ta' Malta,*

*Jinnota li l-gżira reġjun ta' Għawdex għandha speċifiċi ekonomiċi u soċjali kif ukoll żvantaġġi li jirriżultaw mill-effett konġunt ta' l-insularità doppja tagħha, tal-fraġilità ambjentali, tad-daqs żgħir tal-popolazzjoni tagħha flimkien mad-densità għolja ta' popolazzjoni kif ukoll ir-riżorsi limitati inerenti;*

*Jinnota li l-Prodott Gross Domestiku ras għal ras għall-gżira reġjun ta' Għawdex hu b'mod sinifikanti inqas minn dak ta' Malta kollha;*

*Jinnota li qed isegwi politika ekonomika u soċjali speċifika fir-rigward tal-gżira reġjun ta' Għawdex, bil-għan li jingħelbu l-iżvantaġġi permanenti u strutturali li tbati minnhom;*

*Jagħraf li, mas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bħala riżultat tal-ftehim dwar l-eliġibbiltà ta' Malta għall-Objettivi tal-Fondi Strutturali u għall-għajnuna mill-Fondi ta' Koezjoni, kif ukoll tal-ftehim relatati ma' l-eżenzjoni mill-VAT għat-trasport tal-passiġġieri bejn il-gżejjer u l-perijodu ta' transizzjoni għat-trasport bejn il-gżejjer ta' prodotti agrikoli, Għawdex se jibbenefika minn miżuri li jitrattaw speċifikament l-iżvantaġġi strutturali tiegħu, barra mill-parteċipazzjoni f'miżuri ta' benefiċċju ekonomiku u soċjali aktar ġenerali;*

*Jagħraf ukoll li l-klassifikazzjoni ta' NUTS111 mogħtija lill-gżira reġjun ta' Għawdex tista' waħedha, ma tassigurax l-implimentazzjoni ta' l-impenn dikjarat ta' l-Unjoni Ewropea li tieħu miżuri għall-benefiċċju tar-reġjuni l-anqas vantaġġjati;*

*Jiddikjara li, qabel it-tmiem ta' kull perijodu ta' budget tal-Komunità li jkun jeħtieġ definizzjoni mill-ġdid tal-politika reġjonali tal-Komunità, Malta se titlob li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Għawdex u, b'mod speċjali, dwar id-differenzi fil-livelli ta' żvilupp soċjali u ekonomiku bejn Għawdex u Malta. Il-Kummissjoni se tintalab tipproponi miżuri xierqa, kif meħtieġ, fil-qafas tal-politika reġjonali tal-Komunità jew policies Komunitarji oħra relevanti, biex tkun assigurata l-kontinwazzjoni tat-tnaqqis tad-differenzi bejn Għawdex u Malta kif ukoll l-integrazzjoni ulterjuri ta' Għawdex fis-suq intern b'kundizzjonijiet ġusti. B'mod partikulari, fil-kas li Malta, kollha kemm hi, ma tkunx aktar eliġibbli għal ċerti miżuri tal-politika reġjonali, r-rapport se jara jekk is-sitwazzjoni ekonomika speċifika ta' Għawdex tiġġustifikax it-tkomplija ta' l-eligibbiltà ta' Għawdex għal dawn il-miżuri, u taħt liema kundizzjonijiet, matul il-perijodu ta' riferenza."*

Din id-Dikjarazzjoni hi meħuda kelma b'kelma mill-Edizzjoni Speċjali Nru 18 ta' Frar 2003 tal-fuljett *Aġġornat* maħruġ miċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar Malta u l-Unjoni Ewropea. Din hi dikjarazzjoni li uffiċjalment tistqarr li jeżistu diskrepanzi notevoli fil-livelli ta' żvilupp bejn gżira u oħra. **Tista' tissejjaħ qrara ġenerali u kuraġġuża fuq s-sitwazzjoni Għawdex/Malta. Il-Gvern qiegħed jikxef bl-aktar mod sollenni u trasparenti il-qagħda soċjali u ekonomiku tal-gżira Għawdxija meta pparagunata mal-qagħda f'Malta.** L-istess ammissjoni ta' din il-qagħda għanda tistimula dibattitu sħiħ fil-pajjiż u b'mod partikulari f'dik il-parti tal-pajjiż milquta, jiġifieri Għawdex.

L-istess fuljett *Aġġornat* fl-edizzjoni speċjali tiegħu isostni li fis-sena 2000, il-PGD reġjonali ta' Għawdex kien biss 71.7% tal-medja nazzjonali ta' Malta, u li minn naħa tagħha, jiġifieri ta' Malta, il-PGD tagħha hu ftit iktar minn nofs tal-medja tal-UE. **Dan ifisser li Għawdex għadu ferm lura meta mqabbel mal-pajjiżi ta' l-UE.** It-Trattat ta' l-UE jagħraf li l-gżejjer reġjuni,bħal Għawdex, jistgħu jbatu minn ċerti żvantaġġi u li dawn għandhom ikunu indirizzati. Fl-artikolu 158 tat-Trattat tal-KE issib li **"l-Komunità għandha tfittex li tnaqqas id-differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u n-nuqqas ta' progress fir-reġjuni jew gżejjer l-anqas vantaġġjati, fosthom zoni rurali."**

F'dikjarazzjoni oħra fuq il-gżejjer reġjuni nru 30 mehmuża mat-Trattat ta' Amsterdam jiġi spjegat li "il-gżejjer reġjuni jbatu minn żvantaggi strutturali marbuta ma' l-istat tagħhom ta' gżira, li l-permanenza tagħhom ixxekkel l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom. Il-



Konferenza għaldaqstant tagħraf li **l-leġislazzjoni kommunitarja għandha tqis dawn l-iżvantaġġi u li miżuri speċifiċi għandhom jittieħdu, fejn ġustifikat, favur dawn ir-reġjuni b'mod li jkunu integrati aħjar fis-suq intern b'kundizzjonijiet ġusti."** Fl-istess fuljett insibu id-definizzjoni ta' GżiraReġjun u ċioe' li din tikkonsisti minn parti ta' pajjiż membru li tinsab kompletament imdawra bil-baħar, m'għandhiex kollegamenti fiżiċi ma' l-bqija tal-pajjiż u li mhix is-sede ta' belt kapitali ta' xi pajjiż ta' l-Unjoni Ewropea. Għalhekk Għawdex huwa gżira reġjun għall-fini tad-Dikjarazzjoni ta' l-UE (30) dwar il-gżejjer reġjuni.

Il-kwistjoni li semmejt iżjed 'l fuq tirriżulta mill-interpretazzjonijiet li ngħataw fir-rigward ta' l-aħħar paragrafu ta' l-istess Dikjarazzjoni, fejn hemm imniżżel li il-Kummissjoni se tintalab tipproponi miżuri xierqa, kif meħtieġ, fil-qafas tal-politika reġjonali tal-Kommunità jew *policies* Kommunitarji oħra relevanti, biex **tkun assigurata l-kontinwazzjoni tat-tnaqqis tad-differenzi bejn Għawdex u Malta kif ukoll l-integrazzjoni ulterjuri ta' Għawdex fis-suq intern b'kundizzjonijiet ġusti. U dan irid isir qabel it-tmiem ta' kull perijodu ta' budget tal-Kommunità.** Għalhekk Malta kellha titlob lill-Kummissjoni biex din tirraporta lill-Kunsill fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Għawdex u b'mod speċjali, dwar id-differenzi (diskrepanzi) fil-livelli ta' żvilupp soċjali u ekonomiku bejn Għawdex u Malta.

F'tarf il-paragrafu kkwotat hemm imniżżel ukoll li b'mod partikulari, fil-każ li Malta, kollha kemm hi, ma tkunx aktar eliġibbli għal ċerti miżuri tal-politika reġjonali, **ir-rapport għandu jara jekk is-sitwazzjoni ekonomika speċifika ta' Għawdex tiġġustifikax it-tkomplija ta' l-eliġibilità ta' Għawdex għal dawk il-miżuri**, u taħt liema kundizzjonijiet, matul il-perijodu ta' referenza.

**Għalija din hi affermazzjoni ċara u bla ambigwità.** L-ewwel parti tal-paragrafu ma tħassarx l-aħħar parti tiegħu. Daqskemm l-aħħar parti ma tħassarx l-ewwel parti. Anzi jikkumplimentaw lil xulxin. **L-ewwel parti kellha tibda tiġi implimentata fil-perijodu indikat i.e.2007/13;** u meta, u jekk il-proċess tal-implimentazzjoni ta' l-ewwel parti eventwalment jiltaqa mal-konsiderazzjoni proposta f'tarf il-paragrafu imsemmi, allura għandu jsegwi dak issuġġerit. Iżda **jidher li teżisti skola politika ta' ħsieb li tirraġuna li l-ewwel parti tidħol fis-seħħ wara.** Jiġifieri li l-ewwel parti hi kondizzjonata li tieħu l-ħajja biss, jekk iseħħ dak kontemplat f'tarf il-paragrafu. *Non sequitur!*

*anton.tabone@onvol.net*

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 11*

# SAN PAWL APPOSTLU F'QALB SAN ĠORĠ PRECA



*kitba ta'* **BENNIE MERCIECA**, membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM

San Ġorġ Preca, l-ewwel Qaddis Malti, kellu ammirazzjoni u imħabba kbira lejn San Pawl Appostlu. Biżżejjed wieħed isemmi dak li stqarr, b'mod deċiż, fil-knisja parrokkjali ta' Kristu Re, f'Raħal il-Ġdid, il-Ħadd filgħaxija, fit-18 ta' Awwissu, 1957, fl-għeluq tal-festi fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-M.U.S.E.U.M.: **"Jiena m'inix il-Fundatur ta' din is-Soċjetà. Il-Fundatur tagħha hu San Pawl Appostlu, kif hu stess kiteb lill-Isqof Timotju: 'Il-ħwejjeġ kollha li smajt minni b'bosta xhieda, għallimhom lil nies ta' fiduċja, li jkunu kapaċi jgħallmuhom lill-oħrajn.' (2Tim. 2, 2). Istitutur nista' ngħid li jien, iżda Fundatur le! Għandkom tipperswadu ruħkom li l-Fundatur hu San Pawl Appostlu. Hawn hu l-fundament...is-Soċjetà hija Appostolika..."** (DUN ĠORĠ: 1880-1962. p.31) S'intendi, hawn tidher, ukoll, l-umiltà ta' San Ġorġ Preca.

### *Ispirat minn San Pawl*

San Ġorġ Preca, li kien tant ta' spiss jistudja u jimmedita fuq l-ittri ta' San Pawl, jistqarr li hu kien ispirat li jibda s-Soċjetà M.U.S.E.U.M. meta qara l-Ittra ta' San Pawl lil Timotju, it-tieni kap u t-tieni vers, kif diġà kkwotajnih aktar 'l fuq.

- Hekk jiddikjara fil-Kostituzzjonijiet tal-Papidi ta' qabel is-sena 1916, f'paragrafu 90, kif ukoll fid-daħla tal-ktieb tiegħu bl-isem "Luminarju ta' l-Appostlu San Pawl" , f'paġna 4.
- Fil-ktieb tiegħu "*Sanctus Paulus Magister*", f'paġna 5, jordna: "Fil-25 ta' Jannar, is-Soċjetà Museumina għandha, b'mod speċjali, tqim lill-Appostlu San Pawl għax huwa l-Fundatur tagħha, għax huwa Appostlu kbir ta' Kristu u għax huwa mudell ta' imitazzjoni għal kulħadd, l-iżjed għal dawk li jgħallmu lill-oħrajn."

### *Inizjattivi Pawlini*

San Ġorġ Preca, li t-tieni isem mogħti lilu fil-Magħmudija kien ta' 'Pawlu', barra li għażel lil San Ġwann Battista bħala l-Qaddis ewlieni u Patrun tas-Soċjetà, fost l-oħrajn:

- huwa għażel lil San Pawl bħala l-protettur tat-tagħlim, flimkien ma' San Pietru;
- huwa ried li l-Membri jagħtu importanza kbira lill-Ittri ta' San Pawl, jistudjaw bl-amment sentenzi mill-Ittri, f'dak li jsejjaħ 'l-Epistolarju,' u parti mill-ħin fl-Assenjatur, it-Tlieta u l-Ġimgħa, ikun riservat għalhekk. Ukoll, nhar ta' Ħadd kellu jinqara kapitlu sħiħ mill-istess Ittri, f'dik li hu jsejjaħ 'Unjoni Museumina', li beda fl-1914.
- huwa għażel lil San Pawl bħala l-Protettur tal-jum tat-Tlieta, filwaqt li fit-talba tas-6 p.m. fl-Arloġġ ta' Talb Museumin, il-membri kellhom jimmeditaw fuq l-imħabba ta' San Pawl lejn il-proxxmu permezz tat-tagħlim u jitolbu 'l Alla, bl-interċessjoni ta' San Pawl, biex jimlihom b'dan l-istess spirtu.
- fil-25 ta' Jannar, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, (li kienet għadha festa Kmandata) ried li jingħaqdu miegħu s-Soċji u l-Kandidati kollha, għal jum sħiħ, fl-Imdina għall-quddiesa u wara f'Tal-Virtù, biex igħaddu sigħat sħaħ jgħidu sentenzi ta' San Pawl, kif ukoll, episodji minn ħajtu, u minnhom jiġbdu tagħlim spiritwali.

### *Kitbiet fuq San Pawl:*

San Ġorġ Preca kiteb diversi kitbiet fuq San Pawl. Ta' min isemmi tliet kotba:

a) ***SANCTUS PAULUS MAGISTER***:
Dan hu Programm Speċjalissmu fuq San Pawl, stampat fl-1946, mibni fuq l-istess linji li San Ġorġ Preca kien jagħmel f'Tal-Virtù, fil-25 ta' Jannar, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. F'dan il-programm hu daħħal sentenzi mill-ittri ta' San Pawl, episodji minn ħajtu, kif ukoll, sentenzi li jmissu xi virtù, u jispiċċa b'eżortazzjoni mqanqla għall-membri ta' l-Għaqda tiegħu.

a) ***LUMINARJU TA' L-APPOSTLU SAN PAWL:***
Din l-opra tikkonsisti f'ġabra ta' versetti – 207, meħudin mill-ittri ta' San Pawl (li bir-raġun kollu jsejjaħlu: "Lumen Mundi" - Dawl tad-Dinja) mqassmin f'temi, riflessjonijiet u tagħlimiet.



*a) TLIET XHUR XITWIN MA' SAN PAWL:*
San Ġorġ Preca ried li matul ix-xhur ta' Diċembru, Jannar u Frar, ta' kull jum, wieħed jirrifletti fuq tagħlima spiritwali, msaħħa bi kwotazzjoni mill-Ittri ta' San Pawl u wara joħroġ prattika li wieħed għandu jħabrek li jwettaq. Isemmi, wkoll, *xenovlepija* – episodji minn ħajjet San Pawl, biex il-qarrej iġib quddiem għajnejh il-ħajja eżemplari u l-ħidma appostolika tal-Qaddis.

***Ta' min isemmi, wkoll***

- San Ġorġ Preca kiteb diversi fuljetti li fihom isemmi x'jgħallem San Pawl dwar diversi virtujiet u punti dottrinali tal-Fidi Nisranija u jikkwota mill-ittri ta' l-istess Qaddis.
- Fil-ktieb tiegħu, "L-Eku tal-Ħbieb", fir-raba' jum jiddedika paġna dwar San Pawl u jistħajlu jitkellem dwar il-ġid kbir li joħroġ mit-tagħlim u kemm in-nisrani għandu jħabrek li jgħallem meta jaf x'barka jixħet Alla fuq min igħallem.
- Fil-ktieb tiegħu, ukoll, "L-Iskola Kattolika", kull suġġett trattat jibda bil-kwotazzjoni mis-sentenza ta' San Pawl lir-Rumani, kap 10 v.17: "Il-fidi mis-smigħ, u s-smigħ tal-kelma ta' Kristu."
- Fil-ktieb l-ieħor, "Id-Dixxipulat", f'numru 10, hemm tmien sentenzi meħudin mill-ittri ta' San Pawl. Wieħed jinnota, wkoll, li f'bosta suġġetti trattati, San Ġorġ jirreferi għat-tagħlim ta' San Pawl.

***Titli lil San Pawl***
Fl-aħħarnett, mit-titli sbieħ li San Ġorġ Preca jagħti lil San Pawl fil-kitbiet tiegħu, wieħed malajr jinduna x'ammirazzjoni u x'devozzjoni kellu l-Qaddis Malti lejn l-Appostlu tal-Ġnus. Xi wħud minn dawn it-titli huma: **"Appostlu kbir ta' Kristu, Imgħallem tal-Ġnus, Dawl tad-dinja kollha, Predikatur tal-Verità, Kolonna tal-Knisja Kattolika, Mexxej tad-Dutturi, Skrittur tal-Għerf Etern, Lupu ħattafi mibdul f'ħaruf, Tromba ta' l-Ispirtu s-Santu, Għaxqa ta' Alla, Qaddej fidil ta' Kristu Ġesù, Mera ta' l-Insara, Sajjied ta' l-Erwieħ, Terrur ta' l-għedewwa tal-Knisja, Vittma pura ta' Ġesù Kristu, Dija ta' Qdusija, Mose' tal-Liġi l-Ġdida, Tawmaturgu, Ktieb tal-vera Fidi, Mudell ta' imitazzjoni, Isqof tal-Knisja Kattolika, Fundatur tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M."** *(Sanctus Paulus Magister: Litanija)*

***Eżortazzjoni***
Nilqgħu bil-qalb din l-eżortazzjoni ta' San Ġorġ Preca: **"Nimitaw lil San Pawl fil-ħidma u l-karità tiegħu, speċjalment fit-tagħlim, u fl-ispirtu tiegħu, u għalhekk, bħalu, nħawlu u nsaqqu, kif nistgħu, skont il-ħila tagħna, u nitolbu lil Alla li jkabbar bir-ruġjada tal-grazzja tiegħu x-xogħol tagħna. Ninfjammaw bl-imħabba l-qalb tagħna biex nagħmlu kollox għall-glorja tiegħu u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ."** (*Sanctus Paulus Magister*: p.38)

***Talba lil San Pawl***
Nagħlqu dan l-artiklu b'talba qasira li San Ġorġ Preca kiteb f'Novembru 1956 u li xerridha ħafna fost il-poplu Malti: talba li għadha ferm attwali:

**"San Pawl Appostlu u Missier il-Maltin, itfa' ħarsa ta' ħniena speċjali fuq Malta tiegħek, li inti erfajt mid-dlam għad-dawl tal-Fidi; itlob lis-Santissma Trinità li titfa' fuqha n-nida tal-grazzja li timlieha bil-biżà tat-telfien ta' dejjem. Tinsiex li r-riġlejn sbieħ tiegħek rifsu fuqha għal tliet xhur, u ħallejtha għanja fil-Fidi; u issa, bix-xogħol ta' Satana permezz tal-ministri tiegħu, ma għadhiex li kienet. Urina bil-potenza tiegħek il-bidla tagħha mill-opri tal-Fidi li inti żrajt fiha. Amen."**


LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm. Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

## "IN MEMORIAM"

## IL-MITĦNA TAR-RIĦ

*Sunett ta'* **Ġorġ Pisani**

Weħidha f'nofs il-qasam kollu ħdura,
tiżżarġan twila twila fuq id-dura,
tobdi lir-riħ u twerżaq ma' kull dawra,
biex tħalli l-ġiebja bl-ilmijiet imfawra.

U donnha taf - u għal dal-ġieħ għajjura -
li tiġbed hi mill-art dik il-matmura
tistħajjilha fuq tron, bil-kbar imdawra,
sultana minn tal-ġnien, b'kuruna mġawhra.

Taħtha l-bidwi felħan, b'imgħażqa żgħira,
jiftaħ it-triq għall-barka tat-tisqija,
waqt illi l-ilma 'l hawn u 'l hemm jitlajja'.

U fuq l-ilwien ta' din id-dehra kbira
tisreġ qawwija x-xemx tax-xhur sajfija,
feddejja tal-ħolqien, spirtu tal-ħajja.

## IL-BARUMBARA

*Sunett ta'* **Ġorġ Pisani**

Kultant nixtieq il-kenn tal-barumbara
u nidħol daħla ġewwa mal-ħamiem,
nitħallat magħhom u bis-sabar nara
l-imħabba tagħhom safja u mingħajr kliem.

Għaliex l-imħabba barra saret xrara
li tgħib malajr, debba mingħajr ilġiem,
muntanja li tinħall u tisfa' żrara
kelma mingħajr tifsira u mingħajr sliem,

u jekk insib hemm ġew tassew l-imħabba
li ili nfittex sħiħ bla ma rnexxieli,
jien nibqa' hemm u nħalli lill-bnedmin.

U nibgħat mal-ħamiem lid-dinja mxabbgħa
messaġġi bojod silġ, sbieħ daqs ix-xtieli:
jitolbu 'l-aħwa jaħfru lil xulxin.

## L-OMM TAL-GĦAWDXIN

*minn* **J. W. Psaila**

Fis-siegħa eterna, għagħa qamet fil-ġenna,
kien Alla minn Naż'ret, tweġiba jistenna;
lil tfajla li tiżboq, fil-ġieħ kull tifħir
stedinha l-kbir Alla, biex Ommu ssir.

U Hi ruħha rabtet, ma' dik tal-Mulej
u tnissel ġo fiha, tad-dinja l-Feddej;
ħatarha s-Setgħani, il-Omm tal-bnedmin,
'mma ħadd fost uliedha, ma jiżboq 'l Għawdxin.

Madonna Ta' Pinu
Int l-Omm ta' l-Għawdxin,
arana madwarek, nhar t'Erbgħa ġejjin
xħin f'Mejju kull sena
f'għżejritna l-ħolqien
il-għanja jgħannilek
ġo festa ta' lwien.

Aħna għandek niġu,
ġo ħoġrok inserrħu
dirgħajna mimlija, bil-ward u l-għolliq;
titbissem Int magħna
fil-ferħ u fis-sliema;
b'subgħajk tixxuttalna
id-dmugħ ta' lfiq.

Kellimtha Marija, lix-xbejba ta' dari
ħdejn l-għolja fejn jirgħa, in-naħal fix-xagħri;
u maqdes bnejnielek, Omm tagħna Marija
naqqaxna l-bizzilla, fil-ġebla Maltija.

Ġew żgħażagħ bl-imħabba, ġiet l-omm bit-tarbija,
ġie l-midneb bis-sogħba, fi ħdanek Marija.
Int ħlistna mill-ħalel, mill-qilla tan-nar
u qegħ'dna xbihatek, fit-tokk ta' kull dar.

Madonna Ta' Pinu
Int l-Omm ta' l-Għawdxin,
arana madwarek, nhar t'Erbgħa ġejjin
xħin f'Mejju kull sena
f'għżejritna l-ħolqien
il-għanja jgħannilek
ġo festa ta' lwien.

Aħna għandek niġu,
ġo ħoġrok inserrħu
dirgħajna mimlija, bil-ward u l-għolliq;
titbissem Int magħna
fil-ferħ u fis-sliema;
b'subgħajk tixxuttalna
id-dmugħ ta' lfiq.

KOTBA

minn Għawdex

# Bejn il-Veru Serħan u l-Illużjonijiet

*Slawomir Biela, "ALLA waħdu hu BIŻŻEJJED", Lumen Christi Publications, A&M Printing Ltd, 2009, pp 136. Prezz 5 ewro.*

Ta' tfal li konna min jaf kemm-il darba rripetejna waqt id-duttrina li "Alla jinsab fis-sema, fl-art u kullimkien". Dan hu mod fqir għalina l-bnedmin biex nistqarru l-kobor ta' Alla li propjament ma tista' tkejlu b'xejn, waqt li bħala ħlejjaq "Hu jaf kif aħna magħġuna, jiftakar li aħna trab".

La kbirna nistgħu nidħlu ftit iktar 'l ġewwa u nsiru nafu ftit aħjar x'ifisser u x'għandna nifhmu meta ngħidu li **"ALLA waħdu hu BIŻŻEJJED"**. Għal dan l-iskop kiteb il-Prof. Pollakk Slawomir Biela, ispirat mit-tagħlim mistiku ta' San Ġwann tas-Salib, ta' Santa Tereża ta' Avila u ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Għalina l-Maltin jista' jgħodd ukoll bħala spjega għal dak li ħallielna San Ġorġ Preca, bħal per eżempju fil-kotba tiegħu dwar *l-Intenzjoni Retta* jew *l-Abbandun Totali.*

Kif tibda taqra dal-ktieb tradott għall-Malti mis-Sorijiet Klarissi u ppreżentat għal kull nisrani li jaspira għall-perfezzjoni, mill-ewwel isib ruħu quddiem **għażla:** bejn kollox u kulħadd minn naħa waħda u Alla min-naħa l-oħra. Din la hija sempliċi għażla bla ma timplika xi deċiżjoni, u lanqas mhi għażla sempliċi biex wieħed jgħixha u jipprattikaha. Għalhekk hija għażla li toffri sfida! L-isfida ta' Kristu nnifsu meta qalilna *"Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet".*

Min ser jaqra dal-ktieb se jħossu xi ftit jew wisq imċanfar għax jintebaħ kemm jeżistu "idoli" u kemm huma apprezzati! Huma kollha "illużjonijiet" iktar milli naħsbu li huma valuri, anki dawk il-ħwejjeġ l-iktar komuni u meħtieġa, bħalma huma d-dar, il-familja, ix-xogħol, il-flus u kulma mmissu b'idejna fil-ħajja tagħna ta' kuljum, inklużi s-suċċessi, it-teżori, il-miżerja u x-xejn tagħna. Aħna nklinati li nserrħu rasna kontinwament fuq xi ħadd jew xi ħaġa, u tant drabi nispiċċaw illużi!

Jibqa' biss serħan wieħed: "ALLA WAĦDU". Veru test għall-fidi nisranija. Din l-isfida ma naqasx li jippreżentahielna Kristu stess meta, fost affarijiet oħra, qalilna: *"Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u 'l ommu u lil martu u lil uliedu u 'l ħutu subien u bniet, u saħansitra lil ħajtu stess" (Lq 14, 26).* U hawn l-awtur, b'sengħa u bi stil ċar u mexxej, iwieġeb dwar il-veru post tagħhom b'mod li ma jitwarrabx is-serħan awtentiku li għandu jibqa' f'Alla waħdu. Fl-aħħar mill-aħħar, dan hu l-Ewwel Kmandament!




Il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb b'qoxra sewda, b'titlu b'tipi kbar u bla stampi ġewwa, diġà jagħtik l-impressjoni li se tiġi f'kuntatt ma' dak l-Esseri Nfinit li waqt li huwa 'l fuq mill-ħolqien kollu *"fih ngħixu, nimxu u neżistu".* Hu biżżejjed għalina, jekk tassew nemmnu fiH.

Dan il-ktieb, it-8 wieħed fis-sensiela "Qawsalla Reliġjuża", jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex jew direttament mil-*Lumen Christi Bookshop,* Victoria, għall-prezz ta' 5 ewro.

***Mons. Salv Grima***

***Nota Editorjali għall-Qarrejja Maltin***
*Dan il-ktieb, u kotba oħra tal-"Lumen Christi Publications", jista' jinkiseb ukoll m'għand id-distributuri f'Malta*
***SIERRA BOOK DISTRIBUTORS***
*billi ċċempel fuq dan in-numru:* ***2137 8576.***

*L-Apostolat tal-Lajċi fil-ħsieb tal-Kardinal Basil Hume*

# LID-DIXXIPLI: "INTOM MELĦ

## 1 "INTOM IL-MELĦ TA' L-ART, INTOM ID-DAWL TAD-DINJA"

- Dan il-kliem, Ġesù ma qalux biss lid-dixxipli ta' żmienu.
  Iżda dan il-kliem, Ġesù qed jgħidu lid-dixxipli ta' kull żmien.
  Għalhekk, Ġesù qed jgħidu **lili u lilek, illum**.
- Kliem Ġesù jibqa' jidwi matul is-sekli kollha :
  **l-istess Leħen**
  **l-istess Messaġġ**
- Kull kelma ta' Kristu
  għadha tgħodd għal kull wieħed minna
  u qiegħda tingħad
  mhux intqalet fl-imgħoddi mbiegħed
  iżda qed tingħad **illum**
  u Kristu qed jgħidha lili personalment,
  b'ismi u kunjomi.
- Għaldaqstant, kliem Kristu
  m'għandix nisimgħu qisu xi ħaġa ta' l-imgħoddi
  li għadda żmienha
  iżda bħala xi ħaġa li qed tingħad lilna **illum** u **issa**.

Għalhekk biex nużaw kliem f'definizzjoni:
Kliem Kristu huwa ta' Ragħaj ta' Dejjem:
- **relevanti**
- **kontemporanju**
- u **personali**




## 2 X'INHU JGĦIDILNA KRISTU LLUM, LILI U LILEK?

**"INTOM MELĦ"**

- Ġesù qed ifakkarni li jien "melħ ta' l-art".
  Iżda x'jiġri jekk il-melħ jitlef it-togħma u jsir bla siwi?
  Ma jiswa għal xejn ħlief biex jintrema 'l barra.
- Mingħajr melħ l-ikel fil-platt
  isir **bla gost**
  isir **bla togħma**
  **bla siwi**.
- Hekk ikun in-nisrani jekk ikun "melħ bla togħma".
  Isir Nisrani **ta' nofs kedda**
  Nisrani **bla sugu**
  Nisrani li **ma jħalli l-ebda effett.**

**"INTOM ID-DAWL TAD-DINJA"**

- Ġesù jgħidilna; "Intom id-dawl tad-dinja."
  X'ħaġa ta' l-għaġeb!!
- Jien inqis lili nnifsi bħala "**Id-dawl tad-dinja**"?
- Din il-ġimgħa kien hemm xi ħadd li nnotani li qed **nirrifletti d-dawl ta' Kristu fuq l-oħrajn?**

Mhux b'xi mod straordinarju
iżda b'mod sempliċi, billi jkun hemm xi ħaġa speċjali fl-imġiba tiegħi, li ħaddieħor jinnota fija.

## 3 X'IFISSER TKUN MGĦAMMED?

Hemm żewġ aspetti:

(a) **DINJITÀ KBIRA**
Aqra l-ewwel Ittra ta' San Pietru :
**"Intom poplu magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis..."** *(1 Pietru 2:9-10)*

Mela li tkun mgħammed ifisser
- li tkun **persuna speċjali**
- **persuna magħżula**
- **persuna prezzjuża** f'għajnejn Alla
- **persuna maħbuba** b'imħabba kbira minn Alla.
- **li tkun mgħammed ifisser li ssir tixbaħ lil Kristu.**

(b) **RESPONSABBILTÀ KBIRA**
- Il-Magħmudija mhix biss dinjità kbira, iżda wkoll responsabbiltà kbira.

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# ...INTOM DAWL" (Matt 5: 13,14)



- Fil-Magħmudija tingħata xemgħa tixgħel lill-missier.
- Din ix-xemgħa tfakkar li dak li tgħammed għandu responsabbiltà fuq spallejh li jkun DAWL TA' KRISTU fid-dinja.
- Aħna l-imgħammdin għandna nkunu entusjażmati għall-Vanġelu.
- L-impenn tagħna fis-soċjetà għandu jkollu skop :
- **Irridu ninbidlu aħna, biex inbiddlu lis-soċjetà li fiha qed ngħixu.**

Xemgħa żgħira tista' tferrex ħafna dawl
ġewwa għar mudlam.
Mela musbieħ jixgħel jista' jagħmel differenza.
Aħseb u ara, ħafna msiebaħ mixgħula
X'DIFFERENZA KBIRA JAGĦMLU!

## 4 TGĦADDI MIT-TEST?

- Dak id-dawl li rċevejt fil-Magħmudija, ĦBEJTU ? jew qed tipprova xxerred dan id-dawl madwarek ?
- Kemm tirsisti biex tkun nisrani li timxi wara Kristu?
- Tixbaħ il-melħ li tilef it-togħma jew lil dawl taħt il-modd?
- Uża t-test tal-Profeta Isaija : *(kap.58:7-10)*
  "taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ,
  iddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf,
  tlibbes lil min hu għarwien
  u n-nies ta' darek ma tinsihomx."
- **Inti tħabbel moħħok mill-proxxmu, jew tgħid, "x'jimpurtani"?**
- **Inti tirsisti biex is-soċjetà tagħmilha dinja aħjar għalina ikoll?**
  Mhux bi ħwejjeġ ta' barra minn hawn
  iżda bi ħwejjeġ ordinarji, eżattament kif jagħmel il-melħ.

Il-melħ ma jidhirx fil-platt. Iżda nintebħu li jkun hemm għax intemgħuh.
**Dan għandu jkun r-rwol tagħna l-Insara:**
- **li ninfluwenzaw l-ambjent ta' madwarna ħelu, ħelu.**
- **li nfittxu li nħobbu lil kulħadd, ikun min ikun.**

*(Basil Hume, "The Mystery of the Incarnation", St.Paul's, 2000, paġni 49-51)*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (74)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TLIETA U GĦOXRIN PARTI)*

## IL-ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU (2)

**B. San Tumas d'Aquino,** fit-tmien kwistjoni tat-tielet taqsima tas-*Summa Theologica*, jitratta dwar il-Ġisem Mistiku, u jafferma li Kristu huwa r-Ras tal-Knisja; **"Kif il-Knisja kollha tissejjaħ 'Ġisem Mistiku wieħed' f'tixbih mal-ġisem naturali tal-bniedem, li għandu għemejjel diversi, skont id-diversi membri tiegħu, kif igħallem l-Appostlu** (*Rum.* 12 u I *Kor.*12), **hekk ukoll Kristu, jissejjaħ ir-Ras tal-Knisja, f'tixbih mar-ras tal-bniedem."**

San Tumas, waqt li jitkellem dwar ix-xirka tal-qaddisin, jiġbed żewġ konklużjonijiet:

(i) Li l-mertu tar-Redenzjoni ta' Kristu, r-Ras, permezz tas-Sagramenti, jieħdu sehem minnu wkoll il-membri tal-Ġisem Mistiku.

(ii) Li kull membru jipparteċipa mill-opri tajba tal-membri l-oħra.

**C) Il-Papa Piju XII, fl-enċiklika "Mystici Corporis"** tad-29 ta' Ġunju 1943, ixebbah il-Knisja ma' Ġisem u b'hekk jidhru aħjar il-kwalitajiet tagħha:

(i) hija ġisem wieħed u mhux mifrud (l-unità jew l-għaqda li hemm fiha).
(ii) Ġisem viżibbli u li jeżisti storikament.
(iii) Ġisem mibni, b'mod organiku u ġerarkiku.
(iv) Ġisem mogħni bil-mezzi tas-santifikazzjoni (is-sagramenti).
(v) Kompost minn membri (bnedmin ħajjin jew mejtin).

L-enċiklika tgħallem li dan huwa l-Ġisem ta' Kristu, għaliex Hu l-Fundatur tiegħu, Huwa li salvah u jieħu ħsiebu, bir-raġun jissejjaħ ir-Ras tiegħu.

**D. It-teoloġija tal-Konċilju Vatikan II,** dwar il-Ġisem Mistiku hija mfissra fl-ewwel kapitlu (n.7) tal-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium.*" Il-Konċilju Vatikan II, fost it-tixbihat tal-Knisja, jsemmi wkoll il-ġisem u jgħidilna; **"Kif il-membri kollha tal-ġisem tal-bniedem, għalkemm ħafna, jifformaw ġisem wieħed, hekk ukoll, jagħmlu ġisem wieħed il-fidili fi Kristu."**

Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu jfisser kemm il-għaqda intima ta' kull wieħed ma' Kristu, kif ukoll is-sejħa t'Alla, għall-komunjoni jew xirka flimkien mal-bnedmin l-oħra u ma' Kristu.

(i) Ġesù kkomunika l-Ispirtu tiegħu lil ħutu u għamilhom b'mod mistiku l-Ġisem tiegħu.
(ii) Il-ħajja tixtered permezz tas-sagramenti, bħal ma huma l-Magħmudija, u l-Ewkaristija.
(iii) Għad li l-membri huma differenti u għandhom ħidmiet differenti, iżda wieħed hu l-Ispirtu u waħda wkoll il-grazzja, li għandhom sehem minnha.
(iv) Ir-Ras ta' dan il-Ġisem, li hu Kristu, jimla l-Ġisem kollu bil-glorja tiegħu *(pleroma)*.
(v) Il-membri kollha għandhom isiru jixbħuh sakemm jaslu fis-Saltna ta' dejjem.
(vi) Għandna ngħinu lil xulxin biex niksbu s-salvazzjoni.
(vii) Kristu tana li nieħdu sehem mill-Ispirtu tiegħu.
(viii) Hu jimla bid-doni lill-Knisja li hija ġismu u l-milja tiegħu

### *IX-XIRKA TAL-QADDISIN*

Hija xirka kemm fil-ħwejjeġ qaddisa, kif ukoll xirka bejn persuni qaddisin. Fil-Kredu nistqarru t-twemmin tagħna f'din ix-Xirka tal-Qaddisin. Fost il-ħwejjeġ qaddisa, jew għamliet ta' ġid spiritwali li jiġu mogħtija lill-membri tal-Ġisem Mistiku u li fihom huma jixxierku, hemm dawn li ġejjin:

- **ix-xirka tal-Fidi,**
- **ix-xirka tas-sagramenti**
- **ix-xirka tal-kariżmi**
- **ix-xirka ta' l-imħabba,** għax kif jgħid San Pawl "Ħadd fostna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih innifsu " (*Rum* 14,7). Din hija s-solidarjetà tal-membri kollha tal-Knisja, ħajjin u mejtin.

Dwar ix-xirka bejn il-persuni qaddisa, il-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" (n.49) tgħidilna: "għalissa, xi wħud mid-dixxipli ta' Kristu huma **pellegrini fuq l-art**; oħrajn mietu



u qed ikunu ppurifikati, fil-waqt li oħrajn huma fil-glorja, jikkontemplaw f'dija ta' dawl lil Alla nnifsu, wieħed fi tliet Persuni, hekk kif inhu." Dawn huma t-tliet stati tal-Knisja li f'xi wieħed jew ieħor minnhom, jinsabu l-membri tal-Ġisem Mistiku, iżda kull wieħed minn dawn l-istati huwa f'xirka waħda, maż-żewġ stati l-oħra, u magħqud magħhom, hekk li t-tlieta flimkien jiffurmaw it-totalità tal-membri tal-Ġisem Mistiku, dak li Sant' Wistin isejjaħlu il "*Christus Totus.*"

**L-għaqda tagħna li għadna pellegrini fuq l-art, ma' dawk li diġà daħlu fil-Ġenna u qegħdin igawdu l-viżjoni beatifika, tikkonsisti filli minn naħa tagħna aħna nivvenerawhom u nitolbuhom il-protezzjoni u l-għajnuna li nkunu neħtieġu. "Il-qaddisin tas-sema, mbagħad jgħinuna bl-interċessjoni tagħhom. Huma "ma jieqfu qatt jidħlu għalina quddiem il-Missier u joffru l-merti li kisbu fuq l-art, permezz tal-medjatur waħdieni ta' Alla u tal-bnedmin, Ġesù Kristu"** (*Lumen Gentium*, n. 49).

L-Għaqda tagħna ma' l-erwieħ tal-Purgatorju sseħħ, billi, aħna nitolbu għalihom u noffrulhom is-suffraġji tagħna, speċjalment is-sagrifiċċju tal-quddiesa.

Dan it-tagħlim dwar ix-xirka tal-Qaddisin jinsab miġbur fl-Istqarrija tal-Fidi tal-Papa Pawlu VI (30 ta' Ġunju 1968); "Aħna nemmnu fil-għaqda bejn il-fidili kollha ta' Kristu, ta' dawk li għadhom **pellegrini fuq din l-art**, il-mejtin li qed jissaffew u dawk li qed igawdu l-hena tas-sema, li lkoll flimkien jiffurmaw **Knisja waħda**; aħna nemmnu wkoll li f'din il-għaqda tgħinna l-imħabba ta' Alla ħanin u tal-Qaddisin tiegħu li dejjem lesti biex jisimgħu t-talb tagħna, kif qalilna Ġesù; "Itolbu u taqilgħu". **Bl-istqarrija ta' din il-fidi u din it-tama aħna nistennew il-qawmien mill-mewt u l-ħajja tad-dinja li għad trid tiġi.**

*(jissokta)*


RAYMOND CEFAI

*TAL-KELBA LTD.*

• BUILDING CONTRACTOR

• CRANE &

GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.

Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Għoxrin Parti )*

## *FRAN U ĦOBŻ (3)*

***Il-mara fil-forn (ikompli)***
Lejlet li kien imissha tmur il-forn, il-mara kienet tasal sal-forn biex iġġib ftit għaġina qarsa ħalli biha tagħmel il-**ħmira**. Din kienet tqegħidha f'**żingla** (skutella kbira) apposta u żżid magħha ftit dqiq u misħun u tagħġinha. Kienet imbagħad tgħattiha sewwa b'xi biċċa drapp tas-suf bħal kutra jew farda u tħalliha ħalli titla'. Din ikollha riħa ta' qrusa.

Hawn ta' min igħid li ħobż bla ħmira jiġi **ħobż ażżmu** li meta jsir jiġi iebes u għalhekk kien meqjus bħala **ħobż tal-penitenza**.

Issa l-mara ma kinitx taqbad u tmur xħin trid għax kien ikun hemm ħafna nisa oħrajn li kienu jmorru biex jagħġnu l-għaġna tagħhom. Għalhekk, meta jmissha biex tmur kienet tqiegħed karta bi ftit **melħ** fiż-żingla li semmejna. Kienet timla wkoll id-dqiq f'ċurniena jew xkora nadifa. Imbagħad xħin imissha kienet tieħdu l-forn billi ġġorru fuq rasha bil-**kagħwara**, jekk tkun toqgħod fil-qrib, inkella twasslu bil-ħmara jekk tkun toqgħod xi ftit 'il bogħod.

Meta tasal il-forn il-mara kienet tbattal id-dqiq u l-ħmira fil-lenbi fejn is-soltu kienet tmur tagħġen. Imbagħad kienet iżżid il-melħ u titfa' ftit ilma fietel. Fil-każ li jkollha l-kmiem twal, il-mara kienet ixxammar, imbagħad tibda tħawwad kollox ma' xulxin u **tagħġen** u **tlewwet** (tħallat bl-ilma biex tiġi sewwa) it-taħlita. Kienet iddum madwar tliet kwarti sakemm il-għaġina ssir sewwa.

Biex id-dqiq jintgħaġen sewwa, l-ilma jrid ikun bejn wieħed u ieħor ta' l-istess temperatura s-sena kollha. Għalhekk, fis-sajf jużaw ilma frisk u fix-xitwa ilma sħun biex il-għaġina tiġi sewwa.

Wara dan, kienet troxx ftit dqiq fil-wiċċ u tgħatti kollox b'biċċa drapp jew dvalja tan-newl kif ukoll xi biċċiet tal-kutri jew fradi tas-suf. Il-għaġina kienet titħalla hemm imgħottija għal xi sagħtejn jew xi ftit iktar sakemm **titla'**.

Wara dan, il-mara kienet taqbad il-għaġina u tibda tqattagħha ċappa ċappa. Dawn iċ-ċapep kienet tgeżwirhom ġod-dqiq u tqiegħidhom waħda ħdejn l-oħra fuq mejda, tilar jew is-**sodda tal-ħobż**, u tara li ma jkunux imissu ma' xulxin għax inkella jeħlu. Imbagħad tgħattihom b'biċċa drapp nadifa u tistenna sakemm il-furnar jaħmi l-forn.

Hawn ta' min iżid li l-mara ġie li kienet tagħmel ukoll xi **kagħka tal-għorik** billi tnaddaf il-lenbi sewwa jew xi **bziezen** żgħar mill-għaġina li jibqa' biex tagħtihom lit-tfal, **bezzun** kull wieħed, ħalli jikluhom matul it-triq jekk jiġu magħha meta tmur lura għall-ħobż.

Sadattant il-furnar jaħmi l-forn bil-ħatab. Fuq il-ħatab nitkellmu iżjed 'il quddiem.

### 3. Iżjed Xogħol fil-Forn tal-Ħatab

***Ftajjar tal-Wiri***
Qabel ma jibda jdaħħal il-ħobż, il-furnar kien isajjar il-**Ftajjar tal-Wiri**. Dawn il-ftajjar il-furnar kien idaħħalhom l-ewwel ħaġa qabel, wara li jiknes il-forn, biex sakemm idaħħal il-furnata jilħqu jsiru u mbagħad joħroġhom lesti.

***Il-Furnata.***
Il-ħobż kollu li jissajjar f'daqqa fil-forn jissejjaħ "il-furnata". Għalhekk, malli l-forn ikun inħema, il-furnar igħajjat lil dawn in-nisa li jkunu għagħnu l-għaġna tagħhom, kull waħda meta jmissha, biex iressqulu l-ħobż. Allura l-mara kienet tpoġġi ċ-ċapep tal-għaġina fuq tavla apposta jew **ċiknatur**, ħamsa ħamsa jew sitta sitta, u tgħaddihom lill-furnar. Dan kien jeħodhom, ipoġġilhom il-**għelm** jew is-**sinjal**, **igħabbar il-pala** bid-dqiq mill-**platt tad-dqiq**, iqegħidhom fuq il-pala u jdaħħalhom fil-forn waħda waħda. Malli jlesti kien jagħlaq il-forn u jitboq il-bieba bil-għaġina li jibqa' żejda li mbagħad kienet issir **ftietel** li mbagħad jitqassmu lill-fqar u lit-tfal iż-żgħar, **fettul** kull



Forn tipiku li jsajjar bil-ħatab

wieħed. In-naħa ta' isfel tal-bieba tal-forn kien isoddha bil-ġamar għadu jaqbad.

Wara li jagħlaq il-**bieba tal-forn**, il-ħobż idum jinħema għal xi sagħtejn.

### *Xogħol tal-Pastura*

Issa mhux kulħadd kien jista' jmur il-forn biex il-ħobż jagħġnu hu. Għalhekk, dan ix-xogħol kien jagħmlu l-furnar. Il-klijenti kienu jġibu d-dqiq il-forn. Dan id-dqiq jintgħaġen f'**għolja**, jitqatta' u jinħema mill-furnar, imbagħad jingħata ħobż misjur u lest lill-klijent bi ħlas żgħir. Dan ix-xogħol tal-furnar kien jissejjaħ "xogħol tal-pastura".

### *Dwar xi ħobż ieħor*

***Ħobż tal-maħlut***. Dan kien ikun ħobż magħmul mid-dqiq tal-qamħ u tax-xgħir imħalltin flimkien. Kien jissejjaħ ***ħobż ismar*** dak il-ħobż li mad-dqiq kien ikun hemm ukoll imħallta l-qxura. ***Ħobż ta' l-Oħxon***. Dan kien tip ta' ħobż rari li ma nafx li kien isir Għawdex.

***Ħobż tal-patata***. Dan kien ħobż ta' żmien l-aħħar Gwerra Dinjija, meta ma kienx jista' jiġi dqiq minn barra. Mad-dqiq kienu jħalltu 30 fil-mija patata, billi fil-Gwerra l-patata ma kinitx tista' ssiefer, u dan kien isir skont ir-regolamenti, biex hekk il-popolazzjoni ssib aktar ħobż x'tiekol.

Kien hawn f'xi żmien ħobż aktar fin imsejjaħ **ħobż tal-birra** jew **tal-kexxun,** imma dan il-ħobż ma kienx isir fil-forn tal-ħatab. **Ħobż tas-salib** kien ħobż bil-qasmiet sura ta' salib.

**Ħobż ażżmu,** dan kien ħobż ta' bla ħmira, ħobż iebes, magħruf ukoll bħala **ħobż tal-penitenza**.

Il-partijiet tal-**ħobża tal-Malti** jissejħu l-***qoxra***, il-***qasma, il-qiegħ*** u ***l-lbieba***, jiġifieri l-***qalba***. Parti mill-ħobża tissejjaħ **kisra** (meta l-qalba tidher miż-żewġ naħat) jew ***ġenba*** (meta l-qalba tidher min-naħa waħda). Biċċa ħobż żgħira tissejjaħ ***bukkun*** (meta tittiekel kif inhi) u ***ftieta*** (meta tixxappap fil-meraq). Biċċiet żgħar ħafna jissejħu ***frak tal-ħobż***.

Ħobża ta' daqs ikbar min-normal tissejjaħ **ħbejża**, dan minkejja li l-kelma ħbejża għandha sura diminuttiva. (Qabbel ma' ***kaxxa*** u ***kaxxetta***). Ħobżiet żgħar jissejħu **panini**.

### *Mill-Forn għall-Faċendi*

Issa sakemm il-ħobż isir u jasal il-ħin biex joħroġ mill-forn, in-nisa għaġġiena kienu jmorru d-dar biex sa dan it-tant jagħmlu xi faċenda. Imbagħad il-mara tmur lura l-forn b'xi **kannestru tal-ħobż** u żewġ biċċiet drapp jew dvalji. Malli l-ħobż joħroġ, kien ikun għadu jaħraq, taqbdu u tpoġġih waħda waħda fil-kannestru, tgħattih bid-drapp jew bid-dvalja u l-biċċa l-oħra tagħmilha kagħwara (kawwara) għal fuq rasha. Imbagħad terfa' l-kannestru fuq rasha u tmur lejn id-dar.

Issa d-dar kien ikun hemm bħal tavla mwaħħla xi ftit fil-għoli, msejħa l-i**xkaffa tal-ħobż** jew il-**farxa**. Il-mara, jew xi ħadd ieħor, kienet tpoġġi l-għaġna tal-ħobż fuq din il-farxa, ħobża ħobża weqfin ħdejn xulxin.

Jingħad li l-ħobż tal-qamħ kien ikun tajjeb iżjed mill-ħobż ta' llum, u aktar ma jeqdiem, aktar isir tajjeb, għalkemm imbagħad fl-aħħar, jekk jeqdiem iżżejjed, kien jew ***jibbies***, jekk ikollu l-arja, jew inkella ***jnawwar***, jekk ma jkollux arja. Għalhekk, il-għaġna kienet isservi għal diversi jiem.

Meta l-ħobż jasal biex jispiċċa, il-mara kienet terġa' tieħu ħsieb biex tmur tagħġen għaġna oħra għand tal-forn.

Għandu mnejn illum ngħidu: Uh miskina kemm kien ikollha xogħol il-mara ta' dari! Dan huwa minnu, imma mawra sal-forn kienet isservi wkoll biex il-mara jkollha ma' min titkellem ftit(!) u ssir taf bl-aħbarijiet tar-raħal u ta' Għawdex kollu. Bħall-għajn tal-ħasselin jew l-għajn ta' l-ilma, il-ħanut tal-merċa, il-mitħna, il-forn kien post ieħor fejn in-nisa tal-lokal kienu jiltaqgħu u jpaċpċu ftit bejniethom!

*(jissokta)*

# Ġorġ Pisani
## 100 sena minn Twelidu



*Joseph W. Psaila jintervista lill-iben il-poeta, n-Nutar Paul Ġ. Pisani*

L-INTERVISTA

***Nutar, missierek twieled u trabba fit-tokk tar-Rabat, eżattament f'dik li llum hi Triq ir-Repubbblika, u l-mixja ta' ħajtu kopriet is-seklu għoxrin kollu kemm hu. L-opra letterarja ta' Ġorġ Pisani kemm tirrifletti din it-trobbija Għawdxija?***

Missieri trabba fil-qalba tal-Belt Għawdxija iżda matul ħajtu kellu x-xorti li jsir jaf mill-qrib nies minn kull rokna ta' Għawdex mill-belt u mill-irħula: bdiewa, nies tas-sengħa, negozjanti, sajjieda, ħaddiema ta' l-id u fuq kollox tfal ta' l-iskola minn kull rokna ta' Għawdex. Dan nista' nixhdu jiena stess għaliex missieri dejjem fittex li jitgħallem mingħand kulħadd, speċjalment mingħand il-bdiewa dwar is-sengħa tagħhom u dwar it-tradizzjonijiet u t-twemmin tagħhom. Sa' l-aħħar ta' ħajtu kien jintasab fil-'*waiting room*' ta' l-uffiċċju tiegħi u jaqbad konverżazzjoni ma' dawk li kienu jkunu jistennew sabiex jinqdew għandi. Kien jitkellem ma' kulħadd u kien ifittxu kulħadd għax kellu dik ix-xi ħaġa li ġġagħlek tħoll ir-rumnell tar-rakkont. Dan il-kuntatt kontinwu ma' sħabu l-Għawdxin kien ilu li bdih sa' minn meta beda l-karriera tiegħu bħala għalliem u wara meta kien impjegat fl-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni. Naħseb li dan kien fondamentali sabiex minn xogħlijietu toħroġ dik l-impronta 'Għawdxija'. Għawdex kien id-'dinja' tiegħu, bit-tajjeb u bil-ħażin tagħha. Huwa ddedika ħajtu sabiex b'egħmilu u b'xogħlijietu jġib 'il quddiem il-pożizzjoni ta' l-Għawdxin u l-isem ta' Għawdex. Huwa ma' naqasx li jitkellem dwar dak li huwa ħażin u jinkoraġġixxi dak li huwa tajjeb. Dan jidher l-aktar fil-kitba ta' l-*essays* kif ukoll fir-rumanzi fejn hemm mhux biss kwadretti, kważi fotografiċi ta' Għawdex ta' żmien it-tfulija tiegħu, iżda fihom ukoll riflessjonijiet prattiċi dwar il-karattru ta' l-Għawdxin, il-preġji u n-nuqqasijiet tagħhom. Kollox miktub bi skop didattiku li jgħallem u jekk hemm bżonn jikkoreġi.

***It-tfal tal-ħamsinijiet u s-sittinijiet tas-seklu l-ieħor trabbejna nisimgħu u naqraw il-poeżija ta' Ġorġ Pisani fil-Ġabra ta' Ward. Għal ħafna minna din kienet ix-xrara li qabdet fina l-imħabba għall-poeżija!***

Il-kullana 'Ġabra ta' Ward' kienet ideata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' żmien A.V. Laferla. Is-Sur E.B. Vella, mill-Mosta, kien inkarigat jipproduċi din is-sensiela. Huwa kkuntattja lil missieri sabiex jiktiblu xi poeżiji addatti għat-tfal. Hemmhekk ħarġu l-poeżiji li fihom vrus ritmiċi bħal 'Ħamiema Bajda' u 'Teptep, Teptep Kewkba Ċkejkna' li faċli timmemorizzahom u li jnisslu f'min jaqrahom sentimenti ta' ħlewwa. Dawn il-poeżiji li ġew stampati fl-*Oxford University Press* fl-1930, kienu suċċess kbir u kif għidt tajjeb int, kienu x-xrara li ħabbet bosta żgħażagħ mal-poeżija. Pisani nħatar l-ewwel surmast tal-Malti fil-Liċeo t'Għawdex fl-1935. Kien f'dan l-istess żmien li missieri introduċa l-istudju tal-Malti fis-Seminarju t'Għawdex u fl-1936 introduċa t-tagħlim tal-Malti lill-għalliema li kienu qegħdin jattendu l-*Post Certificate Course*. Irrid ngħid ukoll li anke fl-aħħar ta' ħajtu, missieri ħass li għandu jerġa' jikteb xi poeżiji għat-tfal, poeżiji li jiena ppubblikajt wara mewtu fil-ktieb 'Għana Bikri u Għana Waħħari'. Hawn ukoll tinħass dik il-ħlewwa u ritmu melodiku, ħafif u pjaċevoli li ssib fl-ewwel poeżiji għat-tfal tiegħu.

***Il-karriera tiegħu kienet tabilħaqq imżewqa. Fit-tieni Gwerra Dinjija, missierek kien maħtur Assistent Uffiċjal tal-Informazzjoni f'Għawdex. X'kienet il-ħidma tiegħu f'dan iż-żmien diffiċli?***

Fl-eqqel ġranet tal-gwerra, fl-1940 missieri kien imsejjaħ Malta sabiex jaħdem fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Hemmhekk huwa ħadem bħala traduttur u ko-editur tal-ħarġa Maltija ta' l-*Information Service Bullettin.* Din il-ħidma ġiet imsemmija mill-kittieb Ingliż Francis Gerard fil-ktieb tiegħu *Malta Magnificent,* stampat f'Londra fl-1943. Matul dan iż-żmien, missieri għallem ukoll it-Taljan u l-Malti fl-iskola sekondarja tal-bniet fil-Belt Valletta u introduċa l-istudju tal-Malti lill-istudentessi tal-Kunvent tas-*Sacred Heart* f'San Ġiljan. Fl-1942 kien maħtur *Assistant Information Officer* għal Għawdex. Huwa fetaħ *Information Bureau* kważi fl-irħula kollha t'Għawdex. Kien fi żmien il-gwerra li missieri kellu sehem kbir fil-ġabra tal-qamħ mingħand il-bdiewa Għawdxin, meta l-provvisti ta' l-ikel f'pajjiżna kienu qabdu t-triq tan-niżla u pajjiżna kien ser iċedi lill-għadu. Bil-kelma ħerqana u konvinċenti tiegħu f'*meetings* imsejħa għal t'apposta fil-pjazez ta' l-irħula t'Għawdex, huwa rnexxielu jipperswadi lill-bdiewa jċedu l-qamħ prezzjuż tagħhom lill-Gvern sabiex tiġi evitata

disfatta nazzjonali. Dan kollu Pisani fakkru fil-ktejjeb "Il-Ġabra tal-Qamħ" (1945). Dan il-qamħ minn Għawdex kien il-kaġun li pajjiżna ma ċediex lill-għadu minħabba l-imblokk tan-Nażi-Faxxisti sakemm fl-aħħar wasal il-konvoy ta' Santa Marija. Naħseb li dan hu aspett ta' ħajtu li ftit jafu dwaru.

***Għalina, l-istudenti tal-Liċeo t'Għawdex tas-snin ħamsin, Ġorġ Pisani kien jippersonifika l-ilsien Malti li hu kien jgħallimna. Imbagħad, ħafna ta' l-età tiegħi, jiftakru l-pubblikazzjonijiet tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, sensiela twila* Tajjeb li Tkun Taf *u* The Review. *Iżda x'aktarx huma ftit dawk li jafu dwar ix-xogħol ta' Ġorġ Pisani f'dawn il-pubblikazzjonijiet!***


*Il-monument lil Ġorġ Pisani fir-Rabat, Għawdex*

Wara tmiem il-gwerra, missieri reġa' beda t-tagħlim tal-Malti, Reliġjon, Storja u Latin fil-Liċeo t'Għawdex u baqa' jaħdem ukoll fid-Dipartment ta' l-Informazzjoni. Huma ħafna dawk li għadhom jiftakru l-*filmshows* li huwa kien jorganizza wara nżul ix-xemx fil-pjazez t'Għawdex fejn kienu jintwerew dokumentarji u tingħata informazzjoni dwar il-ġrajjiet kurrenti. Fil-*Banca Giuratale* fir-Rabat, Għawdex, huwa fetaħ uffiċċju ċentrali b'kamra għall-qari attrezzata ħafna fejn wieħed kien isib jaqra ġurnali, rivisti u kotba dwar suġġetti varji. Fuq inizjattiva tiegħu wkoll kienu stallati l-*loudspeakers* tar-*Rediffusion* fil-pjazez t'Għawdex mnejn il-poplu kien jisma' l-aħbarijiet u l-avviżi tal-Gvern. Missieri kien ukoll wieħed mill-pijunieri tax-xandir f'Għawdex. Huwa kien introduċa sistema ta' xandir minn Għawdex għal Għawdex permezz ta' sistema rudimentali li kienet taħdem bil-linji tat-telefon u kien wieħed mill-pijunieri tal-programm t'Għawdex fuq ir-radju nazzjonali. Matul dan iż-żmien huwa kien jikkontribwixxi wkoll artikli regolari dwar Għawdex u dwar l-istorja tiegħu għar-rivista *"The Review"* u għal sensiela ta' *flyers* li kien jisimhom *'Tajjeb li Tkun Taf'*. Dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet, li fihom minjiera ta' tagħrif dwar Għawdex, l-istorja u l-kultura tiegħu kienu ppubblikati mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Id-Dipartiment kien jipprojbixxi lill-kontributuri milli jiffirmaw l-artikli tagħhom. Għalhekk ħafna nies ma' jafux li dawn kien jiktibhom missieri.

***Inti, Nutar, kif tispjega l-kwantità, id-diversità u l-kwalità ta' l-opra letterarja ta' missierek?... per eżempju, il-kummiedja soċjali li kiteb tibqa' attwali bl-intwizzjoni fin-natura umana u wkoll fil-mentalità Maltija u Għawdxija.***

Missieri kien awtur prolifiku. Kiteb proża u poeżija. Kiteb *essays*, rumanzi, novelli, żewġ volumi ta' leġġendi Għawdxin, kitbiet dwar il-folklor u dwar l-istorja ta' pajjiżna u diversi volumi ta' poeżiji. Baqa' ukoll ħafna xogħol mhux stampat. S'issa rnexxieli noħroġ biss żewġ volumi wara mewtu: ġabra ta' kitbiet dwar *folklore* mediċinali 'Id-Duwa tal-Madalena' u ktieb ta' poeżiji bl-isem 'Għana Bikri u Għana Waħħari". Nispera li l-Mulej jagħtini s-saħħa sabiex 'l quddiem nippubblika ix-xogħlijiet l-oħra li għadhom jistennew id-dawl ta' l-istampa!

Missieri ħaddem ukoll il-pinna fil-kummiedja soċjali. Fid-drammi tiegħu huwa tbiegħed mill-melodrama li kienet tikkaratterizza d-drammi ta' żmienu. F'kitbietu ma' ssibx kavallieri u torrijiet, damiġelli u draguni, kontijiet u prinċpijiet iżda ir-realtà tal-ħajja soċjali ta' żmienu. Id-dramm 'Apoteosi' jitratta dwar il-pjaga tal-parrokkjaliżmu, mentri 'Is-Sigriet ta' Swor Kristina' jitratta d-dritt tal-kura medika adegwata għal kulħadd. Jekk tikkunsidra meta nkitbu, ċioe' fis-snin tletin u erbgħin tas-seklu l-ieħor, tapprezza kemm il-kitbiet ta' missieri kienu *avant garde* għal żmienu. Dramm partikolari 'Is-Sengħa ta' l-Imħabba' li huwa l-iktar dramm li nħadem minn kumpaniji teatrali kemm f'Malta u f'Għawdex kellu jikkaġuna lil missieri dispjaċir kbir. Dan id-dramm jitratta l-ħajja soċjali tal-familji tagħna, fejn kultant xi familja titfarrak u kull komponent tagħha imur għal rieħu. Meta dan id-dramm sar mill-istudenti ta' l-Università, ġurnal lokali attakka lil missieri personalment għaliex deherlu li kien xogħol li ma jixraqx. Il-kontributur kien tal-fehma li la d-dramm ma kienx fih il-*'happy ending'* u ċioe' li l-protagonisti tiegħu ma' kienux irrikonċiljaw rwieħhom flimkien, allura dan kien dramm immorali. Missieri li kien ta' twemmin sod, ħassu offiż għall-mewt. Il-kwistjoni spiċċat il-Qorti, iżda l-Qorti dehrilha li l-kontributur tal-ġurnal kellu raġun għaliex fuq il-palk kellu jiġi proġettat biss is-sabiħ tal-ħajja. Ir-realiżmu kien għadu 'l bogħod mhux ħażin! Hawn ukoll, mela dan ix-xogħol teatrali kien *ground breaking*. Anzi, kien profezija għal żmienna!

***Inħoss li l-vers li hemm miktub fuq il-mafkar tiegħu "Jien fil-hena nħalli qalbi..." verament jiġbor fih il-qofol tal-ħajja ta' Ġorġ Pisani. Kemm kienet għalih tabilħaqq hekk il-poeżija?***

Naħseb dawk il-versi li qed tikkwota, meħudin minn 'Lil Palma Xiħa' fihom is-sintesi ta' dak kollu li fih emmen missieri. Il-poeżija kienet kollox għalih. Kienet l-uniku żvog tiegħu u meta kien ikun iħarbex xi ħaġa kien ikun fil-ġenna ta' l-art. Fil-poeżija huwa ħalla t-testment ta' ħajtu: Imħabba lejn Alla, lejn pajjiżna, lejn Għawdex tagħna u lejn in-nies li jgħammru fih. Fil-poeżija talab li tiġi difiża l-lingwa tagħna, li jiġi ppreservat il-pajsaġġ naturali ta' pajjiżna u fuq kollox li tibqa' ppreservata l-morali soda u kristjana li għaddewlna missirijietna. Naħseb li ħajtu kellha dawn il-prijoritajiet. Jixraq għalhekk li pajjiżna u b'mod partikolari ħutna l-Għawdxin ma' jinsewx lil dan il-personaġġ li tant ħadem u stinka sabiex il-linwga Maltija u isem Għawdex jibqgħu dejjem 'l fuq.

Letteratura — Profili (2)

# Ġorġ Pisani: Poeta ta' l-Istorja u taż-Żgħożija



kitba ta' CARM C. CACHIA

Jekk hawn poeta li jista' jirrappreżenta lill-gżira Għawdxija fil-qasam letterarju, dan il-bniedem hu, bla dubju ta' xejn, Ġorġ Pisani, kittieb prolifiku u persunaġġ li ħadem bi sħiħ għal art twelidu u għall-ilsien tagħha. Pisani twieled ir-Rabat Għawdex fis-6 ta' Mejju, 1909. Tgħallem fl-iskola primarja tal-Gvern u fil-Liċeo t'Għawdex fejn, meta kiber, ġie maħtur bħala l-ewwel surmast tal-Malti bejn l-1935-40. Aktar tard għallem it-Taljan u l-Malti fl-iskola Sekondarja tal-bniet tal-Belt Valletta. Fl-1942 ġie maħtur *Assistant Information Officer* għal Għawdex u matul il-Gwerra kellu sehem kbir fil-ġabra tal-qamħ fi żmien meta l-ġuħ kien qiegħed jagħfas sewwa fil-gżira ta' Malta. Meta l-gwerra spiċċat, hu ngħata diversi karigi u l-ħidma bla heda tiegħu għat-tagħlim u t-tkattir tal-Malti ma naqset qatt. Ġorġ Pisani huwa kittieb ta' ħafna xogħlijiet letterarji, fosthom antoloġiji ta' poeżiji, drammi, novelli, esejs, żewġ rumanzi u anke ġabra ta' leġġendi lokali.



Ġorġ Pisani mal-Viscount Gort waqt żjara f'Għawdex waqt it-Tieni Gwerra Dinjija f'Mejju ta' l-1943.

Aspett importanti fix-xogħol ta' poeta romantiku hu l-patrijottiżmu - l-imħabba lejn il-patrija. U ta' poeta romantiku li hu, Pisani lanqas ma naqas milli jagħtina kitbiet b'tema patrijottika. Dawn il-poeżiji tiegħu nistgħu naqsmuhom fi tnejn: dawk li jitkellmu dwar l-ilsien Malti u dawk li jitkellmu dwar Malta, art twelidu. Pisani beda l-karriera poetika tiegħu meta l-ilsien Malti kien għadu meqjus bħala l-lingwa tal-kċina u meta l-Maltin ma kellhom ebda dritt fuq art twelidhom. Kien żmien meta kien hemm bżonn li l-Malti jiġġieled għall-identità nazzjonali tiegħu. Ħafna kienu dawk il-kittieba Maltin li wieġbu għal din is-sejħa. Fosthom kien hemm l-istess Pisani li, influwenzat mill-poeta nazzjonali Dun Karm, kiteb kemm felaħ biex artna tieħu dak li bi dritt kien tagħha. Fost ix-xogħlijiet li jitkellmu dwar l-ilsien Malti nsibu **Lill-Ilsien Malti** u **Lil Mikiel Anton Vassalli**. Din ta' l-aħħar, barra li hi eloġju lil wieħed mill-akbar patrijotti Maltin, turi l-ferħ tal-poeta għall-aħbar li l-Ilsien Malti kien se jsib postu bħala l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż:

*Dalwaqt jisbaħ jum ġdid, jum kollu dija,*
*u sseħħ, missier, il-ħolma tiegħek kbira:*
*Malta fil-Lsien u l-Qalb, Malta Maltija.*

Il-patrijottiżmu ta' Pisani mhux marbut biss mal-glieda għall-ilsien Malti. Hu minn dejjem ħass il-bżonn li juri l-kobor ta' Malta u għalhekk kiteb dwar l-istorja tagħha wkoll. Dan il-fatt tah il-fama ta' Poeta ta' l-Istorja. Hawn, il-poeżija ta' Pisani turi ċerta oriġinalità li ma ssibha f'ebda poeta kontemporanju ieħor u min, fi żmienu, ipprova jimitah, tana biss kopji dgħajfa. Din l-oriġinalità kienet tikkonsisti fil-mod li bih il-poeta kien jittratta postijiet marbuta mal-ġrajjiet tal-gżira bħal Għar Dalam, Ħaġar Qim, it-tempju tal-Ġgantija u ċ-Ċittadella. Dawn il-postijiet donnhom kellhom seħer fuq Pisani tant li joħloq minnhom bħal leġġendi li, waqt li jagħtuhom il-ħajja, joħorġu wkoll l-importanza tagħhom fl-istorja ta' art twelidna. Hekk insibu, fost l-oħrajn, il-poeżiji **F'Ħaġar Qim**, **Għar Dalam** u **Il-Ġgantija f'Għawdex**. Għalkemm dawn kollha huma ta' livell għoli, din ta' l-aħħar tispikka fuq sħabha minħabba s-simboliżmu li hemm moħbi bejn il-versi tagħha. F'din il-poeżija Pisani bħal ried jorbot il-ġest patrijottiku tat-tfajla li tmut martri għal Għawdex tagħha mas-sagrifiċċju estrem li wettqu bosta Maltin matul iż-żminijiet biex jiddefendu lil art twelidhom.



*Promozzjoni tal-'Gozo Cottage Industries'. Ritratt bħala reklam għall-bizzilla ta' Għawdex*

Lil Għawdex tiegħu Pisani jħobbu ħafna u bir-raġun. Lil din il-Gżira ta' Kalipso, hu ddedikalha uħud mill-isbaħ versi. Diġà semmejna, aktar 'il fuq, il-poeżija **Il-Ġgantija t'Għawdex**. Ma' din ta' min isemmi oħrajn bi sfond storiku, bħal **Ġnien is-Sultan**, **Taħt l-Arloġġ il-Qadim tal-Katidral** u **Il-Kastell t'Għawdex**. F'dawn ukoll Pisani jħalli l-fantasija tiegħu tiġri fil-versi sabiex jibdel f'leġġendi lil dawn l-imkejjen storiċi li huma parti mill-patrimonju ta' din il-gżira.

*M'għadekx iddoqq, m'għadekx issemma' leħnek*
*Fil-misraħ ċkejken illi hemm quddiemek*
*Li bħalek jaf elf ġrajja*
*F'tislit bejn mewt u ħajja*

**(Taħt l-Arloġġ il-Qadim tal-Katidral)**

Imma Pisani kien imsaħħar ukoll mid-dehra naturali u folkloristika li jaf joffri Għawdex. Tant hu hekk li f'poeżiji bħal **Kemmuna**, **San Girgor f'Għawdex**, **Lejla ta' Marsalforn**, **Ix-Xatt t'Għawdex** u **Għawdex** (***snapshot***), id-dehra li jippreżentalna hi waħda tal-kartolini. Illum Għawdex għadu post sabiħ li jattira lit-turisti s-sena kollha, imma fi żmien il-poeta din il-gżira kienet tħaddar aktar minn żminijietna billi l-impatt ta' l-hekk imsejjaħ progress kien għadu ma ħalliex il-marka tiegħu f'forma ta' bini bajdan f'xifer l-għoljiet u sriebet ta' karozzi jdaħħnu.

Pisani jikteb ukoll dwar iż-żgħożija, u żgħażagħ huma ta' spiss il-protagonisti tax-xogħlijiet tiegħu. Hu jammira l-kuraġġ u l-ħeġġa tagħhom f'poeżiji bħal **Il-Għid taż-Żgħożija** u **L-Għolja**, imma mbagħad jikkritika bl-aħrax lil min juża liż-żgħażagħ għall-iskopijiet tiegħu bħalma jagħmlu l-mexxejja ta' xi pajjiżi li jissagrifikaw il-ħajja taż-żgħażagħ f'isem il-patrijottiżmu jew il-gwerra. Infatti Pisani kien baqa' impressjonat bl-imwiet ta' l-ewwel gwerra dinjija tant li kiteb **Pax**. Ta' l-istess ħsieb ukoll insibu l-poeżija **Il-Barri**, poeżija metaforika li tikkritika lil min jeqred ħajjiet żagħżugħa. Barra minn hekk huwa liż-żgħażagħ li Pisani jindirizza f'ħafna mill-poeżiji patrijottiċi tiegħu, waqt li f'oħrajn iż-żgħażagħ huma l-protagonisti. Dan għaliex fihom kien jara l-futur ta' pajjiżna. Il-poeżija **Il-Ġgantija t'Għawdex** hi xhieda ta' dan.

*"La darba xejn għal dan ma jiswa driegħi*
*Nagħtihom jien 'l-allat ħajti u xbubiti.*
*Immut għal Għawdex tiegħi".*

**(Il-Ġgantija t'Għawdex)**

Aspett ieħor tal-poeżija ta' Pisani hu dak awtobijografiku. F'dawn il-poeżiji l-poeta jitkellem dwar ħajtu u dwar dak li kien jolqtu mill-qrib. Fihom jispikkaw ħsus qalbu, dak li kien iferrħu u jnikktu fil-ħajja ta' kuljum. Skont il-professur Ġużè Aquilina[1], il-ħajja poetika ta' Pisani tista' tinqasam fi tliet fażijiet bażiċi. Dawn huma: il-ħajja ta' ġol-kunvent; barra mill-kunvent fi żmien il-paċi; u barra mill-kunvent fi żmien il-gwerra. L-aħjar xogħlijiet ta' Pisani ħarġu mit-tieni fażi u din stess kienet influwenzata mill-memorja ta' l-ewwel fażi. Kien iż-żmien li fih inkitbu l-poeżiji li wara dehru fl-antoloġija **Il-Għid taż-Żgħożija**, li fiha Pisani stampa uħud mill-aqwa xogħlijiet poetiċi tiegħu.



*Ġorġ Pisani waqt l-ewwel trasmissjonijiet tar-Rediffusion minn Għawdex.*



*Ġorġ Pisani ma' l-għalliema tal-Liċej tas-subien u tal-bniet.*

L-ewwel żewġ fażijiet li jittrattaw il-ħajja bikrija tal-poeta juruna lil Pisani bħala żagħżugħ imħawwad minn kriżi interna. Aquilina[2] jsejjaħ din il-kriżi bħala "l-kriżi ta' reazzjonijiet fiżjoloġiċi" jew aħjar it-taħwid tar-ruħ u tal-ġisem, meta s-saħħa tal-waħda u tal-ieħor kienu donnhom imheddin minn dawk il-ħafna beżgħat ta' żagħżugħ li ma jħossx ruħu ċert mill-vokazzjoni tiegħu. Infatti dan it-tħassib tiegħu jidher f'poeżiji bħal **Għanja Moħbija**, **Fuq il-Bir Tal-Kunvent**, u **Triqat Mitlufa**.



*Ġorġ Pisani qed jiġi ntervistat minn Susan Mulvaney waqt programm dwar Għawdex fuq l-RTK, mill-istudios tal-"Lumen Christi Media Centre" fil-Belt Victoria (Frar 1993).*

F'uħud tispikka l-karba ta' żagħżugħ li tilef il-maħbuba tiegħu. Ħafna drabi jiġri li l-ħolma tal-imħabba li żagħżugħ ikollu f'qalbu, tibqa' ma ssir qatt realtà. Din it-tema tal-maħbuba mitlufa nsibuha ta' spiss fil-poeżija ta' Pisani. Qalb il-poeta, mifnija għat-tfajla li m'għadhiex aktar "tiegħu", titbekka mal-qarrej f'poeżiji bħal **Għanja**, **Għanja Moħbija**, **Kelma Nassiesa** u **Lil April**.

F'oħrajn hemm l-eku tal-ħajja spiritwali li l-poeta għex għal xi żmien fil-kunvent tal-kapuċċini f'tarf ir-Rabat. Fil-ballata **Fuq il-Bir tal-Kunvent**, il-poeta jirrakkonta l-ġrajja kiebja ta' "Fra twajjeb ikaxkar riġlejh". Din il-poeżija hi waħda mimlija tifkiriet ta' ħajja reliġjuża, tifkiriet tal-kunvent! Imma forsi hi aktar minn hekk. Jiġri matul il-poeżija kollha hemm bħal sens ta' melankonija, ta' bniedem li donnu lanqas hawn, fil-protezzjoni ta' dan il-post qaddis, ma sab il-paċi interna li kien ifittex.

**Triqat Mitlufa** hi poeżija li tkompli tisħaq id-delużjoni li trabbiet f'qalb il-poeta żagħżugħ meta ma seta' jsib paċi mkien. Infatti dil-poeżija tirrakkontalna kif il-poeta pprova ħafna "toroq" biex jasal għal dik il-paċi interna li kien ilu jfittex. Skont hu kienet il-poeżija biss li offrietlu l-kenn minn din id-dinja nassiesa li tqarraq bik il-ħin kollu.

*U llum li ġewwa qalbi*
*ġarrabt mill-ġdid dis-sħana*
*erġajt għall-poeżija*
*erġajt għat-triq ta' l-għana*

**(Triqat Mitlufa)**

Din l-istess idea nsibuha wkoll f'poeti romantiċi oħra, kontemporanji għal Pisani, bħal Briffa, Buttigieg u Vassallo. Din hi waħda mill-karatteristiċi essenzjali ta' poeta romantiku u li f'Pisani mhix nieqsa - il-ħarba mir-realiżmu ikrah tal-ħajja għall-kenn fil-ħajja idillika li toffri biss il-poeżija.

---

[1] *AQUILINA Ġ,* Il-Poeżija ta' Ġorġ Pisani *f'Pisani Ġ.,* **IL-Għid taż-Żgħożija,** *Lux Press Malta 1963 (p iv)*
[2] *Ibid.*

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

*Kummentarju (3)*

# It-Tfajla Omm... jeħtieġ nifhmu minn x'hiex tgħaddi



*kitba ta'* **MARIA ATTARD**

**It-tfajla omm ma għadhiex fenomenu ta' waħda fill, iżda saret fenomenu kulturali u hemm bżonn li kemm il-familja, l-iskola, is-soċjetà u l-Knisja jieħduh bis-serjetà u jaraw kif jista' jiġi ndirizzat biex in-numru jonqos u mhux jiżdied, jew aħjar biex it-tfajliet tagħna b'mod partikulari jkunu konxji minn qabel ta' dak li jridu jgħaddu minnu u jirrispettaw aktar lilhom infushom, lill-*partner* u aktar u aktar lill-kreatura li titnissel frott ta' attività sesswali bikrija jew mhux f'waqtha.**

Meta tfajla tiġi konxja li saret omm, jitfaċċaw fix-xefaq sitwazzjonijiet li qatt ma tkun ħasbet fuqhom u li jistgħu joħolqu stress mhux żgħir. Ser insemmi xi aspetti li jagħfsu fuq it-tfajla omm li trid twieġeb għalihom waħidha jew bl-għajnuna ta' persuni li joffru sapport.

Ser nimxu pass pass it-triq ta' din ir-realtà. Malli t-tfajla omm tinduna li hi tqila tieħu xokk kbir. Mument li tgħixu waħidha u f'moħħha u f'qalbha jberren elf ħsieb – forsi mhux veru, kif sa ngħid lill-ġenituri, x'ser nagħmel? Inżomm it-tarbija jew le!. Hawnhekk taħdem ħafna l-formazzjoni tagħha, s-saħħa psikoloġika tagħha, l-istima lejha nfisha u kif tħares lejn il-ħajja speċjalment dik ta' tarbija fil-ġuf. Dan il-perjodu ta' tensjoni jista' jkun qasir jew twil. Minħabba l-biżà ġie li jkun hemm tfajla li ddum ix-xhur taħbi t-tqala tagħha. Jiġri hekk speċjalment fost it-tfajliet ta' età żgħira.

**Wara din id-deċiżjoni tidħol oħra xejn inqas stressanti. Lil min ser tgħid l-ewwel? Kif ser jeħduha tad-dar, sħabha, l-*partner*, eċċ? Kif ser iħarsu lejha n-nies? It-tfajla omm tinħakem minn sens kbir ta' ħtija u tista' tħossha bħal dik li waqqgħet il-familja fil-għajb. Tiġi konxja tal-weġgħa li ser tikkaġuna lill-ġenituri li tant ħabbewha u ħolmu dwar il-futur tagħha.**

Tiġi quddiemha sitwazzjoni oħra li trid tiffaċċja. Ma min ser noqgħod bit-tarbija? Jekk taħt l-età ma hemmx triq oħra. Il-familja tiġi ħabta u sabta quddiem realtà ġdida mhux ħafifa. Is-sapport tal-familja hu ferm importanti speċjalment jekk it-tfajla tkun għadha tistudja. Għaldaqstant, finanzjarjament ma tkunx tista' tgħix ħajja indipendenti.

**X'ser ikun ir-rwol tal-missier? Ser tirreġistra t-tarbija f'isem il-missier? Jekk ir-relazzjoni hi dgħajfa, ta' ftit ġranet jew xhur jekk mhux ukoll frott ta' laqgħa waħda...** Din hi '*issue*' taħraq ħafna u titlob studju u riċerka biex fuq livell lokali ssir ġustizzja lejn it-tfal kif ukoll lejn l-omm. L-omm hi dejjem dik li trid iġġorr il-pakkett sħiħ (tqala, ħlas, tredda, eċċ.) Kif ser tgħid lil missier? L-iskola, ma min taħdem...Dan kollu jberren fil-moħħ tat-tfajla.

**Ir-rwol tal-missier fit-trobbija tat-tfal, speċjalment meta l-omm trid tmur l-iskola jew taħdem hu importanti.** Iridu joqogħdu attenti biex ma jeħdux ir-rwol ta' l-omm u l-anqas bil-kritika tagħhom ikissru s-*self esteem* ta' l-omm. Id-dixxiplina trid tkun tagħha. In-nanniet iridu jkunu prudenti ħafna.

Aspett ieħor importanti hi r-relazzjoni ma' missier it-tarbija. Jekk preżenti, r-relazzjoni trid titkompla u importanti li jkun hemm ċertu '*boundaries*'. Dan mhux ir-raġel tat-tifla u lanqas membru tal-familja. Dan l-aspett hu ferm importanti biex wieħed jagħmel dmiru u fl-istess ħin iżomm postu u ma jinqalax stress bla bżonn fil-familja konċernata.

**Jekk missier il-familja ma refax ir-responsabbiltà allura t-tfajla tgħaddi minn mumenti ta' kriżi speċjalment jekk kien wegħidha li ser ikomplu flimkien. Tkun tbatija akbar jekk jitfa' t-tort fuqha. Dan il-fatt jista' jħalli marka kerha li tnissel fit-tfajla biżà milli 'l quddiem tidħol f'relazzjoni oħra... Jeħtieġ nagħdruhom u ngħinuhom!**



## Passiġġata Biblika - 46

*"Uri lilek innifsek mera ta' mġieba tajba; safi fit-tagħlim, qies f'kollox, kelma sħiħa bla għajb, biex il-għadu jitħawwad billi ma jsib xi jgħid l-ebda deni fuqna" (Titu 2:7-8).*

# MAĦSULIN FIL-VERITÀ TA' KRISTU

Ħarsa qasira lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Titu

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L-Ittra lil Titu*

**L-Ittra ta' San Pawl lil Titu, inkitbet madwar is-sena 65 W.K., f'perjodu fejn San Pawl għal ftit żmien kellu l-opportunità li jżur xi komunitajiet, qabel ma safa miżmum b'mod aħrax fit-tieni priġunerija fil-ħabs f'Ruma li wasslu għall-martirju bi qtugħ ir-ras fuq Via Ostiense. Infatti fl-aħħar ta' l-ittra, San Pawl jitlob lil Titu biex imur jarah meta kien ser jgħaddi x-xitwa f'Nikopoli, biex jieħu xi twissijiet u tagħrif dwar it-tmexxija tal-Knisja fi Kreta (ara Titu 3:12).**

Titu, l-isem Ruman tiegħu jfisser 'il-meqjum'. Kien minn Antijokja tas-Sirja u l-ġenituri tiegħu kienu pagani fejn trabba f'dan l-ambjent pagan sakemm ġie kkonvertit minn San Pawl matul l-ewwel vjaġġ missjunarju: "ibni fit-twemmin tagħna t-tnejn" (Titu 1:4; ara Galatin 2:1-3). Ma ħax iċ-ċirkonċiżjoni



u dan nafuh minn Galatin 2:3-5. Sar wieħed mill-kollaboraturi (bil-Grieg: *sinergos*) ta' San Pawl bħalma kien Timotju (ara 2 Kor 8:23). Kien ħabib ta' San Luqa u kien mexxej għaqli u bniedem ta' fiduċja kbira u li jġib is-sliem. **San Pawl għażlu bħala isqof tal-gżira ta' Kreta fejn jgħidlu biex: "iqassam kollox bl-ordni, skont ma ordnajtlek" (Titu 1:5). Din hija l-aħħar ittra ta' San Pawl f'din is-sensiela tagħna tas-Sena Pawlina li dalwaqt tasal fit-tmiem tagħha. Fil-ħarġa li jmiss nittrattaw l-Ittra lil-Lhud.**

### *L-Għalliema Foloz*

Il-preżenza ta' dawn l-għalliema qarrieqa kienet preżenti hawnhekk ukoll fil-Knisja ta' Kreta, bħalma kienet is-sitwazzjoni ta' Timotju ġewwa Efesu: "Għax hawn ħafna li ma joqogħdu taħt ħadd, li jitħaddtu fieragħ u qarrieqa, l-aktar fost iċ-ċirkonċiżi..." (Titu 1:10). Fl-ittra nsibu ukoll kelma soda għal kull kategorija ta' nies: għax-xjuħ, għall-miżżewġin, għaż-żgħażagħ u għall-ilsira. Titu bħala isqof huwa amministratur ta' Alla (ara Titu 1:7) u huwa msejjaħ biex jikkoreġi u jikkumbatti lil dawk li kienu qegħdin ixerrdu tagħlim qarrieqi fost il-komunità (ara Titu 1:9 u 3:9-11).

### *Kristu l-Għajn tas-Salvazzjoni*

Bħalma nsibu fiż-żewġ ittri lil Timotju tidher ċara f'din l-ittra ukoll il-missjoni ta' Kristu li ġie biex jifdina u jsalvana: "li ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddaf poplu li hu tiegħu, kollu ħeġġa għal għemil tajjeb" (Titu 2:14). Din l-għajn tas-salvazzjoni timla lin-nisrani u lill-Knisja bit-tama fil-Parusija: "biex ngħixu f'dan iż-żmien bir-rażna, bil-ġustizzja u t-tjieba, nistennew it-tama hienja u d-dehra tal-glorja ta' Alla kbir u s-Salvatur tagħna, Ġesù Kristu" (Titu 2:13).

### *Salvati bil-Ħasil tat-Twelid Ġdid*

"Kelma żgura, u jien irridek tisħaq fuq dawn il-ħwejjeġ, biex dawk li jemmnu f'Alla jagħtu ruħhom biex ikunu minn ta' l-ewwel fl-opri tajba" (Titu 3:8). Din hija l-verità li Pawlu jixtieq li Titu jisħaq fuqha mal-komunità tiegħu. Hawnhekk San Pawl juża l-kelma 'ħasil' (bil-Grieg: *loutron* li tfisser 'banju') għaliex il-magħmudija hija twelid ġdid bl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu. Il-magħmudija normalment fil-bidu tal-Knisja

kienet issir bl-immersjoni jiġifieri dak li jitgħammed jidħol u jinżel kollu kemm hu fl-ilma. Għalhekk fil-Magħmudija, l-Ispirtu s-Santu jġedded lin-nisrani, billi jiġi mogħti bil-kotra mill-Missier permezz ta' Ġesù Kristu (ara Titu 3:6). Aħna ukoll għandna nitolbu lill-Ispirtu s-Santu ħalli jkompli jġeddidna u jsaħħaħna fil-fidi li aħna rċevejna fil-magħmudija tagħna.

Din hija l-verità li xtaq San Pawl iwassal permezz ta' Titu lill-komunità tiegħu fi Kreta u nimmaġina li jixtieq ukoll iwassal lilna f'din is-Sena Pawlina u permezz tal-Missjoni Djoċesana fil-Knisja tagħna f'pajjiżna.


*Il-port ta' Lòutru fi Kreta fejn kien Isqof San Titu. Illum hu post ta' villeġġjatura.*

***Biblijografija***


Dibelius, M. – Conzelmann, H., *The Pastoral Epistles*, Philadelphia (PA) 1972.

Ellis, E.E., "Lettere Pastorali", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 955-966.

Fee, G.D., *The Pastoral Epistles*, Peabody (MA) 1988.

Knight, G.W., *The Pastoral Epistles*, NIGTC, Grand Rapids (MI) 1992.

Marcheselli-Casale C., *Le Lettere Pastorali*, Bologna 1995.





**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**HILITE**
HARDWARE STORE
***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



Għawdex Qabel ir-Ritratti (15)

minn JOHN CREMONA

# Konti Pollakk fil-Ġgantija

**L-ewwel darba li rajt din l-inċiżjoni, li kieku ma kienx fiha t-titlu taħt, ma kontx ngħid li hija ta' Għawdex. Fil-fatt, kont naħseb li min għamel din l-inċiżjoni qatt ma ra l-Ġgantija għax kieku ma kienx juriha kif tidher f'din l-inċiżjoni.**

Kien jumejn qabel il-Milied tas-sena 1777 li l-Konti Johann Michael von Borch telaq minn Messina lejn Malta għal dik li kienet tidher bħala dawra turistika ta' dan il-persunaġġ. Borch kien kittieb metikoluż li jikteb fid-dettall dwar diversi aspetti tal-postijiet li żar. Kien jagħti attenzjoni partikolari lill-istudju tal-mineroloġija imma kien jinteressa ruħu tista' tgħid f'kollox. Id-deskrizzjoni ta' Borch dwar Malta u Għawdex hija x'aktarx l-aktar waħda dettaljata li kienet ġiet stampata sa żmienu.

Matul il-mawra tiegħu f'Malta huwa dar diversi postijiet fosthom San Ġwann, il-palazzi tal-Gran Mastru u l-Imdina. Kumment interessanti huwa dak li jagħmel dwar De Soldanis li kien l-ewwel bibljotekarju tal-Librerija. Borch jgħid li De Soldanis kien ta' karattru rett u serju u fl-1776 il-Bibljoteka diġà kellha manuskritti ta' dizzjunarju tal-Malti miktuba minnu li kienu għadhom qed jistennew biex jiġu stampati. Sal-lum dawn l-erba' volumi għadhom manuskritti fil-Bibljoteka u għadhom qatt ma ġew stampati għalkemm jiffurmaw il-bażi ta' kull dizzjunarju serju li ġie stampat minn awturi oħra.

Fit-3 ta' Jannar qasam lejn Għawdex bil-ħsieb li l-għada jissokta l-vjaġġ lura lejn Sqallija. Arrielu, għax il-maltemp żammu f'Għawdex għal ġimgħa sħiħa. Dan il-maltemp kien providenzjali għax fil-jiem li qatta' f'Għawdex żar bosta postijiet akkumpanjat minn Francesco Gauci. Huwa ħalla deskrizzjoni dettaljata ferm ta' Għawdex fosthom dwar il-koltivazzjoni ta' l-għelieqi bil-qamħ, qoton, ful u qasab taz-zokkor. Huwa jagħti deskrizzjoni tar-Rabat u postijiet interessanti, fosthom il-maħżen ta' l-armi li kien fih 6,000 xkubetta. Huwa ħa disinji tal-iskrizzjonijiet Rumani li ra fiċ-Ċittadella u fir-Rabat u żar postijiet bħaċ-ċimiterju tal-Franċiżi li dwaru nitkellmu darb' oħra u l-Ġgantija. Huwa wera interess partikolari fl-Għerq Sinjur jew il-"*Fungus Melitensis*" li jikber fuq il-Ġebla tal-Ġeneral fid-Dwejra u jippubblika wkoll żewġ inċiżjonijiet ta' din il-pjanta.

L-inċiżjoni li qed nippubblika turi veduta tal-Ġgantija għalkemm ftit li xejn tixxiebah ma' dak li seta' ra fil-verità. Jista' jkun li bejn id-disinn li jkun ħa fuq il-post u bejn ix-xogħol li jagħmel l-inċiżur ikun hemm varjazzjonijiet li jistgħu jispjegaw għalfejn id-disinn ma jaqbel xejn mal-verità. Jista' jkun ukoll li ħafna drabi l-artisti kienu jagħtu stampa idealizzata tal-post skont in-normi ta' dak iż-żmien.




**Il-Konti Borch telaq minn Għawdex fl-10 ta' Jannar 1777 u stampa x-xogħol tiegħu f'żewġ volumi ġewwa Turin fl-1782.**

**L-inċiżjoni hija meħuda mill-ktieb tiegħu "*Lettres sur la Sicilie e sur l'Isle a Malthe*". L-inċiżjonijiet tal-ktieb saru minn Cristoforo dell'Aqua (1734-1787). L-inċiżjoni hija intitolata "*Vue de la Tour des Geants dans l'isle de Gozzo*" u għandha qisien ta' 184 x 120 mm.**

HANDS AT HOME
GAIL BUGEJA
HOME CARE SERVICES
• Professional assistance for all your personal care and domestic needs
• 24 hour service, 7 days per week
• Reliable and trustworthy friendly and flexible
TEL: 21562037 • MOB: 99099076 • E: hahgozo@yahoo.co.uk

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 173
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2009

# Il-ħażna tal-ikel f'Għawdex

**Id-dokument numru mija u tlieta u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hija ittra mibgħuta minn Paolo Testaferrata f'isem il-Pronutar tal-Ordni lill-ġurati tal-Università ta' Għawdex dwar il-ħażna tal-ikel fil-gżira ta' Għawdex. L-ittra hija ddatata 20 ta' Marzu, 1709. Tinsab fil-għaxar volum tal-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 59r (NAG, UG, *Acta,* 10/1708–1709, f. 59r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-ittra:

*M'ha comandato S(ua) A(ltezza) Ser(enissi)ma Pronotario di scrivere alle Signorie Vostre con avisarli, che per doppo le festività della prossima Pasqua, invieranno qui il Mastro Notaro di cotestà Università con tutti i conti delle vettovaglie vendute sin allora e di quello (che) resta nei magazeni (oltre quelle comprato ultimamente con il danaro dell'A.S., de quali ne porterà pure nota della quantità e de loro prezzi) e con nota di quelle vettovaglie, che bisogneranno per servizio del pubico sina li 24 Giugno venturo, giorno della festività di San Giovanni Battista per poter poi qui S.A.S. prendere quelle rosolutioni che stimerà più proprie secondo il presente stato, ne porto a' loro Signori questa notizia, e si compiaceranno darmene l'avisio della ricevuta di questa, per poter ciò partecipare al Serenissimo Procuratore e pregandoli de' loro comandi mi rassegno per sempre.*

*Malta, 20 marzo 1709.*



Ta' interess kbir f'din l-ittra hi l-konferma li l-festi tal-Knisja kienu l-kalendarju bażiku li miegħu kienu jsiru t-transazzjonijiet ta' ħafna ħwejjeġ, inklużi magħhom dak tal-ikel. F'dan il-każ, laqgħa importanti dwar il-provista tal-oġġetti tal-ikel kellha ssir wara l-festi tal-Għid. Paolo Testaferrata, is-segretarju tal-Protonutar tal-Ordni, kiteb lill-ġurati ta' Għawdex biex jinfurmahom li l-Protonutar xtaq illi jiltaqa' man-Nutar tal-Università ta' Għawdex. Is-segretarju jinfurmahom x'tagħrif kien meħtieġ mingħandhom.

L-ewwel, l-Università kellha tipprovdi lista tal-*vettovaglie*, jiġifieri oġġetti tal-ikel, li kienu nbiegħu sal-Għid. Hawnhekk, b'oġġetti tal-ikel qiegħed jirreferi għall-ikel impurtat aktarx minn Sqallija mill-Ordni stess, l-iktar qamħ, xgħir, u maħlut, u xi kultant anki nbid u żejt.

It-tieni, l-Università kellha tagħti rendikont jew lista tal-*vettovaglie* li kienu għadhom ma nbigħux u li kienu għadhom fl-imħażen tagħha.

It-tielet, l-Università ngħatat struzzjoni biex ma ddaħħalx fil-lista l-*vettovaglie* li kienu għadhom kif inxtraw minn flus maħruġa mill-Protonutar (imsemmija fid-dokument **Numru 172**). Ta' dawn kellha ssir lista separata u din kellha turi: il-kwantità li nbiegħet, il-prezzijiet ta' kemm inbiegħet, u kemm kien fadal maħżun.

Ir-raba', l-Università kellha tagħmel previżjoni tal-*vettovaglie* li kienu meħtieġa għall-Għawdxin mill-Għid sa San Ġwann Battista, jiġifieri mill-31 ta' Marzu sal-24 ta' Ġunju, 1709. Hekk il-Protonutar seta' jkellu kwadru ċar tas-sitwazzjoni tal-provista tal-ikel Għawdex ħalli jkun jaf kemm irid jagħmel ordnijiet għax-xiri.

Fl-aħħarnett, Paolo Testaferrata talab lill-Università biex tibgħatlu nota li kienet irċiviet dik l-ittra ħalli hu jkun jista' jinforma lill-Protonutar. Naturalment, il-Ġurati kellhom jinfurmawh ukoll meta kien beħsiebhom jibagħtu lin-Nutar ħalli jkun għamillu l-appuntament mal-Protonutar.

L-awtoritajiet tal-Ordni ta' San Ġwann, kif jidher ċar minn din l-ittra, kienu jagħmlu ħilithom kollha ħalli l-poplu Għawdxi qatt ma jkun imċaħħad mill-oġġetti tal-ikel.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Karmnu Galea Rapa (1895-1991)

Meta wieħed jagħmel żjara lill-knisja ta' Lourdes ġewwa l-Imġarr ma jistax ma jiftakarx fil-ħidma ta' Karmnu Galea Rapa.

Karmnu twieled fit-31 ta' Ottubru 1895 f'Għajnsielem u kif kienet l-użanza tgħammed mill-Arċipriet ta' dakinhar Dun Pietru Pawl Galea. Meta tfarfar beda jattendi l-iskola primarja ta' Għajnsielem u wara għadda għas-Seminarju ta' Għawdex. Ta' min isemmi li qatt ma kien intern jiġifieri joqgħod hemm iżda kien imur għall-iskola biss.

Meta spiċċa l-iskola beda jaħdem fl-Imġarr Għawdex bħala skrivan u matul ħajtu għamel dan ix-xogħol ma' xi tlieta jew erba' negozjanti. Kien bniedem ta' integrità kbira u kien fdat ħafna fix-xogħol tiegħu. Għen kemm felaħ lill-ħaddiema tal-port tal-Imġarr, magħruf bħala x-Xatt. Biex nifhmu dan irridu nġibu quddiem għajnejna s-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien. Għalkemm kien hemm trasport bejn Malta u Għawdex permezz ta' vapur, il-ġarr tal-merkanzija kien isir permezz tad-dgħajjes magħrufa bħala tal-pass jew tal-latini u dan ix-xogħol kien iebes ħafna. Dam jaħdem ta' skrivan sakemm kellu 82 sena. Permezz tal-impjieg tiegħu, huwa ta xhieda verament nisranija fl-onestà tiegħu fuq ix-xogħol.

Kien attiv ħafna fil-parroċċa ta' Għajnsielem. Kien jgħid ir-Rużarju waqt il-quddies, peress li kien jintuża l-Latin, u n-nies kienu jgħidu din it-talba flimkien. Kien jattendi kważi għall-funzjonijiet kollha tal-knisja kif ukoll kien jgħid ir-Rużarju waqt il-purċissjonijiet. Kien jaħdem ukoll għall-festa billi jiġbor il-flus għall-banda u anki għan-nar u jorganizza l-marċ ta' lejliet il-festa. Iżda fil-festa ma kienx ifalli waħda mill-funzjonijiet li jsiru fil-knisja.

Kien devot ħafna tal-Madonna speċjalment taħt it-titlu ta' Lourdes. Serva bħala sagristan tal-knisja tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imġarr għal kważi sittin sena. Qabel ma kien imur għax-xogħol kien imur jiftaħ il-bieb ta' din il-knisja u jħalliha fuq il-kanċell. F'nofs in-nhar waqt il-*break* tax-xogħol kien jerġa' jmur u wara li jispiċċa fil-għaxija kien imur jagħlaqha. Għamel kemm seta' opri biex isebbaħ dan is-santwarju u ħadem biex din il-knisja jkollha sagrestija, artal sabiħ, u sett ta' gandlieri bi stil gotiku biex jintużaw waqt id-dehriet, u l-qniepen. Għal dan il-għan kien imur fuq il-vapur u anki fuq id-dgħajjes tal-pass biex jiġbor xi ħaġa għal dan is-santwarju.

Huwa kien jgħin lil ħuh Mons. Ġużepp Galea Rapa, li kien Rettur ta' din il-knisja fit-tmexxija tiegħu, speċjalment fl-organizzazzjoni tad-dehriet ta' Lourdes. Kien jagħmel ħiltu kollha biex iħeġġeġ lill-Kappillani mhux biss ta' Għawdex iżda anki minn Malta biex jiġu jżuru u jinvistaw lill-Madonna ta' Lourdes.

Matul it-tieni gwerra dinjija, huwa ħadem kemm felaħ biex il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* jitwassal minn Malta u jieħu ħsieb li jasal f'kull raħal ta' Għawdex għand id-distributuri. Dawn imbagħad kienu jqassmuha fid-djar. B'dan il-mod ħadem ukoll biex il-messaġġ nisrani jasal fid-djar b'mod dirett. Kien ħabib ukoll tal-Editur tal-



*Leħen is-Sewwa*, Dun Salv Bartoli, li matul il-gwerra kien refuġjat f'Għajnsielem. Ħadem ħafna sabiex l-attività tat-tberik tal-baħar, li saret għall-ewwel darba bħala parti mill-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li sar fl-1929, tkun apprezzata fost is-sajjieda.

Kien membru attiv tal-Azzjoni Kattolika sa mill-bidu tagħha f'Għawdex. Għamel xi żmien membru wkoll tal-Leġjun ta' Marija. Karmnu kien rispettat ħafna f'Għajnsielem, dejjem jara kif jista' jgħin lil kulħadd.

Tqarbina ma kien jitlifha qatt u kien jisma' aktar minn quddiesa waħda kuljum. Kien bniedem twajjeb, umli u reliġjuż. Ta' min isemmi li kien dilettant kbir tal-knejjes u l-opri li hemm fihom.

Fuq kollox, Karmnu kien bniedem ta' talb. Kien jitlob ħafna għall-qdusija tal-kleru u kellu rispett kbir lejn is-saċerdoti. Barra ħuh, li kien qassis, għandu n-neputi tiegħu wkoll saċerdot, li huwa Dun Tarċies Attard. Fil-mard qatt ma kien jilmenta u kien jieħu kollox minn idejn Alla b'sabar kbir.

Miet fl-Isptar ta' Għawdex fis-27 ta' Frar 1991 fl-età ta' 95 sena u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem.

***Angelo Xuereb***

*(Dan l-artiklu huwa msejjes fuq informazzjoni minn intervista lil Dun Tarċies Attard fl-20 ta' Ottubru 2008 u lil Dun Karm Cassar fis-26 ta' Ottubru 2008).*

Għawdex Online (9)



## Kappelli Għawdxin Online (3)

# Il-Kappella tal-Karmnu f'Ta' Ħamet



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfp@mail.global.net.mt

**Irċevejt diversi *emails* b'tifħir tal-websajt www.kappellimaltin.com. Il-popolarità ta' din il-websajt qed tiżdied, diġà b'madwar 25,000 viżitatur. L-appell tiegħi biex aktar kappelli Għawdxin jiġu miżjuda f'din il-websajt għad ma tat l-ebda frott. Jixraq li r-Retturi jew dawk responsabbli minn dawn il-kappelli jieħdu interess biex jaraw l-Għawdex rappreżentat b'kontribuzzjoni storika dwar kull kappella f'Għawdex li għadha wieqfa.**

Illum naslu wasla fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Ħamet fil-limiti tax-Xewkija fejn insibu kappella l-ġmiel tagħha, minn barra u minn ġewwa. Kappella li għandha importanza storika qawwija għax il-bidu tagħha jeħodna għal żmien it-transizzjoni mill-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri għall-okkupazzjoni Franċiża tal-għżejjer Maltin. L-awtur tal-websajt jippreżenta r-rakkont ta' Dun Jonathan Farrugia b'dettalji ta' dak il-perijodu u li jwassal lil qarrej jifhem għal dak li wassal għall-bini ta' din il-kappella. Minbarra l-Arċipriet Dun Saver Cassar u l-avukat Giuseppe Grima, kien hemm ċertu Liberato Grech li kellu diversi artijiet fl-inħawi fejn illum hemm il-kappella. Dawn it-tlieta kienu mexxew it-taħriġ għar-reżistenza għall-okkupazzjoni Franċiża fil-gżira Għawdxija u li parti minn dak it-taħriġ kien sar f'dar li għadha teżisti sallum u tinsab faċċata tal-kappella.

Liberato, devot tal-Madonna tal-Karmnu, flimkien ma' martu riedu jirringrazzjaw 'l Alla għas-suċċess tar-rewwixta Għawdxija kontra l-Franċiżi u allura nibtet l-idea li tinbena kappella għal dan il-għan. Din kienet l-ewwel kappella b'dan it-titlu f'Għawdex, għalkemm skont is-sit, kien hemm diġà diversi artali dedikati lil Madonna tal-Karmnu f'Għawdex. Nafu li l-knisja tbierket minn iben Liberato, il-Kanonku Salvatore Grech fl-ewwel tas-sena 1837. Il-websajt tagħti x'tifhem li s-servizzi liturġiċi ilhom jingħataw f'din il-kappella sa minn dak iż-żmien.

Fis-sit issib ritratt li juri s-sbuħija sempliċi ta' din il-kappella. Ir-ritratt tal-kwadru titulari mpinġi minn Tommaso Madiona fl-1837 fih fattur interessanti ħafna. Ix-xbieha tal-Madonna u Ġesù bil-labtu tal-Karmnu f'idejhom qegħdin fuq dehra tal-pajsaġġ Għawdxi bil-wiri tal-kappella kif kienet fil-bidu, mingħajr il-kampnari. Toħroġ b'mod brillanti l-idea tal-patroċinju tal-Madonna fuq l-artijiet f'Ta' Ħamet. Matul iż-żmien l-arti fil-kappella żviluppat rabtiet mal-istorja tal-Ordni Karmelitan. Hekk fuq l-art, f'lok prominenti nsibu l-arma ta' dan l-Ordni, mxerred sewwa f'Malta. Il-pittura tas-saqaf, xogħol l-artist Għawdxi Antonio Apap mix-Xagħra hija kopja ta' pittura li tinsab f'Venezja u turi l-Madonna tnewwel lil San Xmun Stock il-labtu. Madwar din il-pittura hemm ukoll dawk tal-qaddisin Karmelitani, Santa Tereża ta' Ġesù, Sant'Anġlu Merici, Sant'Albertu u San Tumas, Martri. Dawn huma kopji ta' pitturi li jinsabu fil-Bażilka tax-Xagħra, rabta sabiħa bejn il-kappella Ta' Ħamet u x-Xagħra, b'għarfien li l-fundaturi u benefatturi tal-kappella Liberato u martu Rosina kienu mix-Xagħra.



Il-kwadru titulari jifforma parti mill-kollezzjoni ta' kwadri tal-Madonna tal-Karmnu fil-websajt tal-Patrijiet Karmelitani *www.karmelitanimalta.org*. Ir-Rettur tal-kappella huwa Mons. Dun Karm Hili. Il-kappella hija s-sede tal-Moviment Ewkaristiku f'Għawdex.

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

TIEQA FUQ L-AMBJENT (9)

# Siġar u Arbuxelli fit-toroq ta' Għawdex (3)



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

F'dan it-tielet artiklu minn din is-sensiela se nagħti daqqa t'għajn lejn ftit speċi oħra ta' arbuxelli u siġar li jsebbħu t-toroq t'Għawdex u l-inħawi li ngħixu fihom. Illum ħafna nies li m'għandhomx roqgħa ħamrija jew ġnien żgħir fil-faċċata tad-dar iħobbu jpoġġu diversi qsari biex iżejnu l-bankina ħdejn il-bieb ta' barra jew iħawlu xi pjanta f'konka jew f'xi toqba fl-art. Hemm mijiet ta' speċi ta' pjanti li n-nies tkabbar fil-qsari u kieku wieħed ikollu jikteb u jsemmi ħafna minnhom kieku din is-sensiela ma tispiċċa qatt. L-għan ta' din is-sensiela huwa li nagħti xi informazzjoni dwar ftit mill-ispeċi ta' arbuxelli u siġar li huma l-iżjed komuni, jew l-iżjed li jagħtu fl-għajn. Wieħed minn dawn l-arbuxelli li ġieli nsibu ma' xi faċċata ta' xi dar huwa wieħed mill-ġeneru xjentifikament imsemmi *Tecoma*.



*Arbuxell tat-Tekoma Ħamra fit-triq tad-Dawwara*

It-**Tekoma Ħamra** hija waħda mill-varjetajiet imnissla bil-kultivazzjoni ta' l-ispeċi magħrufa bl-isem xjentifiku ***Tecoma capensis*** u bl-Ingliż *Cape Honesuckle*. Dan l-arbuxell jikber malajr, u xi drabi jixxabbat bħal dielja u jogħla sa tlett metri. Jagħmel fjuri sbieħ ħomor. Varjetajiet oħrajn imnisslin bil-kultivazzjoni għandhom fjuri oranġjo, oħrajn roża u anke sofor. Il-kulur tagħhom ġeneralment jgħajjat u jikbru f'bukkett żgħir. Twarrad fis-sajf, matul il-ħarifa u anke sax-xitwa. Il-weraq huwa pinnat kompost, aħdar skur u jleqq. Fil-pajjiżi li għandom klima sħuna dan l-arbuxell iħaddar is-sena kollha, iżda fir-reġjuni kesħin iwaqqa' l-weraq. Dan l-arbuxell huwa indiġenu fil-pajjiżi tal-parti t'isfel tal-Afrika u l-qoxra taz-zokk tiegħu kien jintuża tradizzjonalment bħala mediċina kontra l-uġigħ u n-nuqqas ta' rqad.



*Il-fjuri tat-Tekoma Ħamra*

Ħafna nies għandhom f'xi qasrija l-**Arborikola,** pjanta magħrufa xjentifikament bl-isem ***Schefflera arboricola***. Meta din il-pjanta titħawwel fil-ħamrija jew f'xi konka, bħalma jagħmlu x'uħud qrib il-bieb tagħhom, fejn l-għeruq isibu fejn jimirħu, tikber f'arbuxell sabiħ li jħaddar is-sena kollha u jgħola anke sa 4 metri. Għalkemm dan l-arbuxell m'għandux fjuri spettakolari, għandu weraq li jagħti fil-għajn minħabba l-forma tiegħu. Kull werqa tikber fuq zokk tawwali, u tikkonsisti ġeneralment f'disgħa petali li jiffurmaw raġġiera ta' weraq. Mhux magħruf sew liema hu l-pajjiż oriġinali ta' din il-pjanta ornamentali, għalkemm xi botanisti jaħsbu li l-pajjiż indiġenu tagħha huwa t-Taiwan. *Arboricola* u *Dwarf Schefflera* huma tnejn mill-ismijiet Ingliżi ta' din il-pjanta.



*Il-Weraq tal-Arborikola*

Arbuxell li nsibu jikber f'xi ġnub ta' toroq f'Għawdex huwa il-**Pittisporum**. Insibuh qrib il-Kappella tal-Karmnu, fit-toroq li jieħdu għall-Qala, għall-Imġarr, u għal Marsalforn; fil-pjazza prinċipali ta' Għajnsielem, u f'ħafna postijiet oħra.



*Il-fjuri u l-weraq tal-Pittisporum*

L-isem xjentifiku huwa ***Pittisporum tobira*** u bl-Ingliż magħruf b'diversi ismijiet fosthom *Japanese Cheesewood* jew *Japanese Pittisporum*. Dan hu arbuxell folt ħafna u tista' tiffurmah biex jikber qisu siġra żgħira. Meta jitħalla jikber naturali jieħu forma sferika, u jgħola anke sa 4 metri. Il-pajjiżi oriġinali tiegħu huma ċ-Ċina, it-Taiwan, il-Korea u l-Ġappun. Għandu weraq kemxejn iebes u jleqq, aħdar skur u jikber madwar u matul iz-zokk kważi forma ta' spiral. Twarrad għall-aħħar tar-rebbiegħa; bukketti żgħar ta' fjuri bojod, u jfuħu. Id-dehra u r-riħa tagħhom tfakkrek fiż-żahar tas-siġar tal-larinġ, u għalhekk bl-Ingliż tissejjaħ ukoll *Mock Orange*. Il-frotta kannellija tkun qisha kapsula żgħira li meta ssir, biex iżżerra, tinqasam fit-tlieta. Il-**Pittisporum** jiflaħ ħafna għan-nixfa u s-sħana, u anke għar-riħ, tant hu hekk li f'xi pajjiżi jużawha bħala lquħ biex ikennu xtieli oħra. Jintuża ħafna bħala arbuxell ornamentali għax faċli jinżabar biex jingħata sura ta' diversi forom.

Għalkemm is-siġar tal-palm ilhom li ġew introdotti f'Għawdex, f'dawn l-aħħar snin tħawlu numru mhux ħażin ta' diversi speċi minnhom li ġew importati minn ħafna pajjiżi. Is-siġra tal-palm li tagħmel it-tamal li jittiekel, mhix daqstant komuni fil-gżejjer Maltin għalkemm hija siġra oriġinali tal-Afrika ta' Fuq. Waħda mis-siġar tal-palm l-iżjed komuni hija l-**Palma tal-Kanari**. Il-pajjiż oriġinali tagħha huma l-Gżejjer Kanari, fl-Atlantiku, u għalhekk għandha l-isem xjentifikament ***Phoenix canariensis***. Bl-Ingliż magħrufa l-iżjed bl-isem *Canary Palm*, jew *Canary Island Date Palm*. Il-weraq huma ħodor ċari u jkunu milwija ħafna filwaqt li dawk tal-Palma tat-Tamal huma inqas ħodor u aktar ikunu dritti. Il-**Palma tal-Kanari** tħawlet f'diversi nħawi f'Għawdex, fosthom fil-Qala, f'Għajnsielem, fin-Nadur, San Lawrenz, fit-triq li tieħu għax-Xagħra mir-Rabat, malli toħroġ mir-Rabat lejn ta' Pinu, u fi bnadi oħra. Is-siġra tal-palm tintuża ħafna bħala siġra ornamentali minħabba l-forma tagħha.



*Ringiela siġar tal-Palma tal-Kanari fit-triq tax-Xagħra*

Sfortunatament is-siġar tal-palm jistgħu jiġu nfettati minn speċi ta' bumunqar, magħruf bl-Ingliż bl-isem *Red Palm Weevil*, li meta jbejjet f'xi palma, il-larva tiegħu tagħmel ħafna ħsara lis-siġra, tant li maż-żmien toqtolha. F'Malta diġà nqerdu mijiet ta' siġar. F'Awwissu tas-sena li għaddiet il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali ħareġ avviż legali biex kull min għandu xi siġra tal-palm infettata għandu jinforma lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u fi Frar li għadda avviż legali ieħor ordna li kull min għandu xi siġra tal-palm għandu jirreġistraha, biex l-awtoritajiet ikollhom idea ċara kemm hawn siġar tal-palm f'pajjiżna. Dan il-bumunqar qerriedi instab l-ewwel darba f'Malta f'Lulju 2007, imma f'pajjiżi oħra kien ilu jagħmel ħsara u jeqred is-siġar tal-palm. Saħansitra fl-1917 kien diġà meqjus bħala insett li jagħmel ħafna ħsara fl-Indja. Wara nstab fl-Iraq u madwar 25 sena ilu beda jagħmel straġi fis-siġar tal-palm tat-tamal fil-Lvant Nofsani. B'xorti tajba s'issa mhux magħruf li f'Għawdex is-siġar tal-palm huma nfettati minn dan il-bumunqar. Tkun ħasra jekk dawn is-siġar ornamentali jibdew jinqerdu wkoll f'Għawdex għalkemm m'humiex indiġeni.

*(ikompli)*

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102


John Portelli Enterprises Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*APPREZZAMENT*

# Kan. Onorarju Dun Pawl Zerafa



Nhar il-Ġimgħa, 3 t'April 2009 it-tokki kiebja tal-qanpiena l-kbira tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur reġgħet għal darba oħra fi żmien ta' ftit iktar minn xahar ħabbret il-mewt ta' saċerdot ieħor, il-Kan. Onorarju Dun Pawl Zerafa li miet fid-dar ta' ħuh Joe u martu Inez Zerafa li b'għożża u b'imħabba kbira kienu tant jieħdu ħsiebu. Dun Pawl miet matul il-lejl tal-Ħamis 2 t'April 2009. Il-Funeral sar is-Sibt lejliet il-Festa ta' Ħadd il-Palm.

Nistgħu ngħidu li n-Nadur u speċjalment il-Knisja tilfet benefattur kbir. Dun Pawl matul it-tnejn u sittin sena ta' ħajja saċerdotali tiegħu kien bħala saċerdot, ministru tal-kult divin, profeta u gwida għal poplu t'Alla. Dawn il-kelmiet ħarġu minn fomm l-Isqof Mario Grech li ppresieda l-Konċelebrazzjoni sollenni flimkien ma' l-fuq minn erbgħin saċerdot ieħor kemm tal-parroċċa kif ukoll minn diversi parroċċi tad-djoċesi.

Dun Pawl bin Anġlu Zerafa u Karmena nee Vella, twieled nhar l-24 ta' Frar 1923.Dun Pawl hu tewmi ma' Dun Piet. Dun Pawl għad baqalu żewġ ħutu oħra saċerdoti li huma l-Kan. Teologu Piju Zerafa u l-Professur ,il-Kan.Onorarju Pietru Pawl Zerafa O.P.; S.Th.D; S.Sc.D.

Dun Pawl ġie ordnat saċerdot flimkien ma' tlett saċerdoti oħra mill-Parroċċa tan-Nadur, fosthom ħuh it-tewmi Dun Piet, nhar is-Sibt 31 ta'Mejju 1947 fil-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl, li Dun Pawl kien tant iħobb. Xhieda tal-imħabba kbira li kellu lejn l-appostli San Pietru u San Pawl huma d-dekorazzjoni tan-niċċa kif ukoll il-bieba tan-niċċa, kif ukoll il-bankun li fuqu hemm San Pietru u San Pawl. Benefattur ewlieni ta' dawn iż-żewġ opri kbar li sebbħu l-istatwa tant għal qalbna n-Nadurin. Dun Pawl kien saċerdot ta' qalb kbira, ġeneruż u karitattevoli. Ma kienx iħobb idoqq it-trombi dwar il-karità li kien jagħmel imma żgur li l-Imgħallem tiegħu, li Dun Pawl kien ministru tiegħu ppremjah tal-karità li kien jagħmel.

L-Ewwel Quddiesa Sollenni ta' Dun Pawl saret fl-istess ġurnata ta' ħuh Dun Piet nhar l-1 ta' Ġunju 1947. Kollox sar doppju. L-ewwel qaddes Dun Pawl u meta spiċċa beda ħuh Dun Piet. Kellhom il-Mużika ta' Camilleri mmexxija mis-Surmast Ġużeppi Camilleri. Iżda l-Paneġierku sar wieħed, minn Patri Alan Fenech O.P. li ppriedka fil-quddiesa ta' ħuh Dun Piet.

Beda x-xogħol pastorali tiegħu bħal ħuh, bħala viċi-parroku fejn dam sena, sakemm l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace sejjaħlu biex ikun Prefett fis-Seminarju. Hemm kien jgħallem ukoll l-Ingliż u l-Istorja. Dam sentejn jokkupa din il-kariga. Wara reġa' sar viċi-parroku mis-sena 1950 sa sena 1955. Dun Pawl ukoll kien kappillan tal-Isptar mis-sena 1955 sas sena 1985. Wara li rtira mix-xogħol bħala kappillan Dun Pawl reġa' ġie nkarigat mill-kura tal-morda billi kien imur iqarbinhom, iqararhom, jikkonfortahom. Dan ix-xogħol wettqu b'dedikazzjoni liema bħala, avolja ta' ċerta età. Wara l-mewt tal-Kanoniku Dun Salv Curmi li kien Rettur tal-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Pawl ġie maħtur bħala Rettur ta' din il-knisja. Dam iservi mill-10 ta' Diċembru 1989 sal 31 ta' Diċembru 2002. Matul is-snin li dam bħala Rettur tal-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Pawl barra l-kura spiritwali, il-qrar u il-ħeġġa li kellu biex ikabbar id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija, huwa għamel diversi opri sbieħ, fosthom, l-ambone, sedja, u l-altar u l-bankijiet biex hekk ikun hemm iktar ordni fil-knisja. Dun Pawl kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Banda Mnarja sa mit-twaqqif tagħha, mit-22 ta' Frar 1970 sat -18 ta' Jannar 1994. Dun Pawl ukoll kien benefattur tal-Banda u bħala rikonoxximent ġie maħtur bħala President Onorarju ta' din is-Soċjetà li huwa tant kien iħobb, fit-12 ta' Novembru 2005. Ġie maħtur Kanonku Onorarju flimien ma' ħutu l-oħra Dun Piet u l-Professur Patri Pietru Pawl Zerafa O.P bħala kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur fl-14 ta' Marzu 1995.

Kien xieraq li nsemmu dawn il-ħidmiet li Dun Pawl wettaq matul it-tnejn u sittin sena ta' Saċerdozju. Altru li kien ministru fidil tal-Kult Divin. Kien ukoll Profeta għall-Poplu t'Alla u gwida għal tant u tant erwieħ li matul il-ħajja saċerdotali tiegħu min jaf kemm pariri siewja ta, kemm fil-konfessjonarju kif ukoll barra mill-konfessjonarju. Jistrieħ issa fil-Mulej!

***Mons. Salv Pace***

*Irqaqat mill-Imgħoddi*

# "L-Isptar San Ġiljan" fl-istorja ta' l-Isptarijiet Antiki għall-Għawdxin.. Beda jinbena 225 sena ilu... Illum is-Seminarju t'Għawdex!



*kitba ta'* **Dr MARIO SALIBA**

**L-ewwel sptar jew aħjar ospizju żgħir f'Għawdex twaqqaf fl-1454 fuq xewqa testamentali ta' Franġisk Bonniċi li miet fit-22 ta' Frar, 1454 u li ħalla kulma kellu biex jinbena 'sptar' għan-nisa Għawdxin fqar (Atti tan-Nutar Indri Beniamin). Dan l-ospizju kien jikkonsisti biss minn żewġ kmamar. Skont l-istoriku Agius De Soldanis dan l-isptar tan-nisa kien jinsab fit-triq fejn hemm il-Maħżen, sewwa sew taħt is-sagrestija tal-Knisja Kolleġġjata fid-daħla tal-Kastell.**

De Soldanis ikompli jgħid li b'dana kollu ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi dar mibnija tassew taħt għamla ta' sptar, għalkemm huwa tal-fehma li dar ta' din ix-xorta ma setgħetx tiġi mibnija la ġewwa r-Rabat minħabba l-biżà tat-Torok u lanqas fil-parti ta' ġewwa tal-Kastell minħabba d-diq[1]. Milli jidher lanqas tant kien jintuża u l-flus li ħalla Franġisk Bonniċi kienu qed jingħataw għall-karità[2]. Iżda, skont id-Delegat Appostoliku, Monsinjur Pawl Duzzina, wara l-Vista Appostolika li kien għamel f'Għawdex fl-1575, kien semma li żar dan l-ospizju.

Biż-żmien dan l-isptar ħa l-isem ta' San Gusman u San Damjan. Fil-Vista tiegħu, Monsinjur Duzzina ħalla miktub li dan l-isptar seta' jżomm tnax-il ruħ jew ftit iżjed, u hu taħt it-treġija ta' l-Isqof u kellu bżonn 381 skud, ħames tari u ħabbtejn fis-sena bħala spejjeż.

Meta fl-1680 l-Isqof Monsinjur Molina żar il-post sabu battal. Għalhekk huwa ordna biex jerġgħu jinġiebu l-pazjenti fih, u l-fondi mill-'Fundazzjoni Bonniċi' jintużaw




biex ikunu kkurati l-morda f'dan l-isptar. Huwa appella lill-Għawdxin kollha biex jgħinu din l-opra u huwa stess ikkontribwixxa somma flus minn butu għal dan il-għan. Dan l-appell milli jidher ma kienx intlaqa' għax baqa' ma sar xejn. Dan l-ospizju minkejja li dam jeżisti sa l-1778 ma kienx jiffunzjona[3].

F'rapport ippubblikat f'Dresden, il-Ġermanja, minn Hans-Karl von Zwehl fl-1911, fl-okkazjoni tal-Wirja Dwar is-Saħħa li kienet saret f'dik il-belt, kienet saret riferenza għall-fundazzjoni magħmula mill-Gran Mastru Ramon Perellos (1697-1720) permezz ta' Dokument Notarili bid-data tat-22 ta' Diċembru, 1718 u s-16 ta' Ġunju, 1719, biex jitwaqqaf fond għal sptar ġdid li huwa xtaq li jkun immexxi mill-Kavallieri[4]. Il-qassis Għawdxi, Dun Ġammari Camilleri u ħuh Dun Girgor kienu ħallew il-wirt tagħhom biex jibda jinbena dan l-istptar. Il-permess mill-Vatikan wasal permezz tal-bolla tal-Papa Klement XI, li ġġib id-data tat-8 ta' Ġunju, 1720. Ix-xogħol kien inbeda fl-1722 fi żmien il-Gran Mastru Marcantonio Zondadari (1722 1736) u kien tlesta fl-14 ta' Awwissu, 1729 fi żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena (1722 - 1736). Il-Gran Mastru kien ħareġ madwar elf skud biex jitkompla l-bini u biex iforni l-isptar bil-ħwejjeġ meħtieġa[5]. Jingħad li Manoel De Vilhena ċekken il-pjanta għax qal li dan l-isptar kien ġej kbir iżżejjed għall-bżonnijiet tal-Għawdxin.

Donnu l-istorja rrepetiet ruħha meta kienu jibnu l-isptar il-ġdid ta' l-Ibraġġ fil-bidu tas-snin sebgħin; kienu ċekknu l-pjanta oriġinali għax qalu li ġej kbir wisq. Min-naħa l-oħra, għaliex kien hemm dan id-dewmien biex l-isptar il-qadim beda jinbena ma nafux, imma aktarx kienu nuqqas ta' fondi, jew forsi għax f'Għawdex l-affarijiet dejjem kienu jsiru bil-lajma. L-isptar kien jilqa' biss pazjenti irġiel u kien jikkonsisti fi ftit kmamar. **L-isptar beda jilqa' l-morda rġiel fil-1729 u kien issemma għall-qaddisin San Ġwann il-Battista u Sant'Antnin minn Padova. Biex jitfakkar il-ftuħ ta' dan l-isptar għad hemm irħama fil-bitħa ta' l-isptar il-qadim li għadha teżisti sallum. Din l-irħama kienet inkixfet mill-Prinċipessa u Dukessa ta' Edinburgu (illum ir-Reġina Elizabetta II ta' l-Ingilterra), waqt żjara li kienet għamlet f'Għawdex fit-**

**2 ta' April, 1951. Iżda skont De Soldanis l-isptar beda jilqa' l-pazjenti sena qabel ġiġifieri, f'Ġunju 1728[6].**

Fl-1779 ittieħdet deċiżjoni biex jitkabbar l-isptar. Wara ħafna diffikultajiet dan ittella' fuq pjanta li ħażż l-inġinier Henri Mondoion fi żmien il-Granmastru Manwel de Rohan (1775 - 1797) u ssemma għal San Ġwann il-Battista, protettur tal-Ordni tal-Kavallieri[7]. L-ewwel ġebla ta' dan l-isptar tpoġġiet fit-3 ta' Mejju, 1783 u tbierket mill-Isqof V. Labini li ħalla terz mill-wirt tiegħu għal dan l-isptar. Meta tkabbar kellu żewġ swali b'akkomodazzjoni għal ħamsin pazjent kull waħda. Fl-1838, meta kien infetaħ l-isptar il-ġdid iddedikat lil San Ġwann Battista, l-parti l-qadima ta' isfel (tal-irġiel) bdiet tiffunzjona bħala residenza ġerjatrika. Din il-parti l-antika ta' l-isptar, baqgħet magħrufa mill-popolin bħala l-isptar tax-xjuħ. Illum inbidlet f'uffiċini amministrattivi ta' diversi dipartimenti tal-gvern.

L-isptar kellu bżonn daqqa ta' elf u sittin skud fis-sena biex jiffunzjona. Il-morda jingħad li kellhom ikel tajjeb. L-istaff tal-isptar kien jikkonsisti minn żewġ tobba, żewġ kirurgi, kok, għassies, skrivan u ekonomu li kien jieħu ħsieb l-ispejjeż. F'waħda mit-taqsimiet tal-isptar kien igħammar il-kirurgu. Is-sagramenti kienu jingħataw mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Fl-isptar kien hemm żewġ kappelli, waħda ta' Sant'Antnin ta' Padova u l-oħra ta' San Gusman u San Damjan. L-isptar kellu ukoll kċina mdaqqsa[8].

F'Għawdex l-isptar għan-nisa kien dak li kien hemm il-Kastell, iżda dan kien ilu ħafna snin magħluq u għalkemm kien jinħass dan il-bżonn ħadd ma ħa l-inizjattiva. **Kien l-Isqof Pawlu Alferan de Bussan (1728-1758) li fl-1732 ħa ħsieb dan il-bżonn u ġabar fondi flimkien ma' dak li ta zijuh, il-Gran Pirjul tal-Ordni, Fra Melkior Alferan, li ta 1,600 skudi biex jinbena dan l-isptar li kien iddedikat lil San Ġiljan. Din il-fundazzjoni twaqqfet fil-25 ta' Novembru, 1732 għand in-Nutar Ġużeppi Calleja. Dan l-isptar ġdid sab l-appoġġ ta' l-Isqof Vincenzo Labini li laħaq Arċisqof ta' Malta u Għawdex fis-19 ta' Ġunju, 1780. Huwa kkontribwixxa biex jitħallsu terz mill-ispejjeż kollha. Benefatturi oħra ewlenin kienu Dun Ġużepp Agius u oħtu Rosa Pluman. Meta raw hekk l-Għawdxin ukoll ikkontribwew billi taw qoton u prodotti agrikoli għal dan l-isptar. L-isptar beda jinbena fit-3 ta' Mejju, 1783 meta l-Isqof Labini poġġa l-ewwel ġebla tiegħu, u nfetaħ għall-morda fl-20 ta' April, 1787. Dan l-isptar ġie jiswa 6469 skudi, 7 tari u 14 grani (1257.86 Ewro)[9]. Il-prokuratur kien Dun Ġamri Cauchi. Il-post fejn inbena kien ftit 'il barra mir-Rabat fl-għelieqi magħrufa bħala ta' l-Ingieret, fl-inħawi ta' San Martin li llum jagħmlu parti mir-Rabat u parti mill-lokalità tal-Fontana, fejn illum hemm is-Seminarju.**

Il-bini kellu forma ta' l-ittra L. Fil-parti t-twila kien jesa' 50 sodda u fil-parti ż-żgħira kien hemm xi sodod għal mard serju jew nisa agonizzanti. Kien hemm ukoll kċina u żewġ swali tal-ikel li għadhom kif kienu. Il-pazjenti kienu kollha nisa u anke kienu jsiru xi ħlasijiet tat-trabi meta t-tqala kienet tkun ikkumplikata. Dak iż-żmien it-twelid tat-trabi kien isir mill-qwiebla fid-djar. Il-bieb ta' l-isptar kellu kaxxa iddur minn barra għal ġewwa fejn ommijiet kienu jħallu t-trabi tagħhom hemm għax ma setgħux jieħdu ħsiebhom huma. Dan l-isptar baqa' jiffunzjona sat-30 ta' Novembru, 1864. **Meta twaqqfet id-djoċesi ta' Għawdex fis-16 ta' Settembru, 1864 mill-Papa Piju IX, kien hemm problema fejn ser jibnu s-seminarju għall-formazzjoni tal-qassisin. Kien deċiż li jintuża' l-isptar San Ġiljan[10].** Il-pazjenti ttieħdu fl-isptar ta' l-irġiel (Sptar San Ġwann Battista fi Pjazza San Franġisk) li kien qrib. Hekk, dan sar l-isptar prinċipali ta' Għawdex, u kien jilqa' pazjenti kemm nisa u irġiel kif ukoll tfal. Dan l-isptar kien waqaf jiffunzjona bħala sptar fl-1975, meta nfetaħ l-isptar il-ġdid ġenerali f'ta' l-Ibraġġ fil-31 ta' Mejju, 1975. L-isptar il-qadim kien ikkonvertit bħala Ministeru għal Għawdex u uffiċini amministrattivi tal-gvern.



**Għalhekk Triq l-Isptar San Ġiljan fil-Fontana hija msemmija hekk għax propju fil-bidu tagħha kien hemm l-Isptar San Ġiljan tan-nisa fejn illum hemm is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Is-sala l-kbira ta' dan l-isptar kienet mibdula f'sala fejn illum hemm is-sala prinċipali tas-Seminarju u s-sala ż-żgħira kienet konvertita fil-kappella tas-Seminarju. Hekk din it-triq tfakkarna fl-isptar San Ġiljan imma ftit jafu li dan l-isptar huwa parti mill-istorja tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fit-tarf tar-Rabat u fil-bidu tal-Fontana.**

*Referenzi*


1 Agius De Soldanis G.P.F., *Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu,* Miġjub bil-Malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia, p.106.
2 Cassar P, *The Medical History of Malta,* p.68.
3 *Ibid.,* p.68.
4 von Zwehl KH, *The Hospital Services of the Knights,* April 1911, Dresden.
5 Agius De Soldanis G.P.F., *Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu,* Miġjub bil-Malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia, p.109.
6 *Ibid.,* p.109
7 Cassar P, *The Medical History of Malta,* p.68.
8 Agius De Soldanis G.P.F., *Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu,* Miġjub bil-Malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia, p.109-110.
9 Bezzina J., *The Sacred Heart Seminary,* Gaulitana 11, 1991, p.10.
10 *Ibid.,* p.9.

MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX *minn* **Joe Bajada**



# *SK Victoria Wanderers jirbħu t-Tazza Jum il-Ħelsien għall-ewwel darba*

Is-17-il edizzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien rat lil *SK Victoria Wanderers* joħorġu rebbieħa kontra *Sannat Lions* wara l-għoti tal-*penalties*. Kienet logħba li ntlagħbet fi sħana qawwija u dan kompla jillimita l-isforzi taż-żewġ naħat meta kellu jingħata l-ħin barrani. Protagonista f'dan is-suċċess tal-*Wanderers* kien il-*captian goalkeeper* Marlon Mercieca li rnexxielu jsalva tnejn minnhom biex imbagħad kien hu li rċieva t-Tazza minn idejn Alvin Grech, President tal-*Gozo FA*. Għal din il-logħba interessanti, ż-żewġ naħat għamlu ħilithom biex joħolqu l-briju fil-*Gozo Stadium* u t-temp sabiħ kompla jgħin anke minn dan l-aspett. Għal darb'oħra Sannat niżlu mingħajr l-attakkant Fernando de Andrade li għadu qed jirkupra mill-*injury,* waqt li John Camilleri daħal bħala sostitut.

Wara li fl-ewwel minuta xutt ta' Ajibade Adesina kien salvat fil-baxx mill-*goalkeeper* Sannati Paul Galea, l-*Lions* wieġbu b'konklużjoni ta' Mark Muscat li kienet imblukkata minn Marlon Mercieca u ftit wara xutt minn barra l-kaxxa ta' Kevin Loughborough li għadda ftit għoli. Fis-16-il minuta Williams irriskja l-*autogoal* meta f'attentat li jikklerja minn saqajh Sandro Brazilino tefa' l-ballun għall-korner. Il-*Wanderers* wieġbu fil-25 minuta b'azzjoni ta' Ige Adesina u xutt ta' Ajibade Adesina li spiċċa għoli. Fuq in-naħa l-oħra konklużjoni ta' Mark Muscat messieta l-istess xorti. Mbagħad *SK Victoria* fetħu l-iskor fit-30 minuta meta minn *through pass* ta' Ige Adesina, **Ajibade Adesina** b'xutt angulat fil-baxx għeleb lil Paul Galea. Sannat wettqu reazzjoni fejn wara li *freekick* ta' Eman Bugeja spiċċa għoli, fit-38 minuta kisbu d-*draw* meritat meta **Kevin Loughborough** wara li kkontrolla tajjeb il-ballun, b'xutt nofs għoli għeleb lil Mercieca.

It-tieni taqsima baqgħet interessanti bħal l-ewwel waħda fejn wara tliet minuti Franco Magrin wara li dar mal-*goalkeeper* Galea sab lil Kevin Loughborough li kklerjalu għal korner. Sannat wieġbu fit-8 minuta b'tentattiv ta' Mark Muscat li kien imblukkat minn David Monday u minuta wara konklużjoni ta' Benneth Njoku spiċċat ftit barra. Fuq in-naħa fit-13-il minuta f'risposta tal-*Wanderers* Simon Gatt ikkonkluda mal-ġenb tax-xibka u tliet minuti wara għal darb'oħra Magrin waħdu fil-kaxxa kkonkluda ftit barra bil-*goalkeeper* Galea ħiereġ fuqu. Fl-20 minuta xutt fil-baxx ta' Ige Adesina li spiċċa mal-ġenb tax-xibka. Fil-25 minuta *freekick* ta' Kevin Loughborough kien salvat b'diffikultà għal korner minn Marlon Mercieca. F'risposta tal-*Wanderers* huma resqu viċin fil-35 minuta bi *freekick* ta' Joseph Vella li kien ikklerjat b'diffikultà minn Galea u mir-*rebound* Joseph Refalo bir-ras xeħet barra u minuta wara l-istess *goalkeeper* Sannati Galea mblokka *freekick* ieħor ta' Joseph Vella. Żewġ minuti fuq il-ħin regolamentari *freekick* ta' Loughborough għadda ftit għoli biex il-partita daħlet għal ħin barrani.



F'dan il-ħin mogħti żejjed bl-għejja tibda tidher fuq il-*players* fejn kienu Sannat li żammew l-inizjattiva bi Brazilino jixħet għoli, u Mercieca caħħadhom meta wettaq *save* tajjeb fuq xutt minn barra l-kaxxa ta' Loughborough. Il-*Wanderers* wieġbu b'suġġeriment ta' Ige Adesina bir-ras lejn Joseph Vella li tefa' barra minn ħalq il-lasta u mbagħad Adesina bir-ras xeħet ftit għoli.

Fit-tieni taqsima ta' dan il-ħin barrani, r-ritmu naqas ħafna u kollox kien jindika li ser tkun il-lotterija tal-*penalties* li tiddeċiedi l-assezjazzjoni ta' dan l-unur. Għal *SK Victoria* skurjaw il-*penalties* Marvin Grech, Chris Sciortino, Ajibade Adesina u Ige Adesina, mentri Joseph Vella kellu t-tentattiv tiegħu salvat minn Paul Galea. Għal Sannat skurjaw Sabri Rais, Mario Azzopardi u Benneth Njoku, mentri l-*penalties* ta' John Camilleri u Kevin Loughborough kienu innewtralizzati minn Marlon Mercieca.

Fi tmiem il-finali l-President tal-*Gozo FA* Alvin Grech li kien assistit minn Joe Bajada, Segretraju Ġenerali, ppreżenta t-Tazza Jum il-Ħelsien lil Marlon Mercieca fost il-briju tal-partitarji tagħhom.



# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti b'ħajr lil Joe Sultana,*
*Joseph J.P. Zammit,*
*u Lynda C. Roseblade*













## 5. MEJJU

*Mejju x-xahar tar-riħ u r-riefnu*
*xahar li jfewwaħ kullimkien,*
*xahar il-fjuri tar-rebbiegħa*
*fi sbuħithom l-oħla ġmiel.*

*Mejju x-xahar tax-xbejba safja*
*li lil binha radditilna*
*u nqimuha bl-oħla mħabba*
*għax il-fidwa ġabitilna.*

*F'Mejju nfakkru 'l Verġni Mbierka*
*li f'Pompej niżlet tkellimna*
*bir-Rużarju ġewwa jdejha*
*biex il-grazzji tmur troddilna.*

*Mejju jaf ikedd lill-bidwi*
*jekk b'irjieħu ħerba jġib*
*qalb l-għelejjel, qalb ir-raba';*
*fama jitlef ta' ħabib.*

*Mejju x-xahar li jrodd tbissima*
*fuq l-għoljiet, qalb il-widien,*
*kollox jerġa' jieħu l-ħajja;*
*ward ifewwaħ kullimkien.*

# Djamanti ta' Għawdex

## SEBĦET IR-REBBIEGĦA FIN-NATURA GĦAWDXIJA









# Ġo Fatima ...

IN FRACTIONE PANIS

## Pellegrinaġġ Nazzjonali għal Fatima u Santiago de Compostela organizzat mid-Djoċesi ta'Għawdex u mmexxi minn Mons. Isqof Mario Grech

**mit-Tlieta 25 ta' Awwissu sat-Tlieta 1 ta' Settembru 2009**

*Titjira diretta lejn Fatima*

*Minbarra jiem għeżież ġo Fatima, jkollna wkoll żjajjar lill-Miraklu Ewkaristiku ta' Santarem, Lisbona, Batalha, Alcobaca, Nazare`, Tomar, Oporto u Santiago Compostela.*

*Lura lejn Malta permezz ta' titjira diretta minn Santiago de Compostela*

**Aktar dettalji u bookings:**

- l-Arċipriet jew Kappillan tal-Parroċċa
- il-Kurja tal-Isqof, Għawdex
  *Tel: 2155 1211*
- Dun Ġwann Sultana
  *Mob: 9982 6350*

***Titlifx din l-esperjenza unika f'riġlejn Ommna Marija ġo Fatima***